

Brussell, 7 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9934/22
ADD 1

AVIATION 109
DELECT 85

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ġunju 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 3234 final - Annexes
Suġġett:	ANNESI tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' rekwiżiti aktar proporzjonati għall-inġenji tal-ajru użati għall-avjazzjoni sportiva u rikreazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3234 final - Annexes.

Mehmuż: C(2022) 3234 final - Annexes



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2022
C(2022) 3234 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' rekwiżiti aktar proporzjonati għall-inġenji tal-ajru użati għall-avjazzjoni sportiva u rikreazzjonali

ANNEX I

L-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima A, is-Subparti G hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 21.A.133 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“21.A.133 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna naturali jew legali (“organizzazzjoni”) tista’ tkun eliġibbli bħala applikant għal approvazzjoni taħt din is-Subparti. L-applikant għandu:

- (a) jiġġustifika li, għal ambitu definit ta’ xogħol, approvazzjoni skont din is-Subparti tkun xierqa għall-finijiet ta’ turija ta’ konformità ma’ disinn speċifiku; u
- (b) ikollu jew ikun applika għal approvazzjoni ta’ dak id-disinn speċifiku; jew
- (c) ikun iddikjara jew ikollu l-intenzjoni li jiddikjara l-konformità ta’ dak id-disinn speċifiku f’konformità mas-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light); jew
- (d) ikun żgura koordinazzjoni sodisfaċenti bejn il-produzzjoni u d-disinn, permezz ta’ arranġament xieraq ma’:
 - (1) l-applikant għal, jew id-detentur ta’, approvazzjoni ta’ dak id-disinn speċifiku maħruġ f’konformità ma’ dan ir-Regolament; jew
 - (2) il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun għamlet dikjarazzjoni tal-konformità ta’ dak id-disinn speċifiku f’konformità mas-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light).”;

(b) fil-punt 21.A.139, il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(d) bħala parti mill-element ta’ ġestjoni tal-kwalità tas-sistema ta’ ġestjoni tal-produzzjoni, l-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha:

- 1. tiżgura li kull prodott, parti jew tagħmir li jiġi prodott mill-organizzazzjoni jew mis-sħab tagħha, jew fornit minn partijiet esterni jew sottokuntrattat lilhom, ikun konformi mad-*data* tad-disinn applikabbli u jkun f’kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu, u teżerċita l-privileġġi kif iddefiniti fil-punt 21.A.163;
- 2. tistabbilixxi, timplimenta u żżomm, kif xieraq, fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-approvazzjoni, proċeduri ta’ kontroll:
 - (i) għall-ħruġ, l-approvazzjoni jew it-tibdil ta’ dokument;
 - (ii) għall-awditjar u l-kontroll tal-valutazzjoni tal-bejjiegħ u tas-sottokuntrattur;
 - (iii) għall-verifika li l-prodotti, il-partijiet, il-materjali u t-tagħmir li jkunu qed jaslu, inklużi dawk l-oġġetti, ġodda jew użati, li jiġu furnuti minn xerrejja ta’ prodotti, ikunu kif speċifikat fid-*data* tad-disinn applikabbli;
 - (iv) għall-identifikazzjoni u għat-traċċabbiltà;
 - (v) għall-metodi ta’ manifattura;

- (vi) għall-ispezzjoni u għall-ittestjar, inklużi testijiet tat-titjira tal-produzzjoni;
 - (vii) għall-kalibrazzjoni ta' għodda, jigs u tagħmir tat-test;
 - (viii) għall-kontroll fuq oġġetti li ma jkunux konformi;
 - (ix) għall-koordinazzjoni tal-ajrunavigabbiltà ma':
 - (A) l-applikant għal approvazzjoni tad-disinn jew id-detentur ta' din;
 - (B) il-persuna fiżika jew ġuridika li għamlet dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light);
 - (x) għat-tlestija u għaż-żamma tar-rekords;
 - (xi) għall-kompetenza u għall-kwalifiki tal-persunal;
 - (xii) għall-ħruġ ta' dokumenti ta' rilaxx tal-ajrunavigabbiltà;
 - (xiii) għall-immaniġġjar, għall-ħażna u għall-ippakkjar;
 - (xiv) għall-awditi interni tal-kwalità u għall-azzjonijiet korrettivi li jirriżultaw;
 - (xv) għax-xogħol fit-termini tal-approvazzjoni li jkun sar fi kwalunkwe post għajr il-faċilitajiet approvati;
 - (xvi) għax-xogħol li jkun sar wara t-tlestija tal-produzzjoni iżda qabel il-kunsinna, biex l-inġenju tal-ajru jinżamm f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu;
 - (xvii) għall-ħruġ ta' permess għat-titjir u ta' approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir assoċjati.
3. tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi fil-proċeduri ta' kontroll għal kwalunkwe parti kritika.”;
- (c) fil-punt 21.A.145, il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:
- “(b) fir-rigward tad-*data* kollha neċessarja tal-ajrunavigabbiltà u tal-protezzjoni ambjentali:
1. l-organizzazzjoni tal-produzzjoni tirċievi tali *data* mill-Aġenzija u mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat tat-tip ristrett jew tal-approvazzjoni tad-disinn, jew mill-applikant għaliha, maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament jew persuna fiżika jew ġuridika li għamlet dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn skont is-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), inkluża kwalunkwe eżenzjoni mogħtija skont ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali, sabiex tiġi ddeterminata l-konformità mad-*data* tad-disinn applikabbli;
 2. l-organizzazzjoni tal-produzzjoni stabbiliet proċedura sabiex tiżgura li d-*data* tal-ajrunavigabbiltà u tal-protezzjoni ambjentali tiġi inkorporata b'mod korrett fid-*data* tal-produzzjoni tagħha;

3. din id-*data* tinżamm aġġornata u tkun disponibbli għall-persunal kollu li jkun jeħtieġ jaċċessa din id-*data* sabiex iwettaq dmirijietu.”;

(d) il-punt 21.A.163 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“21.A.163 Privileġġi

Skont it-termini tal-approvazzjoni maħruġa fil-punt 21.A.135, id-detentur ta’ approvazzjoni ta’ organizzazzjoni tal-produzzjoni jista’:

- (a) iwettaq attivitajiet ta’ produzzjoni skont dan l-Anness jew l-Anness Ib (il-Parti 21 Light);
- (b) fil-każ ta’ inġenji tal-ajru kompluti u ċertifikati għat-tip u mal-preżentazzjoni ta’ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52 tal-EASA) maħruġa skont il-punti 21.A.174 u 21.A.204 ta’ dan l-Anness jew skont il-punti 21L.A.143(c) u 21L.A.163 tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), jikseb ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru u ċertifikat tal-ħoss mingħajr aktar wiri;
- (c) fil-każ ta’ prodotti, ta’ partijiet jew ta’ tagħmir oħrajn, joħroġ ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) skont dan l-Anness (il-Parti 21) jew skont l-Anness Ib (il-Parti 21 Light) mingħajr aktar wiri;
- (d) fil-każ ta’ inġenju tal-ajru li jkun soġġett għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn skont il-punt 21L.A.43 tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) u mal-preżentazzjoni ta’ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) maħruġa skont il-punti 21L.A.143(d) u 21L.A.163 tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), jikseb ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett tal-inġenju tal-ajru u ċertifikat tal-ħoss ristrett mingħajr aktar wiri;
- (e) fil-każ ta’ prodotti jew ta’ partijiet li għandhom jiġu installati fuq inġenju tal-ajru li jkun soġġett għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn skont il-punt 21L.A.43 tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), joħroġ ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) skont l-Anness Ib (il-Parti 21 Light) mingħajr aktar wiri;
- (f) iżomm inġenju tal-ajru ġdid li huwa jkun iproduċa u joħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz (il-Formola 53 tal-EASA) fir-rigward ta’ dik iż-żamma;
- (g) skont proċeduri tal-produzzjoni maqbula mal-awtorità kompetenti tiegħu għall-produzzjoni, għal inġenju tal-ajru li jkun iproduċa u meta l-organizzazzjoni tal-produzzjoni nfisha tkun qiegħda tikkontrolla skont l-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni tagħha l-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru u tkun qiegħda tattesta l-konformità mal-kundizzjonijiet tad-disinn approvati għat-titjira, joħroġ permess għat-titjir f’konformità mal-punt 21.A.711(c), inkluża l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir f’konformità mal-punt 21.A.710(b).”;

(e) il-punt 21.A.165 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“21.A.165 Obbligi tad-detentur

Skont it-termini tal-approvazzjoni maħruġa fil-punt 21.A.135, id-detentur ta’ approvazzjoni ta’ organizzazzjoni tal-produzzjoni għandu:

- (a) jiżgura li l-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni pprovduta f'konformità mal-punt 21.A.143 u d-dokumenti li tirreferi għalihom, jintużaw bħala dokumenti bażiċi tax-xogħol fi ħdan l-organizzazzjoni;
 - (b) iżomm l-organizzazzjoni tal-produzzjoni f'konformità mad-*data* u mal-proċeduri approvati għall-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni;
 - (c)
 1. jistabbilixxi li kull inġenju tal-ajru komplut ikun konformi mad-disinn tat-tip u li jkun f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu qabel ma jissottometti d-dikjarazzjonijiet tal-konformità lill-awtorità kompetenti; jew
 2. jara li prodotti, partijiet jew tagħmir ieħor ikun komplut u konformi mad-*data* tad-disinn approvata u mad-*data* tad-disinn iddikjarata li dawn ikunu f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr l-ebda periklu qabel il-ħruġ tal-Formola 1 tal-EASA sabiex tkun ċertifikata l-konformità mad-*data* tad-disinn approvata u l-kundizzjoni għal operazzjoni sikura;
 3. barra minn hekk, fil-każ tar-rekwiżiti ambjentali, jiddetermina li:
 - (i) il-magna lesta hija konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-emissjonijiet tal-egżost tal-magna fid-data tal-manifattura tal-magna; u
 - (ii) l-ajruplan lest huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-emissjonijiet tas-CO₂ fid-data meta jinħareġ l-ewwel ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tiegħu.
 4. jara li prodotti, partijiet jew tagħmir ieħor huma konformi mad-*data* applikabbli qabel il-ħruġ tal-Formola 1 tal-EASA bħala ċertifikat ta' konformità;
 - (d) jipprovdi assistenza lid-detentur ta' ċertifikat tat-tip jew ta' approvazzjoni oħra tad-disinn jew lil persuna fiżika jew ġuridika li tkun għamlet dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn skont is-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) fit-trattament ta' kwalunkwe azzjoni kontinwa tal-ajrunavigabbiltà li tkun relatata mal-prodotti, mal-partijiet jew mat-tagħmir li jkunu ġew prodotti;
 - (e) meta, skont it-termini tal-approvazzjoni tiegħu, id-detentur ikun biħsiebu joħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz, jistabbilixxi li kull inġenju tal-ajru komplut ikun ġie soġġett għall-manutenzjoni neċessarja u li dan ikun f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu, qabel ma joħroġ iċ-ċertifikat;
 - (f) fejn ikun applikabbli, skont il-privileġġ tal-punt 21.A.163(e), jiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom ikun jista' jinħareġ permess għat-titjir;
 - (g) fejn ikun applikabbli, skont il-privileġġ tal-punt 21.A.163(e), jistabbilixxi konformità mal-punti 21.A.711(c) u (e) qabel ma joħroġ permess għat-titjir għal inġenju tal-ajru;
 - (h) jikkonforma mas-Subparti A ta' din it-Taqsima.”;
- (2) fit-Taqsima A, is-Subparti H hija emendata kif ġej:

- (a) il-punt 21.A.171 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“21.A.171 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà għal inġenji tal-ajru li jikkonformaw ma' ċertifikat tat-tip li jkun inħareġ f'konformità ma' dan l-Anness.”;

- (b) fil-punt 21.A.174, il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(b) kull applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għandha tinkludi:

1. il-klassi taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà li għalih tkun saret l-applikazzjoni;
2. fir-rigward ta' inġenju tal-ajru ġdid:
 - (i) dikjarazzjoni tal-konformità:
 - maħruġa skont il-punt 21.A.163(b); jew
 - maħruġa skont il-punt 21.A.130 u vvalidata mill-awtorità kompetenti; jew
 - għal inġenju tal-ajru importat, dikjarazzjoni tal-konformità maħruġa skont il-punt 21.A.163(b) jew, f'każ ta' inġenju tal-ajru importat f'konformità mal-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament, dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorità li tesporta li l-inġenju tal-ajru jikkonforma ma' disinn approvat mill-Aġenzija;
 - (ii) rapport dwar il-piż u l-bilanċ bi skeda tat-tagħbija u;
 - (iii) il-manwal tat-titjira, meta dan ikun meħtieġ mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli għal dak l-inġenju tal-ajru partikolari.
3. fir-rigward ta' inġenju tal-ajru użat li joriġina minn:
 - (i) Stat Membru, ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) jew mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014¹;
 - (ii) Stat li ma huwiex Stat Membru:
 - dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn l-ajruplan huwa rreġistrat jew kien irreġistrat, li tkun tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru fir-reġistru tiegħu fiż-żmien tat-trasferiment;
 - rapport dwar il-piż u l-bilanċ bi skeda tat-tagħbija;
 - il-manwal tat-titjira meta tali manwal ikun meħtieġ mill-kodiċi tal-ajrunavigabbiltà għall-inġenju tal-ajru;

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

- ir-rekords storiċi sabiex jiġi stabbilit l-istandard tal-produzzjoni, tal-modifika u tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru, inklużi l-limitazzjonijiet kollha assoċjati ma’ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett maħruġ f’konformità mal-punt 21.B.327;
- rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta’ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ta’ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett u għal ċertifikat ta’ reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f’konformità mal-Anness I (il-Parti- M) jew mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014;
- id-data meta nħareġ l-ewwel ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u, jekk japplikaw l-istandards tal-Volum III tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, id-*data* tal-valur metriku tas-CO2.”;

(3) fit-Taqsima A, is-Subparti I hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 21.A.201 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“21.A.201 Kamp ta’ applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta’ ċertifikati tal-ħoss għal inġenji tal-ajru li jikkonformaw ma’ ċertifikat tat-tip li jkun inħareġ f’konformità ma’ dan l-Anness.”;

(b) fil-punt 21.A.204, il-punt (b) huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“(b) kull applikazzjoni għandha tinkludi:

1. fir-rigward ta’ inġenju tal-ajru ġdid:

(i) dikjarazzjoni tal-konformità:

- maħruġa skont il-punt 21.A.163(b); jew
- maħruġa skont il-punt 21.A.130 u vvalidata mill-awtorità kompetenti; jew
- għal inġenju tal-ajru importat, dikjarazzjoni tal-konformità maħruġa skont il-punt 21.A.163(b) jew, f’każ ta’ inġenju tal-ajru importat f’konformità mal-Artikolu 9(4) ta’ dan ir-Regolament, dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorità li tesporta li l-inġenju tal-ajru jikkonforma ma’ disinn approvat mill-Aġenzija; u

(ii) l-informazzjoni dwar il-ħoss stabbilita f’konformità mar-rekwiżiti applikabbli dwar il-ħoss;

2. fir-rigward ta’ inġenju tal-ajru użat:

(i) l-informazzjoni dwar il-ħoss stabbilita f’konformità mar-rekwiżiti applikabbli dwar il-ħoss; u

- (ii) rekords storiċi sabiex ikun stabbilit l-istandard tal-produzzjoni, tal-modifikazzjoni u tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru.”;
- (4) fit-Taqsima A, is-Subparti J hija emendata kif ġej:
- (a) il-punt 21.A.233 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“21.A.233 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna naturali jew legali (“organizzazzjoni”) tista’ tkun eliġibbli bħala applikant għal approvazzjoni taħt din is-Subparti:

- (a) sabiex tintwera l-konformità mal-punti 21.A.14, 21.A.112B, 21.A.432B jew 21.A.602B ta’ dan l-Anness; jew
 - (b) sabiex tintwera l-konformità mal-punti 21L.A.23, 21L.A.83 jew 21L.A.204 tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light); jew
 - (c) għall-finijiet tal-kisba tal-privileġġi skont il-punt 21.A.263 rigward l-approvazzjoni ta’ bidliet minuri jew ta’ disinn minuri tat-tiswija, jew joħroġu dikjarazzjonijiet tal-konformità rigward bidliet minuri jew disinn minuri ta’ tiswija ta’ ingeni tal-ajru li għalihom tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f’konformità mas-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light).”;
- (b) fil-punt 21.A.239, il-punt (d) huwa ssostitwit b’dan li ġej]:

“(d) bħala parti mill-element ta’ assigurazzjoni tad-disinn tas-sistema ta’ ġestjoni tad-disinn, l-organizzazzjoni tad-disinn għandha:

1. tistabilixxi, timplimenta u żżomm sistema għall-kontroll u s-sorveljanza tad-disinn, u tal-bidliet fid-disinn u t-tiswijiet, tal-prodotti, tal-partijiet u tat-tagħmir koperti mit-termini tal-approvazzjoni; din is-sistema għandha:
 - (i) tinkludi funzjoni tal-ajrunavigabbiltà li tkun responsabbli li timmaniġġja d-disinn tal-prodotti, tal-partijiet u tat-tagħmir, jew il-bidliet fid-disinn u t-tiswijiet, ikunu konformi mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jikkonċernaw il-ħruġ tad-dikjarazzjonijiet, mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-*data* dwar l-adegwatezza operattiva applikabbli u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali;
 - (ii) tiżgura li teżegwixxi kif xieraq ir-responsabbiltajiet tagħha f’konformità ma’ dan l-Anness u mat-termini tal-approvazzjoni maħruġa skont il-punt 21.A.251;
2. tistabilixxi, timplimenta u żżomm funzjoni ta’ verifika indipendenti għall-wiri tal-konformità li, fuq il-bażi tagħha, l-organizzazzjoni tiddikjara l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-ajrunavigabbiltà, tad-*data* tal-adegwatezza operattiva u tal-protezzjoni ambjentali; u
3. tispeċifika l-mod li bih is-sistema ta’ assigurazzjoni tad-disinn tqis l-aċċettabbiltà tal-partijiet jew tat-tagħmir iddisinjati, jew il-kompiti li jitwettqu mis-*sħab* jew mis-sottokuntratturi tagħha skont il-metodi li jkunu s-suġġett ta’ proċeduri bil-miktub.”;

(c) il-punt 21.A.263 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“21.A.263 Privileġġi

(a) (Riżervat)

(b) (Riżervat)

(c) Id-detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn għandu jkun intitolat, fi ħdan l-ambitu tat-termini tal-approvazzjoni tiegħu, maħruġin skont il-punt 21.A.251, u skont il-proċeduri rilevanti tas-sistema ta' ġestjoni tad-disinn:

1. jikklassifika l-bidliet f'ċertifikat tat-tip jew f'ċertifikat tat-tip supplementari u d-disinji tat-tiswijiet bħala “maġġuri” jew “minuri”;
2. japprova bidliet żgħar f'ċertifikat tat-tip jew f'ċertifikat tat-tip supplementari u disinji tat-tiswija minuri skont dan l-Anness (il-Parti 21) jew skont l-Anness Ib (il-Parti 21 Light);
3. jiddikjara l-konformità ta' bidla minuri jew ta' tiswija minuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn mid-dikjarant skont il-punt 21L.A.43 tas-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light);
4. jiddikjara l-konformità ta' disinn mibdul ta' inġenju tal-ajru, f'konformità mal-punt 21L.A.43 tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), f'każ li l-persuna fiżika jew ġuridika li oriġinarjament tkun għamlet dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn fir-rigward ta' dak l-inġenju tal-ajru skont il-punt 21L.A.43 tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) ma tibqax attiva jew ma tweġibx għal talbiet għad-dikjarazzjoni tal-konformità ta' bidliet fid-disinn;
5. japprova ċerti disinji tat-tiswija maġġuri skont is-Subparti M ta' dan l-Anness għal prodotti jew għal sistemi ta' potenza awżiljari (APUs);
6. japprova l-kundizzjonijiet tat-titjir għal ċerti inġenji tal-ajru, li skonthom jista' jinħareġ permess tat-titjir skont il-punt 21.A.710(a)(2), għajr il-permessi tat-titjir li jkunu se jinħarġu għall-iskop tal-punt 21.A.701(a)(15);
7. joħroġ permess tat-titjir skont il-punt 21.A.711(b) għal inġenju tal-ajru li huwa jkun iddisinja jew immodifika, jew li għalih ikun approva, f'konformità mal-punt 21.A.263(c)(6), il-kundizzjonijiet tat-titjir li fihom jista' jinħareġ permess tat-titjir, u meta huwa stess bħala d-detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn:
 - (i) ikun jikkontrolla l-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru, u
 - (ii) jattesta l-konformità mal-kundizzjonijiet tad-disinn approvati għat-titjira;
8. japprova ċerti bidliet maġġuri f'ċertifikat tat-tip skont is-Subparti D ta' dan l-Anness jew skont is-Subparti D tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light); u

9. joħroġ ċerti ċertifikati tat-tip supplementari skont is-Subparti E ta' dan l-Anness jew skont is-Subparti E tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) u japprova ċerti bidliet maġġuri f'dawk iċ-ċertifikati.”;

(d) fil-punt 21.A.265, il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(c) jiddetermina li d-disinn tal-prodotti, jew tal-bidliet jew tat-tiswijiet li jsiru lilhom, jikkonforma mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jikkonċernaw it-tfassil tad-dikjarazzjonijiet, mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-*data* dwar l-adeqwatezza operattiva, u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli, u ma jkollu l-ebda karatteristika mhux sikura;”;

(5) fit-Taqsima A, fis-Subparti K, fil-punt 21.A.307, jiddaħħal il-punt (b)(7) li ġej:

“7. parti jew tagħmir manifatturat minn persuna jew minn organizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament;”;

(6) Fl-Appendiċi I, it-test fit-titolu “Struzzjonijiet għall-użu tal-Formola 1 tal-EASA” huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Dawn l-istruzzjonijiet jirrigwardaw biss l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' produzzjoni. Tinġibed l-attenzjoni lejn l-Appendiċi II tal-Anness (il-Parti M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 li jkopri l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' manutenzjoni.

1. SKOP U UŻU

- 1.1. Skop ewlieni taċ-ċertifikat huwa li jiddikjara l-airworthiness ta' prodotti, ta' partijiet u ta' tagħmir tal-avjazzjoni ġodda (“l-oġġett(i)”).
- 1.2. Trid tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn iċ-ċertifikat u l-oġġett(i). L-entità li toħroġ iċ-ċertifikat jeħtiġilha żżomm ċertifikat f'forma li tippermetti l-verifika tad-*data* oriġinali.
- 1.3. Iċ-ċertifikat huwa aċċettabbli għal bosta awtoritajiet tal-ajrunavigabbiltà, iżda jista' jkun dipendenti fuq ftehimiet bilaterali u/jew fuq il-politika tal-awtorità tal-ajrunavigabbiltà.
- 1.4. Iċ-ċertifikat ma huwiex dokument ta' kunsinna jew ta' trasport.
- 1.5. L-inġenji tal-ajru ma għandhomx jiġu rilaxxati permezz taċ-ċertifikat.
- 1.6. Iċ-ċertifikat ma jikkostitwixxi approvazzjoni għall-installazzjoni tal-oġġett fuq ingenu tal-ajru, magna jew skrun partikolari, iżda jgħin sabiex l-utent aħħari jkun jista' jiddeċiedi x'inhu l-istatus tal-approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà tiegħu.
- 1.7. Ma huwiex permess li fuq l-istess ċertifikat ikun hemm taħlita ta' oġġetti ddikjarati bħala rilaxxati għall-produzzjoni u ta' oħrajn iddikjarati bħala rilaxxati għall-manutenzjoni.
- 1.8. Ma huwiex permess li fuq l-istess ċertifikat ikun hemm taħlita ta' oġġetti ċċertifikati f'konformità ma' “*data* approvata” u ta' oħrajn iċċertifikati b’“*data* mhux approvata”.

2. FORMAT ĠENERALI

- 2.1. Iċ-ċertifikat irid ikun konformi mal-format meħmuż, inklużi n-numri tal-kaxxi u l-pożizzjoni ta' kull kaxxa. Madankollu, id-daqs ta' kull kaxxa jista' jiġi aġġustat skont il-ħtieġa tal-applikazzjoni individwali, iżda mhux tant li ċ-ċertifikat ma jibqax jintgħaraf.
 - 2.2. Iċ-ċertifikat irid ikun f'format mimdud ("landscape"), iżda d-daqs globali jista' jitkabbar jew jiċċekken b'mod sinifikanti, dment li ċ-ċertifikat jibqa' jintgħaraf u leġġibbli. F'każ ta' dubju, staqsi lill-awtorità kompetenti.
 - 2.3. Id-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-utent/tal-installatur tista' titqiegħed fuq kwalunkwe naħa tal-formola.
 - 2.4. L-istampar irid ikun ċar u leġġibbli sabiex ikun jista' jinqara faċilment.
 - 2.5. Iċ-ċertifikat jista' jkun jew stampat minn qabel jew magħmul permezz ta' kompjuter, iżda fi kwalunkwe każ, l-istampar tal-linji u tal-karattri għandu jkun ċar u leġibbli u konformi mal-format iddefinit.
 - 2.6. Iċ-ċertifikat għandu jkun bl-Ingliż, u meta xieraq, b'lingwa oħra jew aktar.
 - 2.7. Id-dettalji li għandhom jitniżżlu fuq iċ-ċertifikat jistgħu jiġu stampati permezz ta' magna/kompjuter jew miktubin bl-idejn, b'ittri majjuskoli u li jippermettu li jinqraw faċilment.
 - 2.8. Għal aktar ċarezza, it-taqsir ta' kliem għandu jintuża mill-anqas possibbli.
 - 2.9. L-entità li toħroġ iċ-ċertifikat tista' tuża l-vojt li jifdal fuq in-naħa ta' wara taċ-ċertifikat sabiex tniżżel kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, li mandankollu ma tista' tinkludi l-ebda dikjarazzjoni ta' ċertifikazzjoni. Kwalunkwe użu li jsir min-naħa ta' wara taċ-ċertifikat għandha ssir referenza għalih fil-kaxxa xierqa fuq in-naħa ta' quddiem taċ-ċertifikat.
3. KOPJI
 - 3.1. Ma hemm l-ebda limitu għan-numru ta' kopji taċ-ċertifikat li jistgħu jintbagħtu lill-klijent jew li jistgħu jinżammu mill-entità li toħroġu.
4. ŻBALL/ŻBALJI FIĊ-ĊERTIFIKAT
 - 4.1. Jekk utent aħħari jsib żball/żbalji fuq ċertifikat, jeħtieġu jidentifikah(om) bil-miktub lill-entità li toħroġ iċ-ċertifikat. Jekk tkun tista' tivverifika u tikkoreġi l-iżball/l-iżbalji, l-entità li tkun haġġet iċ-ċertifikat tista' toħroġ ċertifikat ġdid.
 - 4.2. Iċ-ċertifikat il-ġdid irid ikollu numru ta' referenza tal-formola u data ġodda u jiġi ffirmit mill-ġdid.
 - 4.3. It-talba għal ċertifikat ġdid tista' tiġi onorata mingħajr ma terġa' ssir verifika tal-kundizzjoni tal-oġġett(i). Iċ-ċertifikat il-ġdid ma huwiex dikjarazzjoni tal-kundizzjoni attwali tal-oġġett u fil-kaxxa 12 tiegħu jenħtieġ li ssir referenza għaċ-ċertifikat preċedenti, permezz tad-dikjarazzjoni li ġejja: "Dan iċ-ċertifikat jikkoreġi l-iżball/l-iżbalji fil-kaxxa/kaxxi [indika l-kaxxa/kaxxi kkoreġuta/i] taċ-ċertifikat [indika n-numru ta' referenza tal-formola oriġinali] datat [indika d-data tal-ħruġ oriġinali] u ma jkoprix il-konformità/il-kundizzjoni/ir-rilaxx tal-oġġett

għas-servizz”. Jenħtieġ li ż-żewġ ċertifikati jinżammu għal tul il-perjodu minimu li għandu jinżamm l-ewwel ċertifikat.

5. MILI TAĊ-ĊERTIFIKAT MILL-ENTITÀ LI TOĦORĠU

Kaxxa 1 Awtorità kompetenti/Pajjiż responsabbli għall-
approvazzjoni

Indika l-isem u l-pajjiż tal-awtorità kompetenti li dan iċ-
ċertifikat inħareġ taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. Jekk l-awtorità
kompetenti hija l-Aġenzija, indika “EASA” biss.

Kaxxa 2 Intestatura tal-Formola 1 tal-EASA

“ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT - FORMOLA
1 TAL-EASA”

Kaxxa 3 Numru ta’ Referenza tal-Formola

Indika n-numru uniku stabbilit mis-sistema/mill-proċedura ta’
numerazzjoni tal-organizzazzjoni msemmija fil-kaxxa 4; dan in-
numru jista’ jinkludi karattri alfanumeriċi.

Kaxxa 4 Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni

Indika l-isem sħiħ u l-indirizz tal-organizzazzjoni tal-
produzzjoni (aġmel referenza għall-Formola 55 tal-EASA, il-
Paġna A) jew tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li qed jirrilaxxaw l-
oġġett(i) kopert(i) minn dan iċ-ċertifikat. F’din il-kaxxa jistgħu
jintużaw logos, eċċ., tal-organizzazzjoni, sakemm id-daqs
tagħhom joqgħod fil-kaxxa.

Kaxxa 5 Ordni ta’ Xogħol/Kuntratt/Fattura

Sabiex tiffaċilita t-traċċabbiltà tal-oġġett(i) mill-klijent, indika
n-numru tal-ordni ta’ xogħol, in-numru tal-kuntratt, in-numru
tal-fattura jew numru ta’ referenza simili.

Kaxxa 6 Oġġett

Meta jkun hemm aktar minn linja waħda ta’ oġġetti, indika n-
numru ta’ kull linja. Din il-kaxxa tippermetti li t-tqabbil mal-
Kummenti fil-kaxxa 12 isir faċilment.

Kaxxa 7 Deskrizzjoni

Indika l-isem jew id-deskrizzjoni tal-oġġett. Għandha tingħata
preferenza lit-terminu li jintuża fl-istruzzjonijiet għall-
ajrunavigabbiltà kontinwa jew fid-*data* dwar il-manutenzjoni
(eż. Katalogu Illustrat tal-Partijiet, Manwal tal-Manutenzjoni
tal-Inġenji tal-Ajru, Bullettin tas-Servizz, Manwal tal-
Manutenzjoni tal-Partijiet).

Kaxxa 8 Numru tal-Parti

Indika n-numru tal-parti kif jidher fuq l-oġġett jew fuq it-
tikketta/l-imballaġġ tiegħu. Fil-każ ta’ magna jew ta’ skrun,
tista’ tindika d-deżinjazzjoni tat-tip.

Kaxxa 9 Kwantità

Indika l-kwantità ta' oġġetti.

Kaxxa 10

Numru tas-Serje

F'każ li r-regolamenti jesiġu li l-oġġett għandu jiġi identifikat permezz ta' numru tas-serje, indikah hawnhekk. Jista' jiġi indikat ukoll kwalunkwe numru tas-serje ieħor li ma huwiex meħtieġ b'regolament. Jekk fuq l-oġġett ma jkun hemm ebda numru tas-serje, indika "N/A".

Kaxxa 11

Status/Xogħol

Indika "PROTOTIP" jew "ĠDID".

Indika "PROTOTIP" għal:

- (i) il-produzzjoni ta' oġġett ġdid f'konformità ma' *data* tad-disinn mhux approvata;
- (ii) il-produzzjoni ta' oġġett ġdid f'konformità mad-*data* tad-disinn li tkun għadha ma ġietx iddikjarata minn dikjarant f'konformità mas-Subparti C, F jew N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light);
- (iii) ċertifikazzjoni mill-ġdid maħruġa mill-organizzazzjoni indikata fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat preċedenti wara li jkun sar xogħol ta' modifika jew ta' tiswija fuq l-oġġett, qabel id-dħul fis-servizz (eż. wara li tiddaħħal bidla fid-disinn, wara t-tiswija ta' difett, wara spezzjoni jew test, jew wara t-tiġdid tal-ħajja utli tal-oġġett). Fil-kaxxa 12 għandhom jiġu indikati d-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali flimkien max-xogħol ta' modifika jew ta' tiswija;

Indika "ĠDID" għal:

- (i) il-produzzjoni ta' oġġett ġdid f'konformità mad-*data* tad-disinn approvata;
- (ii) il-produzzjoni ta' oġġett ġdid f'konformità mad-*data* tad-disinn iddikjarata mid-dikjarant f'konformità mas-Subparti C, F jew N tat-Taqsima THE tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light);
- (iii) ċertifikazzjoni mill-ġdid maħruġa mill-organizzazzjoni indikata fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat preċedenti wara li jkun sar xogħol ta' modifika jew ta' tiswija fuq l-oġġett, qabel id-dħul fis-servizz (eż. wara li tiddaħħal bidla fid-disinn, wara t-tiswija ta' difett, wara spezzjoni jew test, jew wara t-tiġdid tal-ħajja utli tal-oġġett). Fil-kaxxa 12 għandhom jiġu indikati d-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali flimkien max-xogħol ta' modifika jew ta' tiswija;
- (iv) ċertifikazzjoni mill-ġdid, maħruġa mill-manifattur tal-prodott jew mill-organizzazzjoni indikata fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat preċedenti, ta' oġġetti minn "prototip" (konformità ma' *data* mhux approvata biss) għal "ġdid"

(konformità ma' *data* approvata u f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu), wara l-approvazzjoni tad-*data* tad-disinn applikabbli, dment li d-*data* tad-disinn ma tkunx inbidlet.

Għal prodotti ċertifikati, fil-kaxxa 12 trid tiddaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja:

“ĊERTIFIKAZZJONI MILL-ĠDID TA’ OĠĠETTI MINN “PROTOTIP” GĦAL “ĠDID”: DAN ID-DOKUMENT JIĊĊERTIFIKA L-APPROVAZZJONI TAD-*DATA* TAD-DISINN [DAĦĦAL IN-NUMRU TAĊ-ĊERTIFIKAT TAT-TIP/TAĊ-ĊERTIFIKAT TAT-TIP SUPPLEMENTARI, IL-LIVELL TA’ REVIŻJONI], BID-DATA TA’ [JEKK NEĊESSARJA SABIEX ISIR MAGĦRUF FIEX WASLET IR-REVIŻJONI, DAĦĦAL ID-DATA], LI DAN L-OĠĠETT (DAWN L-OĠĠETTI) ĠIE (ĠEW) IMMANIFATTURAT(I) F’KONFORMITÀ MAGĦHA.”

Il-kaxxa “*data* tad-disinn approvata u huma f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu” għandha tiġi mmarkata fil-kaxxa 13a;

Għall-inġenji tal-ajru soġġetti għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), fil-kaxxa 12 trid tiddaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja:

“ĊERTIFIKAZZJONI MILL-ĠDID TA’ OĠĠETTI MINN “PROTOTIP” GĦAL “ĠDID”: DAN ID-DOKUMENT JIĊĊERTIFIKA D-DIKJARAZZJONI TAD-*DATA* TAD-DISINN [DAĦĦAL IR-REFERENZA TAD-DIKJARAZZJONI, IL-LIVELL TA’ REVIŻJONI], BID-DATA TA’ [JEKK NEĊESSARJA SABIEX ISIR MAGĦRUF FIEX WASLET IR-REVIŻJONI, DAĦĦAL ID-DATA], LI DAN L-OĠĠETT (DAWN L-OĠĠETTI) ĠIE (ĠEW) IMMANIFATTURAT(I) F’KONFORMITÀ MAGĦHA.”

- (v) il-kontroll bir-reqqa ta’ oġġett ġdid li jkun diġà ġie rilaxxat, qabel ma jibda jintuża, skont standard jew speċifikazzjoni speċifikata mill-klijent (id-dettalji ta’ dan l-istandard jew ta’ din l-ispeċifikazzjoni għandhom jitniżżlu fil-kaxxa 12 flimkien mad-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali) jew sabiex tiġi stabbilita l-ajrunavigabbiltà (fil-kaxxa 12 għandha tiddaħħal spjegazzjoni għalfejn inġenja r-rilaxx flimkien mad-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali).

Kaxxa 12

Kummenti

Iddeskrivi, jew direttament inkella permezz ta’ referenza għal dokumenti rilevanti, ix-xogħol indikat fil-Kaxxa 11 li huwa neċessarju sabiex l-utent jew l-installatur jiddetermina l-ajrunavigabbiltà tal-oġġett(i) fir-rigward tax-xogħol li qed jiġi ċertifikat. Jekk ikun meħtieġ, tista’ tintuża paġna oħra li ssir referenza għaliha fil-Formola 1 tal-EASA. Kull dikjarazzjoni

trid tidentifika b'mod ċar għal liema oġġett(i) tal-Kaxxa 6 tkun qed tirreferi. Jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni, indika “Xejn”.

Fil-kaxxa 12 indika r-raġunijiet għar-rilaxx tad-*data* tad-disinn mhux approvata (eż., pendenti minn ċertifikat tat-tip, għall-ittestjar biss, pendenti minn *data* approvata).

Jekk l-oġġett ikun ġie prodott f'konformità mad-*data* tad-disinn li tkun għadha ma ġietx iddikjarata mid-dikjarant f'konformità mas-Subparti C, F jew N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), id-dikjarazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fil-Kaxxa 12:

“DIKJARAZZJONI PENDENTI FIR-RIGWARD TAL-KONFORMITÀ TAD-DISINN F'KONFORMITÀ MAS-SUBPARTI C, F JEW N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light)”

Jekk l-oġġett ikun ġie prodott f'konformità mad-*data* tad-disinn li tkun ġiet iddikjarata mid-dikjarant f'konformità mas-Subparti C, F jew N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), allura d-dikjarazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fil-Kaxxa 12:

“PRODOTT F'KONFORMITÀ MAD-DATA TAD-DISINN TA' DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ TAD-DISINN F'KONFORMITÀ MAS-SUBPARTI C, F JEW N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light)”

Jekk l-istampar tad-*data* jsir minn forma elettronika tal-Formola 1 tal-EASA, f'din il-kaxxa għandha tiġi indikata kwalunkwe *data* li ma tistax tiddaħħal f'kaxxi oħrajn.

Kaxxa 13a

Immarka waħda biss minn dawn iż-żewġ kaxxi:

1. Immarka l-kaxxa “*data* tad-disinn approvata u huma f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu” jekk l-oġġett(i) jkun(u) ġie/ġew immanifatturat(i) bl-użu ta' *data* tad-disinn approvata u jinstab li hu(ma) f'kundizzjoni li jaħdem/jaħdmu mingħajr periklu.
2. Immarka l-kaxxa “*data* tad-disinn mhux approvata indikata fil-kaxxa 12” jekk l-oġġett(i) jkun(u) ġie/ġew immanifatturat(i) bl-użu ta' *data* tad-disinn mhux approvata applikabbli.

Din il-kaxxa għandha tiġi mmarkata wkoll meta l-oġġett ikun ġie prodott f'konformità mad-*data* tad-disinn li tkun ġiet iddikjarata f'konformità mas-Subpartijiet C, F u N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light).

Identifika d-*data* fil-kaxxa 12 (eż. ċertifikat tat-tip pendenti, għat-test biss, sakemm ikun hemm *data* approvata, il-konformità mad-*data* tad-disinn minn dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C, F jew N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light).

Ma huwiex permess li fuq l-istess ċertifikat ikun hemm taħlita ta' oġġetti rilaxxati abbażi ta' *data* tad-disinn approvata u ta' oħrajn rilaxxati abbażi ta' *data* tad-disinn mhux approvata.

Kaxxa 13b

Firma ta' Persuna Awtorizzata

F'dan l-ispazju għandha tiffirma l-persuna awtorizzata. F'din il-kaxxa jistgħu jiffirmaw biss dawk il-persuni li jkunu awtorizzati speċifikament permezz tar-regoli u permezz tal-politiki tal-awtoritajiet kompetenti. Sabiex il-firma tintgħaraf aħjar, jista' jitniżżel ukoll numru uniku li jidentifika lill-persuna awtorizzata.

Kaxxa 13c

Numru tal-Approvazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni

Daħħal in-numru/ir-referenza tal-approvazzjoni/tal-awtorizzazzjoni. Dan in-numru jew din ir-referenza tinħareġ mill-awtorità kompetenti għall-organizzazzjonijiet tal-produzzjoni approvati jew iddikjarati (għall-partijiet prodotti skont l-Anness Ib (il-Parti 21 Light). Jekk l-organizzazzjoni tkun iproduċiet parti li tikkonforma mad-*data* tad-disinn iddikjarata minn dikjarant f'konformità mas-Subparti C, F jew N tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) u l-organizzazzjoni ma tkunx organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata jew iddikjarata, jenħtieġ li ddaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja:

“PRODOTT SKONT IS-SUBPARTI R tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light)”

Kaxxa 13d

Isem

Daħħal isem il-persuna li qed tiffirma l-kaxxa 13b b'mod li jista' jinqara.

Kaxxa 13e

Data

Indika d-data li fiha tiġi ffirmata l-kaxxa 13b. Din id-data jrid ikollha format ta' jj = jum f'2 ċifri, xxx = l-ewwel 3 ittri tax-xahar, ssss = is-sena f'4 ċifri.

Kaxxi 14a-14e Rekwiżiti Ġenerali għall-kaxxi 14a sa 14e:

Dawn il-kaxxi ma jintużawx għar-rilaxx tal-produzzjoni. Skura l-kaxxi jew l-ittri, jew immarkahom b'xi mod ieħor, sabiex jiġi evitat li jintużaw bi żball jew b'mod mhux awtorizzat.

Responsabbiltajiet tal-Utent/tal-Installatur

Daħħal id-dikjarazzjoni ta' hawn taħt fiċ-ċertifikat sabiex tinnotifika lill-utenti aħħarin li ma humiex eżentati mir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-installazzjoni u tal-użu ta' kwalunkwe oġġett li jkollu l-formola miegħu:

“DAN IĊ-ĊERTIFIKAT MA JAWTORIZZAX B'MOD AWTOMATIKU T-TWETTIQ TAL-INSTALLAZZJONI.

META L-UTENT/L-INSTALLATUR IWETTAQ XOGĦOL F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENTI TA' AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ LI MA HIJIEX L-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ SPEĊIFIKATA FIL-KAXXA 1, IKUN ESSENZJALI LI L-UTENT/L-INSTALLATUR JIŻGURA LI L-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ TIEGĦU TAĊĊETTA OĠĠETTI MILL-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ SPEĊIFIKATA FIL-KAXXA 1.

ID-DIKJARAZZJONIJIET MOGĦTIJIN FIL-KAXXI 13A U 14A MA JIKKOSTITWIXXUX ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI. FI KWALUNKWE KAŻ, IR-REKORDS TAL-MANUTENZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU JRID IKOLLHOM ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI MAĦRUĠA MILL-UTENT/MILL-INSTALLATUR F'KONFORMITÀ MAR-REGOLAMENTI NAZZJONALI, QABEL MA L-INĠENJI TAL-AJRU JKUNU JISTGĦU JITTAJRU.”

ANNEX II

Jiddaħħal l-Anness Ib li ġej (il-Parti 21 Light):

“Werrej

21L.1 Kamp ta’ applikazzjoni

21L.2 Awtorit  kompetenti

TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

21L.A.1 Kamp ta’ applikazzjoni

21L.A.2 Obbligi u azzjonijiet imwettqin minn persuna għajr l-applikant għal ċertifikat, jew detentur ta’ dan, jew mid-dikjarant ta’ dikjarazzjoni tal-konformit  tad-disinn

21L.A.3 Sistema ta’ rapportar

21L.A.4 Id-direttivi tal-ajrunavigabbilt 

21L.A.5 Kollaborazzjoni bejn id-disinn u l-produzzjoni

21L.A.6 Immarkar

21L.A.7  amma ta’ rekords

21L.A.8 Manwali

21L.A.9 Struzzjonijiet għal ajrunavigabbilt  kontinwa

21L.A.10 Aċċess u investigazzjoni

21L.A.11 Konstatazzjonijiet u osservazzjonijiet

21L.A.12 Mezzi ta’ konformit 

SUBPARTI B — ĊERTIFIKATI TAT-TIP

21L.A.21 Kamp ta’ applikazzjoni

21L.A.22 Eligibbilt 

21L.A.23 Dimostrazzjoni tal-kapaċit  tad-disinn

21L.A.24 Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip

21L.A.25 Dimostrazzjoni tal-konformit 

21L.A.26 Disinn tat-tip

21L.A.27 Rekwiżiti għall-ħruġ ta’ ċertifikat tat-tip

21L.A.28 Obbligi ta’ detentur taċ-ċertifikat tat-tip

21L.A.29 Trasferibbilt  ta’ ċertifikat tat-tip

21L.A.30 Validit  kontinwa ta’ ċertifikat tat-tip

SUBPARTI C — DIKJARAZZJONIJIET TAL-KONFORMIT  TAD-DISINN TAL-INĠENJU TAL-AJRU

21L.A.41 Kamp ta’ applikazzjoni

21L.A.42 Eligibbilt 

21L.A.43 Dikjarazzjoni tal-konformit  tad-disinn

21L.A.44 Attivitajiet ta' konformità għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

21L.A.45 Speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li huma applikabbli għal inġenji tal-ajru soġġetti għal dikjarazzjonijiet ta' konformità tad-disinn

21L.A.46 *Data* dwar id-disinn tal-inġenji tal-ajru

21L.A.47 Obbligi tad-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

21L.A.48 In-nuqqas ta' trasferibbiltà ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenji tal-ajru

SUBPARTI D — BIDLIET FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP

21L.A.61 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.62 Bidliet standard

21L.A.63 Klassifikazzjoni tal-bidliet f'ċertifikat tat-tip

21L.A.64 Eliġibbiltà

21L.A.65 Applikazzjoni għal bidla f'ċertifikat tat-tip

21L.A.66 Dimostrazzjoni tal-konformità

21L.A.67 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip

21L.A.68 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

21L.A.69 Approvazzjoni ta' bidla f'ċertifikat tat-tip taħt privileġġ

21L.A.70 Obbligi għal bidliet minuri f'ċertifikat tat-tip

SUBPARTI E — ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLEMENTARI

21L.A.81 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.82 Eliġibbiltà

21L.A.83 Dimostrazzjoni tal-kapaċità tad-disinn

21L.A.84 Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplementari

21L.A.85 Dimostrazzjoni tal-konformità

21L.A.86 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplementari

21L.A.87 Approvazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplementari taħt privileġġ

21L.A.88 Obbligi ta' detentur ta' ċertifikat tat-tip supplementari

21L.A.89 Trasferibbiltà ta' ċertifikat tat-tip supplementari

21L.A.90 Validità kontinwa ta' ċertifikat tat-tip supplementari

21L.A.91 Bidliet f'parti ta' prodott li hija koperta minn ċertifikat tat-tip supplementari

SUBPARTI F — BIDLIET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.A.101 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.102 Bidliet standard

21L.A.103 Klassifikazzjoni tal-bidliet fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

21L.A.104 Eliġibbiltà

- 21L.A.105 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidliet minuri
- 21L.A.106 Obbligi tal-persuna li tagħmel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn ta' bidla minuri
- 21L.A.107 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidla maġġuri
- 21L.A.108 Attivitajiet ta' konformità għad-dikjarazzjoni tal-konformità ta' bidla maġġuri
- SUBPARTI G — ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUZZJONI DDIKJARATI
- 21L.A.121 Kamp ta' applikazzjoni
- 21L.A.122 Eliġibbiltà
- 21L.A.123 Dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni
- 21L.A.124 Sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni
- 21L.A.125 Riżorsi tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata
- 21L.A.126 Ambitu tax-xogħol
- 21L.A.127 Obbligi tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata
- 21L.A.128 Notifika tal-bidliet u tal-waqfien tal-attivitajiet
- SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI
- 21L.A.141 Kamp ta' applikazzjoni
- 21L.A.142 Eliġibbiltà
- 21L.A.143 Applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett
- 21L.A.144 Obbligi tal-applikant għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett
- 21L.A.145 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett fl-Istati Membri
- 21L.A.146 Validità kontinwa ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett
- SUBPARTI I — ĊERTIFIKATI TAL-ĦOSS U ĊERTIFIKATI TAL-ĦOSS RISTRETTI
- 21L.A.161 Kamp ta' applikazzjoni
- 21L.A.162 Eliġibbiltà
- 21L.A.163 Applikazzjoni
- 21L.A.164 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid ta' ċertifikati tal-ħoss u ta' ċertifikati tal-ħoss ristretti fl-Istati Membri
- 21L.A.165 Validità kontinwa ta' ċertifikat tal-ħoss u ta' ċertifikat tal-ħoss ristrett

SUBPARTI J — ORGANIZZAZZJONIJIET TAD-DISINN IDDIKJARATI

21L.A.171 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.172 Eliġibbiltà

21L.A.173 Dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn

21L.A.174 Sistema ta' ġestjoni tad-disinn

21L.A.175 Riżorsi tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata

21L.A.176 Ambitu tax-xogħol

21L.A.177 Obbligi tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata

21L.A.178 Notifika tal-bidliet u tal-waqfien tal-attivitajiet

SUBPARTI K — PARTIJIET

21L.A.191 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.192 Turija tal-konformità

21L.A.193 Rilaxx ta' partijiet għall-installazzjoni

SUBPARTI M — DISINN TAT-TISWIJIET TA' PRODOTTI ĊERTIFIKATI SKONT IT-TIP

21L.A.201 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.202 Tiswijiet standard

21L.A.203 Klassifikazzjoni tad-disinji tat-tiswija għal prodott iċċertifikat skont it-tip

21L.A.204 Eliġibbiltà

21L.A.205 Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija għal prodott iċċertifikat skont it-tip

21L.A.206 Dimostrazzjoni tal-konformità

21L.A.207 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija minuri

21L.A.208 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri

21L.A.209 Approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija taħt privileġġ

21L.A.210 Obbligi ta' detentur ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija

21L.A.211 Ħsara mhux imsewwija

SUBPARTI N — DISINN TA' TISWIJIET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.A.221 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.222 Tiswijiet standard

21L.A.223 Klassifikazzjoni tad-disinji ta' tiswijiet ta' ingenu tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

21L.A.224 Eliġibbiltà

21L.A.225 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal disinji ta' tiswijiet minuri

21L.A.226 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal disinji ta' tiswijiet maġġuri

21L.A.227 Attivitajiet ta' konformità għad-dikjarazzjoni tal-konformità ta' disinn tat-tiswija maġġuri

21L.A.228 Obbligi tad-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn ta' disinn tat-tiswija

21L.A.229 Ħsara mhux imsewwija

SUBPARTI O — AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ORDNI TA' STANDARD TEKNIKU EWROPEW

SUBPARTI P — PERMESS GĦAT-TITJIR

21L.A.241 Permess għat-titjir u kundizzjonijiet tat-titjir

SUBPARTI Q — IDENTIFIKAZZJONI TA' PRODOTTI U TA' PARTIJIET

21L.A.251 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.252 Disinn tal-immarkar

21L.A.253 Identifikazzjoni ta' prodotti

21L.A.254 Immaniġġjar ta' *data* ta' identifikazzjoni

21L.A.255 Identifikazzjoni tal-partijiet

SUBPARTI R — DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ GĦALL-INĠENJI TAL-AJRU U ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT (IL-FORMOLA 1 TAL-EASA) GĦAL MAGNI U GĦAL SKREJJEN, JEW GĦAL PARTIJIET TAGĦHOM, LI JIKKONFORMAW MA' DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.A.271 Kamp ta' applikazzjoni

21L.A.272 Eliġibbiltà

21L.A.273 Sistema ta' kontroll tal-produzzjoni

21L.A.274 Ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA)

21L.A.275 Obbligi ta' persuna fiżika jew ġuridika li toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA)

TAQSIMA B — PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

21L.B.11 Dokumentazzjoni tas-sorveljanza

21L.B.12 Skambju ta' informazzjoni

21L.B.13 Informazzjoni lill-Aġenzija

21L.B.14 Direttivi tal-ajrunavigabbiltà riċevuti minn Stati mhux Stati Membri

21L.B.15 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza

21L.B.16 Sistema ta' ġestjoni

21L.B.17 Allokkazzjoni ta' kompiti lil entitajiet kwalifikati

21L.B.18 Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni

21L.B.19 Riżoluzzjoni ta' tilwim

21L.B.20 Żamma ta' rekords

21L.B.21 Konstatazzjonijiet u osservazzjonijiet

21L.B.22 Miżuri ta' infurzar

21L.B.23 Id-direttivi tal-ajrunavigabbiltà

21L.B.24 Mezzi ta' konformità

SUBPARTI B — ĊERTIFIKATI TAT-TIP

21L.B.41 Speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni

21L.B.42 Investigazzjoni inizjali

21L.B.43 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għal ċertifikat tat-tip

21L.B.44 Kundizzjonijiet speċjali

21L.B.45 Deżinjazzjoni tar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli għal ċertifikat tat-tip

21L.B.46 Investigazzjoni

21L.B.47 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip

21L.B.48 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodotti li għalihom ikun inħareġ ċertifikat tat-tip

21L.B.49 Trasferiment ta' ċertifikat tat-tip

SUBPARTI C — DIKJARAZZJONIJIET TAL-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.B.61 Speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tad-disinn tal-prodott

21L.B.62 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali

21L.B.63 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

21L.B.64 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru li għalihom ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

SUBPARTI D — BIDLIET FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP

21L.B.81 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

21L.B.82 Investigazzjoni u ħruġ ta' approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip

21L.B.83 Investigazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

21L.B.84 Ħruġ ta' approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

21L.B.85 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' prodotti mibdulin li għalihom ikun inħareġ ċertifikat tat-tip

SUBPARTI E — ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLEMENTARI

21L.B.101 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għal ċertifikat tat-tip supplementari

21L.B.102 Investigazzjoni

21L.B.103 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip supplementari

21L.B.104 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodotti li għalihom ikun inħareġ ċertifikat tat-tip supplementari

SUBPARTI F — BIDLIET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.B.121 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn ta' bidla maġġuri fid-disinn ta' ingenu tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

21L.B.122 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidla maġġuri fid-disinn ta' ingenu tal-ajru

21L.B.123 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' ingenu tal-ajru mibdul li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

SUBPARTI G — ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUZZJONI DDIKJARATI

21L.B.141 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali

21L.B.142 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni

21L.B.143 Sorveljanza

21L.B.144 Programm ta' sorveljanza

21L.B.145 Attivitajiet ta' sorveljanza

21L.B.146 Bidliet fid-dikjarazzjonijiet

SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI

21L.B.161 Investigazzjoni

21L.B.162 Ħruġ jew emenda ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

21L.B.163 Sorveljanza

SUBPARTI I — ĊERTIFIKATI TAL-ISTORBJU

21L.B.171 Investigazzjoni

21L.B.172 Ħruġ jew emenda ta' ċertifikati tal-ħoss

21L.B.173 Sorveljanza

SUBPARTI J — ORGANIZZAZZJONIJIET TAD-DISINN IDDIKJARATI

21L.B.181 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali

21L.B.182 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn

21L.B.183 Sorveljanza

21L.B.184 Programm ta' sorveljanza

21L.B.185 Attivitajiet ta' sorveljanza

21L.B.186 Bidliet fid-dikjarazzjonijiet

SUBPARTI K — PARTIJIET

SUBPARTI M — DISINN TAT-TISWIJIET TA' PRODOTTI ĊERTIFIKATI SKONT IT-TIP

21L.B.201 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għal approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija

21L.B.202 Investigazzjoni u ħruġ ta' approvazzjoni għal disinn tat-tiswija minuri

21L.B.203 Investigazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri

21L.B.204 Ħruġ ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri

21L.B.205 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' prodotti li għalihom ġie approvat disinn tat-tiswija

21L.B.206 Ħsara mhux imsewwija

SUBPARTI N — DISINN TA' TISWIJET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.B.221 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

21L.B.222 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

21L.B.223 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' disinn tat-tiswija li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

SUBPARTI O — AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ORDNI TA' STANDARD TEKNIKU EWROPEW

SUBPARTI P — PERMESS GĦAT-TITJIR

21L.B.241 Investigazzjoni qabel il-ħruġ ta' permess għat-titjir

21L.B.242 Investigazzjoni qabel il-ħruġ tal-kundizzjonijiet tat-titjir

SUBPARTI Q — IDENTIFIKAZZJONI TA' PRODOTTI U TA' PARTIJIET

SUBPARTI R — DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ GĦALL-INĠENJI TAL-AJRU U ĊERTIFIKATI TAR-RILAXX AWTORIZZAT (IL-FORMOLA 1 TAL-EASA) GĦAL MAGNI U GĦAL SKREJJEN, U GĦAL PARTIJIET TAGĦHOM, LI JIKKONFORMAW MA' DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.B.251 Sorveljanza

21L.B.252 Programm ta' sorveljanza

21L.B.253 Attivitajiet ta' sorveljanza

APPENDIĊIJIET TAL-ANNESS IB

**21L.1 Kamp ta' applikazzjoni
(riżervat)**

**21L.2 Awtorità kompetenti
(riżervat)**

TAQSIMA A

REKWIŻITI TEKNIĊI

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

21L.A.1 Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi ġenerali li huma applikabbli għal:

- (a) l-applikant għal, u d-detentur ta', kwalunkwe ċertifikat maħruġ jew li għandu jinħareġ f'konformità ma' dan l-Anness;
- (b) kwalunkwe dikjarant ta' kapaċità tad-disinn jew tal-produzzjoni jew ta' konformità tad-disinn; u
- (c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità għal inġenju tal-ajru, jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) għal magna, għal skrun jew għal parti prodotta.

21L.A.2 Obbligi u azzjonijiet imwettqin minn persuna għajr l-applikant għal ċertifikat, jew detentur ta' dan, jew mid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

L-azzjonijiet u l-obbligi meħtieġa li għandhom jitwettqu mill-applikant għal ċertifikat għal prodott jew għal parti, jew mid-detentur ta' tali ċertifikat, jew mid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn skont din it-Taqsima jistgħu jitwettqu f'ismu minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra, dment li l-obbligi tal-applikant, tad-detentur jew tad-dikjarant jiġu rrilaxxati kif xieraq fil-preżent u fil-futur.

21L.A.3 Sistema ta' rapportar

- (a) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha jew li tkun applikat għal ċertifikat tat-tip, għal ċertifikat tat-tip supplementari, għal approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija maġġuri, jew għal kwalunkwe ċertifikat rilevanti ieħor meqjus li jkun inħareġ skont dan l-Anness, jew li jkun iddikjara l-konformità ta' disinn ta' inġenju tal-ajru, jew ta' bidla tad-disinn jew ta' disinn tat-tiswija għalih skont dan l-Anness għandha:
 - 1. tistabbilixxi u żżomm sistema għall-ġbir, għall-investigazzjoni u għall-analiżi tar-rapporti tal-okkorrenzi sabiex jiġu identifikati x-xejriet negattivi jew sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, u sabiex jiġu estratti okkorrenzi li r-rapportar tagħhom huwa obbligatorju f'konformità mal-punt (3) u dawk li jiġu rrapportati b'mod volontarju. Is-sistema ta' rapportar għandha tinkludi:
 - (i) rapporti u informazzjoni relatati ma' ħsarat, ma' funzjonament ħażin, ma' difetti jew ma' avvenimenti oħrajn li jikkawżaw jew li jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fuq l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott jew tal-parti koperta miċ-ċertifikat tat-tip, miċ-ċertifikat tat-tip supplementari, mill-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri, jew minn kwalunkwe ċertifikat rilevanti ieħor meqjus li jkun inħareġ skont dan l-Anness, jew mid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn maħruġa skont dan l-Anness;
 - (ii) rapporti ta' żbalji, ta' kważi aċċidenti u ta' perikli li ma jaqgħux taħt il-punt (i);

² Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rapportar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

2. tagħmel disponibbli għall-operaturi magħrufin tal-prodott jew tal-parti u, fuq talba, lil kwalunkwe persuna awtorizzata skont atti ta' implimentazzjoni jew delegati assoċjati oħrajn, l-informazzjoni dwar is-sistema stabbilita f'konformità mal-punt (a)(1), u dwar kif għandhom jiġu pprovduti t-tali rapporti u informazzjoni relatati ma' ħsarat, ma' funzjonament ħażin, ma' difetti jew ma' avvenimenti oħrajn imsemmijin fil-punt (a)(1)(i);
 3. tirrapporta lill-Aġenzija kwalunkwe ħsara, funzjonament ħażin, difett jew avveniment ieħor li tkun konxja tiegħu b'rabta ma' prodott jew ma' parti, koperta miċ-ċertifikat tat-tip, miċ-ċertifikat tat-tip supplementari, mill-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri, jew minn kwalunkwe ċertifikat rilevanti ieħor meqjus li jkun inħareġ skont dan l-Anness, jew minn dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn maħruġa skont dan l-Anness, u li jkun irriżulta f'kundizzjoni mhux sikura jew jista' jirriżulta fiha.
- (b) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun iddikjarat il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha skont is-Subparti G ta' dan l-Anness, jew li tipproduċi prodott jew parti skont is-Subparti r ta' dan l-Anness, għandha:
1. tistabbilixxi u żżomm sistema għall-ġbir u għall-valutazzjoni tar-rapporti ta' okkorrenzi, inklużi rapporti dwar żbalji, kważi aċċidenti u perikli, sabiex jiġu identifikati x-xejriet negattivi jew sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u jiġu estratti okkorrenzi li r-rapportar tagħhom huwa obligatorju f'konformità mal-punti (2) u (3) u dawk li jiġu rrapportati b'mod volontarju;
 2. tirrapporta, lid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn responsabbli jew lid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, il-każijiet kollha li fihom il-prodotti jew il-partijiet ikunu ġew irrilaxxati minnhom u sussegwentement ġew identifikati li jkollhom devjazzjonijiet possibbli *mid-data* tad-disinn applikabbli, u tinvestiga mad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn jew mad-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, sabiex jiġu identifikati dawk id-devjazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kundizzjoni mhux sikura;
 3. tirrapporta lill-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-punt 21L.2, jekk ikun hemm, id-devjazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kundizzjoni mhux sikura li ġiet identifikata skont il-punt (2) tal-punt 21L.A.3(b);
 4. jekk taġixxi bħala fornitur għal organizzazzjoni ta' produzzjoni oħra, tirrapporta lil dik l-organizzazzjoni l-oħra l-każijiet kollha li fihom tkun irrilaxxat prodotti jew partijiet lil dik l-organizzazzjoni li wara tkun identifikathom li għandhom devjazzjonijiet possibbli *mid-data* tad-disinn applikabbli.
- L-obbligi ta' rapportar tal-punt 21.A.3A(b) tal-Anness I ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom jew li applikaw għal approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni għandhom jinkludu okkorrenzi relatati ma' prodotti u ma' partijiet prodotti f'konformità *mad-data* tad-disinn approvata jew iddikjarata f'konformità ma' dan l-Anness, u, fejn tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, għandhom isiru rapporti lid-dikjarant dwar il-konformità tad-disinn.
- (c) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika msemmija fil-punti (a) u (b), meta tirrapporta f'konformità mal-punti (a)(3), (b)(2), (b)(3) u (b)(4),

għandha tissalvagwardja b'mod xieraq il-kunfidenzjalità ta' min jagħmel ir-rapport u tal-persuni msemmijin fir-rapport.

- (d) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika msemmija fil-punti (a) u (b) għandha tagħmel ir-rapporti definiti fil-punti (a)(3) u (b)(3) f'forma u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ, tibgħat ir-rapporti mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li l-persuna fiżika jew ġuridika msemmija fil-punti (a) u (b) tkun identifikat il-kundizzjoni mhux sikura possibbli, sakemm ċirkostanzi eċċezzjonali ma jipprevjenux dan milli jseħħ.
- (e) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, jekk okkorrenza rrapportata skont il-punt (a)(3) jew skont il-punt (b)(3) tirriżulta minn nuqqas fid-disinn, jew minn nuqqas fil-produzzjoni, id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat tat-tip supplementari, tal-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri, jew ta' kwalunkwe ċertifikat rilevanti ieħor meqjus li jkun inħareġ skont dan l-Anness, id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn jew l-organizzazzjoni tal-produzzjoni msemmija fil-punt (b), kif xieraq, għandha tinvestiga r-raġuni għan-nuqqas u tirrapporta lill-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-punt 21L.2, jekk ikun hemm, ir-riżultati tal-investigazzjoni tagħha u kwalunkwe azzjoni li tkun qiegħda tiegħu jew tipproponi li tittieħed sabiex jiġi kkoregħut dak in-nuqqas.
- (f) Jekk l-awtorità kompetenti ssib li tkun meħtieġa azzjoni sabiex jiġi kkoregħut in-nuqqas, id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat tat-tip supplementari, tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija maġġuri, jew ta' kwalunkwe ċertifikat rilevanti ieħor meqjus li jkun inħareġ taħt dan l-Anness, id-dikjarant ta' dikjarazzjoni ta' konformità tad-disinn, jew l-organizzazzjoni tal-produzzjoni msemmija fil-punt (b) kif xieraq, għandha tissottometti d-*data* rilevanti lill-awtorità kompetenti fuq talba tagħha.

21L.A.4 Id-direttivi tal-ajrunavigabbiltà

Meta direttiva tal-ajrunavigabbiltà jkollha tinħareġ mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.23 sabiex tikkoreġi kundizzjoni mhux sikura, jew sabiex jintalab it-tweqqig ta' spezzjoni, id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat tat-tip supplementari, tal-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri, jew ta' kwalunkwe ċertifikat rilevanti ieħor meqjus li jkun inħareġ skont dan l-Anness, kif ukoll id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, kif applikabbli, għandu:

- (a) jipproponi l-azzjoni xierqa ta' korrezzjoni jew l-ispezzjonijiet meħtieġa, jew it-tnejn, u jissottometti d-dettalji ta' dawn il-proposti lill-Aġenzija għall-approvazzjoni;
- (b) wara li tkun ingħatat l-approvazzjoni mill-Aġenzija għall-proposti msemmijin taħt il-punt (a), jagħmel disponibbli għall-operaturi jew għas-sidien magħruffin kollha tal-prodott, tal-parti u, fuq talba, lil kwalunkwe persuna li meħtieġa tikkonforma mad-direttiva tal-ajrunavigabbiltà, id-*data* deskrittiva xierqa u l-istruzzjonijiet tal-eżekuzzjoni.

21L.A.5 Kollaborazzjoni bejn id-disinn u l-produzzjoni

Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari, ta' approvazzjoni ta' bidla fiċ-ċertifikat tat-tip jew ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija, id-dikjarant ta' dikjarazzjoni

tal-konformità tad-disinn, u l-organizzazzjoni jew il-persuna fiżika jew ġuridika li tipproduċi prodotti jew partijiet minn dak id-disinn speċifiku għandhom jikkollaboraw sabiex jiżguraw li l-prodott jew il-parti tkun konformi ma' dak id-disinn u sabiex jiżguraw l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott jew tal-parti.

21L.A.6 Immarkar

- (a) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari, ta' approvazzjoni ta' bidla fiċ-ċertifikat tat-tip jew ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija, jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandu jispeċifika l-immarkar għall-prodotti jew għall-partijiet f'konformità mas-Subparti Q ta' dan l-Anness.
- (b) L-organizzazzjoni jew il-persuna fiżika jew ġuridika li tipproduċi l-prodotti jew il-partijiet għandha timmarka dawn il-prodotti u l-partijiet f'konformità mas-Subparti Q ta' dan l-Anness.

21L.A.7 Żamma ta' rekords

Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li għandhom jew li applikaw għal ċertifikat tat-tip, għal ċertifikat tat-tip supplementari, għal approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija, jew għal permess għat-titjir, li jkunu ddikjaraw il-konformità tad-disinn, li jkunu ħarġu dikjarazzjoni tad-disinn jew tal-kapaċità tal-produzzjoni, jew li jipproduċu prodotti jew partijiet skont dan ir-Regolament għandhom:

- (a) meta jiddisinjaw prodott jew parti minnu jew bidliet jew tiswijiet fih, jistabbilixxu sistema ta' żamma tar-rekords li tinkorpora r-rekwiżiti imposti fuq is-sħab u fuq is-sottokuntratturi tagħhom u jżommu l-informazzjoni/id-*data* rilevanti dwar id-disinn u jżommuha għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija sabiex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġu żgurati l-ajrunavigabbiltà kontinwa tagħhom u l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
- (b) meta jipproduċu prodott jew parti, jistabbilixxu sistema għaż-żamma ta' rekords u jirreġistraw id-dettalji tax-xogħol rilevanti għall-konformità tal-prodotti jew tal-partijiet, u r-rekwiżiti imposti fuq is-sħab u fuq il-fornituri tagħhom, u jżommuhom għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti sabiex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja sabiex tiġi żgurata l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott u tal-parti;
- (c) fir-rigward tal-permessi għat-titjir, minbarra r-rekwiżiti ta' żamma ta' rekords stabbiliti fil-punt 21.A.5(c) tal-Anness I, jirreġistraw kwalunkwe dokument prodott sabiex juri l-konformità mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fil-punt 21L.A.241(b), u jżommuhom għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija u tal-awtorità kompetenti;
- (d) iżommu r-rekords ta' kompetenza u l-kwalifiki tal-persunal li jkun involut fid-disinn jew fil-produzzjoni u fil-funzjoni indipendenti għall-monitoraġġ tal-konformità, jekk ikun meħtieġ mill-punti 21L.A.125(c), 21L.A.175(b) jew 21L.A.175(e).

21L.A.8 Manwali

Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip jew ta' ċertifikat tat-tip supplementari jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandu jipproduċi, iżomm u jaġġorna l-kopji oriġinali tal-manwali jew tal-varjazzjonijiet fil-manwali kollha li huma meħtieġa mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mir-

rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli għall-prodott jew għall-parti, u, jekk jintalab, jipprovdi kopji lill-Aġenzija.

21L.A.9 Struzzjonijiet għal ajrunavigabbiltà kontinwa

- (a) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari, ta' approvazzjoni ta' bidla tad-disinn jew ta' approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandu jstabilixxi l-informazzjoni li hija neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-ajrunavigabbiltà tat-tip ta' ingenu tal-ajru u kwalunkwe parti assoċjata, f'konformità ma' dak id-disinn, tinżamm matul il-ħajja operazzjonali kollha.
- (b) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari, ta' tibdil fid-disinn jew ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandu jipprovdi l-informazzjoni stabbilita f'(a) qabel ma dak id-disinn jiġi rilaxxat għas-servizz.
- (c) L-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa għandhom jiġu pprovduti minn:
 - 1. id-detentur ta' ċertifikat tat-tip jew mid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn lil kull sid magħruf ta' prodott wieħed jew aktar mal-konsenja tiegħu jew mal-ħruġ tal-ewwel ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett, kif ikun applikabbli, għall-ingenu tal-ajru affettwat, skont liema minnhom iseħħ l-aħħar;
 - 2. id-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari jew ta' approvazzjoni ta' bidla minuri jew mid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidla fid-disinn lill-operaturi magħrufin kollha tal-prodott affettwat mill-bidla mar-rilaxx għas-servizz tal-prodott modifikat;
 - 3. id-detentur ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija jew mid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal disinn tat-tiswija lill-operaturi magħrufin kollha tal-prodott affettwat mit-tiswija mar-rilaxx għas-servizz tal-prodott li fih huwa inkorporat id-disinn tat-tiswija. Il-prodott jew il-parti msewwija tista' tiġi rilaxxata għas-servizz qabel ma jitlestew l-istruzzjonijiet relatati għall-ajrunavigabbiltà kontinwa, iżda din għandha tkun għal perjodu ta' servizz limitat, u bi ftehim mal-Aġenzija.

Minn hemm 'il quddiem, dawn id-detenturi ta' ċertifikati jew id-dikjaranti għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli fuq talba lil kwalunkwe persuna oħra meħtieġa tikkonforma ma' daww l-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa.

- (d) Bħala deroga mill-punt (b), id-detentur ta' ċertifikat tat-tip jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn jista' jipposponi d-disponibbiltà ta' parti mill-istruzzjonijiet għal ajrunavigabbiltà kontinwa, li tittratta l-istruzzjonijiet tal-eżekuzzjoni fit-tul ta' natura skedata, sakemm il-prodott jew il-prodott modifikat jidħol fis-servizz, iżda għandu jagħmel daww l-istruzzjonijiet disponibbli qabel ma jkun meħtieġ l-użu ta' din id-*data* għall-prodott jew għall-prodott modifikat.
- (e) Id-detentur ta' approvazzjoni tad-disinn jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, li huwa meħtieġ jipprovdi struzzjonijiet għal ajrunavigabbiltà kontinwa f'konformità mal-punt (b), għandu wkoll jagħmel il-bidliet f'daww l-istruzzjonijiet disponibbli għall-operaturi magħrufin kollha tal-prodott affettwat mill-

bidla u, fuq talba, għal kwalunkwe persuna oħra li tkun meħtieġa tikkonforma ma' dawk il-bidliet.

21L.A.10 Aċċess u investigazzjoni

Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li għandhom jew li applikaw għal ċertifikat tat-tip, għal ċertifikat tat-tip supplementari, għal approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri, għal permess għat-titjir, għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett, għal ċertifikat tal-ħoss jew għal ċertifikat tal-ħoss ristrett, li ddikjaraw konformità tad-disinn, li ddikjaraw il-kapaċità tad-disinn jew tal-produzzjoni tagħhom jew li jipproduċu inġenji tal-ajru, magni, skrejjen jew partijiet skont is-Subparti r ta' dan l-Anness, għandhom:

- (a) jagħtu lill-awtorità kompetenti aċċess għal kwalunkwe faċilità, prodott, parti, dokument, rekord, *data*, proċessi, proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor, u jippermettu r-rieżami ta' kwalunkwe rapport u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni u jwettqu jew ikunu preżenti għal test li jkun neċessarju sabiex jiġu vverifikati l-konformità u l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli ta' din it-Taqsima;
- (b) jekk il-persuna fiżika jew ġuridika tuża sħab, fornituri jew sottokuntratturi, jagħmlu arranġamenti magħhom sabiex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti jkollha aċċess u tkun tista' tinvestiga kif deskritt fil-punt (a).

21L.A.11 Konstatazzjonijiet u osservazzjonijiet

- (a) Wara li tirċievi n-notifika tal-konstatazzjonijiet, il-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha jew li tkun applikat għal ċertifikat tat-tip, għal ċertifikat tat-tip supplementari, għal approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija maġġuri, għal permess għat-titjir, għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett, għal ċertifikat tal-ħoss jew għal ċertifikat tal-ħoss ristrett, li tkun iddikjarat il-konformità tad-disinn, li tkun iddikjarat l-kapaċità tad-disinn jew tal-produzzjoni tagħha jew li tipproduċi inġenji tal-ajru, magni, skrejjen jew partijiet skont is-Subparti R ta' dan l-Anness, għandha tiegħu l-passi li ġejjin fil-perjodu ta' żmien iddeterminat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt (d) jew (e) tal-punt 21L.B.21:
 - 1. tidentifika l-kawża/i ewlenija/ewlenin tan-nuqqas ta' konformità, kif ukoll il-fatturi kontributorji tiegħu;
 - 2. tiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiva u tipproponih lill-awtorità kompetenti;
 - 3. turi l-implimentazzjoni tal-azzjoni(jiet) korrettiva/i għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti.
- (b) Osservazzjoni notifikata mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt (f) tal-punt 21L.B.21 għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa. Il-persuna fiżika jew ġuridika għandha tirreġistra d-deċiżjoni meħuda fir-rigward ta' dawk l-osservazzjonijiet.

21L.A.12 Mezzi ta' konformità

- (a) Persuna ġuridika jew fiżika tista' tuża kwalunkwe mezz alternattiv ta' konformità mal-mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMC) sabiex tistabilixxi l-konformità ma' dan ir-Regolament.
- (b) Jekk persuna fiżika jew ġuridika tkun tixtieq tuża mezz alternattiv ta' konformità, qabel ma tużah, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe revizzjoni għall-manwali jew għall-

proċeduri li tista' tkun rilevanti, kif ukoll spjegazzjoni li tindika kif tinkiseb il-konformità ma' dan ir-Regolament.

- (c) Il-persuna fiżika jew ġuridika tista' tuża dawk il-mezzi ta' konformità alternattivi soġġetta għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti.

SUBPARTI B — ĊERTIFIKATI TAT-TIP

21L.A.21 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni għaċ-ċertifikati tat-tip, u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal dawk iċ-ċertifikati għall-prodotti, u tad-detenturi tagħhom, meta l-prodott ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) ajruplan b'massa ta' tluq massima (MTOM) ta' 2 000 kg jew anqas b'konfigurazzjoni ta' sits għal massimu ta' erba' persuni;
- (b) glider jew glider bil-mutur b'MTOM ta' 2 000 kg jew anqas;
- (c) ballun tal-arja;
- (d) ġifen tal-ajru li jaħdem b'arja sħuna;
- (e) ġifen tal-ajru tal-gass li jgħorr il-passiġġieri ddisinjat għal mhux aktar minn erba' persuni;
- (f) inġenju tal-ajru li jaħdem bir-rotors b'MTOM ta' 1 200 kg jew anqas b'konfigurazzjoni ta' sits għal massimu ta' erba' persuni;
- (g) magna bil-pistuni u skrun b'angolu tal-qala' fiss li huma maħsubin sabiex jiġu installati fuq inġenju tal-ajru msemmi fil-punti (a) sa (f). F'każijiet bħal dawn, l-iskeda tad-*data* taċ-ċertifikat tat-tip għandha tkun annotata b'mod xieraq sabiex tippermetti biss l-installazzjoni tal-magna jew tal-iskrun fuq tali inġenju tal-ajru;
- (h) ġiroplani.

21L.A.22 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun uriet, jew tinsab fil-proċess li turi, il-kapaċità tad-disinn tagħha f'konformità mal-punt 21L.A.23, tista' tapplika għal ċertifikat tat-tip fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

21L.A.23 Dimostrazzjoni tal-kapaċità tad-disinn

Applikant għal ċertifikat tat-tip għandu juri l-kapaċità tad-disinn tiegħu billi:

- (a) jkollu approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn b'termini ta' approvazzjoni li jkopru l-kategorija rispettiva tal-prodott, maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mas-Subparti J tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21); jew
- (b) jiddikjara l-kapaċità tad-disinn tiegħu għat-tip ta' xogħol tad-disinn u għall-kategorija tal-prodott f'konformità mas-Subparti J ta' dan l-Anness.

21L.A.24 Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip

- (a) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip għandha ssir f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (b) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip għandha tinkludi bħala minimu:
 1. ġustifikazzjoni li l-applikazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni kif stabbilit fil-punt 21L.A.21;
 2. *data* deskrittiva preliminari tal-prodott, tal-użu maħsub, u tat-tip ta' operazzjoni tal-prodott li għalih tintalab iċ-ċertifikazzjoni;

3. proposta għall-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u għar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, imħejjija f'konformità mar-rekwiżiti u mal-opzjonijiet speċifikati fil-punti 21L.B.43 u 21L.B.45;
 4. pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità li jagħti dettalji dwar il-mezzi u l-metodi ta' konformità li għandu jiġi aġġornat mill-applikant meta jkun hemm bidliet fil-proġett ta' ċertifikazzjoni li jaffettwaw il-punti (1) sa (3) jew kwalunkwe bidla fil-mezzi u fil-metodi ta' konformità.
- (c) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip għandha tibqa' valida għal 3 snin. F'każ li ċertifikat tat-tip ma jkunx inħareġ f'dan il-perjodu, għandha ssir applikazzjoni ġdida f'konformità mal-punti (a) u (b).

21L.A.25 Dimostrazzjoni tal-konformità

- (a) Imbagħad, wara l-aċċettazzjoni tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità mill-Aġenzija u f'konformità mal-kontenut tiegħu, l-applikant għal ċertifikat tat-tip għandu:
1. juri l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli kif stabbilita u nnotifikata lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.43;
 2. juri konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.45; u
 3. jipprovdi lill-Aġenzija bil-mezzi li bihom tkun intweriet din il-konformità.
- (b) L-applikant għal ċertifikat tat-tip għandu jipprovdi lill-Aġenzija b'ġustifikazzjoni rreġistrata tal-mezzi ta' konformità fid-dokumenti ta' konformità skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità.
- (c) Meta jwettaq l-ittestjar u l-ispezzjonijiet sabiex juri l-konformità f'konformità mal-punt (a), l-applikant għandu jkun ivverifika u ddokumenta din il-verifika qabel ma jwettaq kwalunkwe test:
1. għal kull kampjun tat-test, li:
 - (i) il-materjali u l-proċessi jikkonformaw b'mod adegwat mal-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn tat-tip propost;
 - (ii) il-partijiet kostitwenti tal-prodotti jikkonformaw b'mod adegwat mat-tipijiet tad-disinn tat-tip propost;
 - (iii) il-proċessi tal-manifattura, il-kostruzzjoni u t-twaħħil jikkonformaw b'mod adegwat ma' dawk speċifikati fid-disinn tat-tip propost; u
 2. li t-test u t-tagħmir tal-kejl użati għat-test kienu adegwati għat-test u kkalibrati kif xieraq.
- (d) L-ittestjar tat-titjiriet, għall-fini li jinkiseb ċertifikat tat-tip, għandu jsir f'konformità mal-metodi għat-tali ttestjar tat-titjiriet speċifikat mill-Aġenzija. L-applikant għal ċertifikat tat-tip għandu jagħmel it-testijiet tat-titjiriet kollha neċessarji sabiex tiġi ddeterminata l-konformità mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip. It-testijiet tat-titjiriet għandhom jinkludu perjodu ta' tħaddim f'konfigurazzjoni finali ta' durata suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda kwistjoni ta' sikurezza meta l-inġenju tal-ajru jidħol fis-servizz għall-ewwel darba.
- (e) Applikant għal ċertifikat tat-tip għandu jippermetti lill-Aġenzija:

1. tanalizza kull *data* u informazzjoni relatata mad-dimostrazzjoni tal-konformità;
 2. tkun preżenti għal, jew twettaq, kwalunkwe test jew spezzjoni li ssir għall-fini li tintwera l-konformità;
 3. twettaq spezzjoni fiżika tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni finali sabiex tivverifika l-konformità tad-disinn mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali u kwalunkwe investigazzjoni oħra ddeterminata f'konformità mal-punt 21L.B.46.
- (f) Mat-tlestija tad-dimostrazzjoni tal-konformità, l-applikant għandu jiddikjara lill-Aġenzija li:
1. ikun wera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punti 21L.B.43 u 21L.B.45, skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità; u
 2. ma tkun ġiet identifikata l-ebda karatteristika li tista' tikkomprometti s-sikurezza tal-prodott jew tagħmlu ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni.

21L.A.26 Disinn tat-tip

L-applikant għal ċertifikat tat-tip għandu jiddefinixxi d-disinn tat-tip ta' prodott sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni unika u mhux ambigwa tiegħu, li tikkonsisti f'dawn:

- (a) tpinġijiet u speċifikazzjonijiet u elenkar ta' daww it-tpinġijiet u l-ispeċifikazzjonijiet li huma neċessarji sabiex jiġu ddefiniti l-konfigurazzjoni u l-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott;
- (b) informazzjoni dwar il-materjali u l-proċessi użati;
- (c) informazzjoni dwar il-metodi ta' manifattura u ta' assemblaġġ;
- (d) kwalunkwe limitazzjoni tal-ajrunavigabbiltà;
- (e) ir-rekwiżiti ta' kompatibbiltà ambjentali; u
- (f) kull *data* oħra li b'paragun tippermetti d-determinazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u, jekk rilevanti, il-kompatibbiltà ambjentali ta' prodotti tal-istess tip li jsiru aktar 'il quddiem.

21L.A.27 Rekwiżiti għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip

Sabiex jinħareġ ċertifikat tat-tip, l-applikant għandu:

- (a) juri l-kapaċità tad-disinn tiegħu f'konformità mal-punt 21L.A.23;
- (b) juri l-konformità tad-disinn f'konformità mal-punt 21L.A.25;
- (c) juri, għaċ-ċertifikati tat-tip ta' inġenju tal-ajru, li l-magna jew l-iskrun, jew it-tnejn, jekk ikunu installati fuq l-inġenju tal-ajru, għandhom jew:
 1. ċertifikat tat-tip maħruġ jew iddeterminat f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) jew maħruġ f'konformità ma' dan l-Anness; jew
 2. ikunu ġew inklużi fl-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru u l-applikant ikun żgura l-konformità tal-magna u tal-iskrun matul id-dimostrazzjoni tal-konformità fil-punt 21L.A.25;

- (d) juri li ma hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta mill-ispezzjoni fiżika tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni finali jew kwalunkwe investigazzjoni oħra mwettqa mill-Aġenzija f'konformità mal-punti (c) u (d) tal-punt 21L.B.46.

21L.A.28 Obbligi ta' detentur taċ-ċertifikat tat-tip

Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip għandu jwettaq l-obbligi ta' detentur taċ-ċertifikat tat-tip stabbiliti fis-Subparti A ta' dan l-Anness u għandu jkompli jikkonforma mar-rekwiżit tal-eliġibbiltà skont il-punt 21L.A.22.

21L.A.29 Trasferibbiltà ta' ċertifikat tat-tip

Ċertifikat tat-tip jista' jiġi ttrasferit lil detentur ġdid, dment li l-Aġenzija tkun ivverifikat, f'konformità mal-punt 21L.B.49, li l-persuna fiżika jew ġuridika li lilha huwa maħsub li jiġi ttrasferit iċ-ċertifikat tat-tip tkun eliġibbli f'konformità mal-punt 21L.A.22 sabiex ikollha ċertifikat tat-tip u tkun tista' twettaq l-obbligi ta' detentur taċ-ċertifikat tat-tip skont il-punt 21L.A.28. Id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jew il-persuna fiżika jew ġuridika li tixtieq tadotta iċ-ċertifikat għandha tapplika mal-Aġenzija sabiex tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet ikunux issodisfati, f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.

21L.A.30 Validità kontinwa ta' ċertifikat tat-tip

- (a) Ċertifikat tat-tip għandu jibqa' validu sakemm:
1. iċ-ċertifikat tat-tip ma jiġix ċedut mid-detentur;
 2. id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jibqa' konformi mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament tal-konstatazzjonijiet kif speċifikati fil-punt 21L.B.21;
 3. iċ-ċertifikat tat-tip ma jiġix irrevokat mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.22.
- (b) Meta jiġi ċedut jew irrevokat, iċ-ċertifikat tat-tip għandu jintbagħat lura lill-Aġenzija.

SUBPARTI C — DIKJARAZZJONIJIET TAL-KONFORMITÀ TAD-DISINN TAL-INĠENJU TAL-AJRU

21L.A.41 Kamp ta' applikazzjoni

- (a) Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenji tal-ajru, u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-persuni li jagħmlu t-tali dikjarazzjonijiet.
- (b) Din is-Subparti tapplika għall-kategoriji ta' inġenji tal-ajru li ġejjin, sakemm id-disinn tal-inġenju tal-ajru ma jinkludix karatteristiċi tad-disinn ġodda jew mhux tas-soltu:
1. ajruplan b'massa ta' tluq massima (MTOM) ta' 1 200 kg jew anqas li ma jkunx jaħdem bil-ġettijiet, u li jkollu konfigurazzjoni ta' sits għal massimu ta' żewġ persuni;
 2. glider jew glider bil-mutur b'MTOM ta' 1 200 kg jew anqas;
 3. ballun tal-arja ddisinjat għal mhux aktar minn erba' persuni;
 4. ġifen tal-ajru li jaħdem bl-arja sħuna ddisinjat għal mhux aktar minn erba' persuni.
- (c) Għall-fini ta' din is-Subparti, karatteristika tad-disinn għandha titqies bħala ġdida jew mhux tas-soltu jekk fiż-żmien li ssir id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, dik il-karatteristika tad-disinn ma tkunx koperta mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati stabbiliti u magħmula disponibbli mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.61.

21L.A.42 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tiddikjara l-konformità ta' disinn ta' inġenju tal-ajru skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

21L.A.43 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

- (a) Qabel ma tipproduċi inġenju tal-ajru jew taqbel ma' organizzazzjoni tal-produzzjoni sabiex tipproduċi inġenju tal-ajru, persuna fiżika jew ġuridika li tiddisinja dak l-inġenju tal-ajru għandha tiddikjara li d-disinn tiegħu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali msemmijin fil-punt 21L.A.45.
- (b) Id-dikjarazzjoni għandha ssir f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija u għandu jkun fiha tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
1. l-isem tal-persuna li tissottometti d-dikjarazzjoni, u l-indirizz/post tan-negozju tagħha;
 2. referenza unika għall-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;
 3. indikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali skont il-punt 21L.A.45 li d-dikjarant jiddikjara l-konformità magħhom;
 4. dikjarazzjoni ffirmata magħmula taħt ir-responsabbiltà unika tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni li d-disinn tal-inġenju tal-ajru, u jekk applikabbli, tal-magna jew tal-iskrun, ikun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati

applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali msemmijin fil-punt 3, skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità msemmi fil-punt (c)(3);

5. dikjarazzjoni ffirmata magħmula taħt ir-responsabbiltà unika tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni li ma ġiet identifikata l-ebda partikolarità jew karatteristika minn dik il-persuna li tista' tagħmel l-inġenju tal-ajru mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użu maħsub;
 6. impenn iffirmit li l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni se twettaq l-obbligi msemmijin fil-punt 21L.A.47;
 7. jekk id-disinn tal-inġenju tal-ajru kopert mid-dikjarazzjoni jinkludi magna jew skrun:
 - (i) referenza għaċ-ċertifikat tat-tip ta' magna jew ta' skrun maħruġ jew iddeterminat f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) jew maħruġ f'konformità ma' dan l-Anness; jew
 - (ii) fil-każ ta' magni bil-pistuni u ta' skrejjien b'angolu tal-qala' fiss, affermazzjoni li d-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru tkopri l-konformità tal-magna jew tal-iskrun mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli tal-magna jew tal-iskrun;
 8. l-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa;
 9. il-limitazzjonijiet operattivi;
 10. l-iskeda tad-*data* għall-ajrunavigabbiltà u, jekk applikabbli, għall-emissjonijiet;
 11. l-iskeda tad-*data* għall-*ħoss*, jekk applikabbli;
 12. kwalunkwe kundizzjoni jew limitazzjoni oħra stabbilita għall-inġenju tal-ajru, u jekk applikabbli għall-magna jew għall-iskrun, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u fir-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li d-dikjarant jiddikjara l-konformità magħhom.
- (c) Id-dikjarant għandu jissottometti d-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn imsemmija fil-punt (b) lill-Aġenzija. Flimkien ma' din id-dikjarazzjoni, id-dikjarant għandu jipprovi lill-Aġenzija:
1. tpinġija tal-inġenju tal-ajru;
 2. deskrizzjoni dettaljata tad-disinn tal-inġenju tal-ajru, inklużi l-konfigurazzjonijiet kollha koperti mid-dikjarazzjoni, il-karatteristiċi operattivi, il-karatteristiċi tad-disinn u kwalunkwe limitazzjoni;
 3. pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità li jagħti dettalji dwar il-mezzi li bihom tkun intweriet il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali matul id-dimostrazzjoni tal-konformità;
 4. il-ġustifikazzjonijiet irreġistrati tal-konformità miksubin mill-attivitajiet ta' konformità li twettqu skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
 5. meta tintwera l-konformità billi jitwettqu t-testijiet, ġustifikazzjoni rreġistrata tal-konformità tal-oġġetti u tat-tagħmir tat-test, li turi:
 - (i) fil-każ tal-kampjun tat-test, li:

- (A) il-materjali u l-proċessi kkonformaw b'mod adegwat mal-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn;
 - (B) il-partijiet kostitwenti tal-prodotti kkonformaw b'mod adegwat mat-tpiġġijiet tad-disinn; u
 - (C) il-proċessi tal-manifattura, il-kostruzzjoni u t-twaħħil ikkonformaw b'mod adegwat ma' daww speċifikati fid-disinn;
- (ii) li t-test u t-tagħmir tal-kejl użati għat-test kienu adegwati għat-test u kkalibrati kif xieraq;
6. ir-rapporti, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet jew tat-testijiet li d-dikjarant sab li kienu neċessarji sabiex jiġi ddeterminat li l-inġenju tal-ajru, u jekk applikabbli l-magna jew l-iskrun, jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.

21L.A.44 Attivitàjiet ta' konformità għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

Qabel ma jagħmel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn f'konformità mal-punt 21L.A.43, id-dikjarant responsabbli għad-disinn ta' dak l-inġenju tal-ajru għandu, għal dak id-disinn speċifiku tal-inġenju tal-ajru:

- (a) jistabbilixxi pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità li jagħti dettalji dwar il-mezzi għad-dimostrazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu segwiti matul id-dimostrazzjoni tal-konformità. Dan id-dokument għandu jkun aġġornat kif ikun neċessarju;
- (b) jirreġistra l-ġustifikazzjoni tal-konformità fid-dokumenti tal-konformità skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (c) iwettaq l-ittestjar u l-ispezzjonijiet kif neċessarji f'konformità mal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (d) jiżgura u jirreġistra l-konformità tal-oġġetti u tat-tagħmir tat-test u jiżgura li l-kampjun tat-test jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet, mat-tpiġġijiet, mal-proċessi tal-manifattura, mal-mezzi tal-kostruzzjoni u tal-assemblaġġ fid-disinn;
- (e) jiżgura li t-tagħmir tat-test u tal-kejl li għandu jintuża għall-ittestjar ikun adegwat għall-ittestjar u kkalibrat kif xieraq;
- (f) jippermetti lill-Aġenzija twettaq jew tipparteċipa fi kwalunkwe spezzjoni jew test tal-inġenji tal-ajru fil-konfigurazzjoni tad-disinn u tal-produzzjoni finali jew matura kif xieraq li jkun neċessarju sabiex jiġi ddeterminat li l-prodott ma għandu l-ebda partikolarità jew karatteristika li tagħmel l-inġenju tal-ajru mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użu maħsub;
- (g) iwettaq ittestjar tat-titjira, f'konformità mal-metodi għal tali ttestjar tat-titjira speċifikati mill-Aġenzija, sabiex jiddetermina jekk l-inġenju tal-ajru jikkonformax mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali. L-ittestjar tat-titjiriet għandhom jinkludu perjodu ta' tħaddim fil-konfigurazzjoni finali ta' durata suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda kwistjoni ta' sikurezza meta l-inġenju tal-ajru jidħol fis-servizz għall-ewwel darba.

21L.A.45 Speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li huma applikabbli għal inġenji tal-ajru soġġetti għal dikjarazzjonijiet ta' konformità tad-disinn

Id-dikjarant għandu juri l-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali msemmijin fil-punt 21L.B.61, li jkunu applikabbli għal dak l-inġenju tal-ajru u li jkunu effettivi fid-data li fiha ssir id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn lill-Aġenzija.

21L.A.46 Data dwar id-disinn tal-inġenji tal-ajru

- (a) Id-dikjarant għandu jiddefinixxi b'mod ċar id-disinn tal-inġenju tal-ajru sabiex jippermetti l-identifikazzjoni unika u mhux ambigwa tiegħu.
- (b) Id-*data* tad-disinn tal-inġenju tal-ajru li tintuża mid-dikjarant sabiex jiddefinixxi b'mod uniku d-disinn tal-inġenju tal-ajru għandha tinkludi:
 1. it-tpiġġijiet u l-ispeċifikazzjonijiet u elenkar ta' dawk it-tpiġġijiet u l-ispeċifikazzjonijiet li huma neċessarji sabiex jiġu ddefiniti l-konfigurazzjoni u l-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott;
 2. informazzjoni dwar il-materjali u l-proċessi użati;
 3. informazzjoni dwar il-metodi ta' manifattura u ta' assemblaġġ;
 4. kwalunkwe limitazzjoni tal-ajrunavigabbiltà;
 5. kwalunkwe rekwiżit ta' kompatibbiltà ambjentali; u
 6. kull *data* oħra li b'paragun tippermetti d-determinazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u, jekk rilevanti, il-kompatibbiltà ambjentali ta' prodotti tal-istess tip li jsiru aktar 'il quddiem.

21L.A.47 Obbligi tad-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

Id-dikjarant li jkun għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru lill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.A.43 għandu:

- (a) mas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni, jagħmel arranġamenti sabiex l-Aġenzija twettaq spezzjoni fiżika u testijiet tat-titjiriet tal-ewwel oġġett ta' dak l-inġenju tal-ajru fil-konfigurazzjoni finali jew matura kif xieraq sabiex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jkun jista' jikseb livell aċċettabbli ta' sikurezza u jkun ambjentalment kompatibbli;
- (b) iżomm id-dokumenti ta' sostenn kollha għad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, u jagħmilhom disponibbli għall-Aġenzija fuq talba;
- (c) jikkonforma mal-obbligi l-oħrajn kollha applikabbli għal dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn stabbilita fis-Subparti A ta' dan l-Anness.

21L.A.48 In-nuqqas ta' trasferibbiltà ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenji tal-ajru

- (a) Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru ma tistax tiġi ttrasferita.
- (b) Persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tiegħu f'idejha d-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata qabel il-konformità tad-disinn għandha:

1. tissottometti dikjarazzjoni ġdida tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità ma' din is-Subparti;
2. turi li d-dikjarant li qabel għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru ma għadux attiv jew qabel għat-trasferiment tad-*data* dwar id-disinn tal-inġenju tal-ajru;
3. tiegħu impenn li tikkonforma mal-obbligi kollha applikabbli għall-persuni li jagħmlu dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenji tal-ajru stabbiliti f'din is-Subparti skont il-punt 21L.A.47.

21L.A.61 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi:

- (a) il-proċedura għall-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' bidliet fiċ-ċertifikati tat-tip għall-prodotti ċertifikati f'konformità ma' dan l-Anness, dment li l-prodott mibdul ikun għadu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 21L.A.21;
- (b) id-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal dawk l-approvazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a), u tad-detenturi tagħhom;
- (c) id-dispożizzjonijiet dwar il-bidliet standard li ma jeħtiġux approvazzjoni.

21L.A.62 Bidliet standard

- (a) Bidliet standard huma dawk il-bidliet f'ċertifikat tat-tip ta' prodott approvat f'konformità mas-Subparti B tat-Taqsima B ta' dan l-Anness:
 - 1. li jsegwu d-*data* tad-disinn inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni maħruġin mill-Aġenzija, li jkun fihom il-metodi, it-tekniki u l-prattiki aċċettabbli sabiex titwettagħ u tiġi identifikata l-bidla standard, inklużi l-istruzzjonijiet assoċjati għall-ajrunavigabbiltà kontinwa; u
 - 2. li ma humiex f'kunflitt mad-*data* tad-detentur ta' dak iċ-ċertifikat tat-tip.
- (b) Il-punti 21L.A.63 sa 21L.A.70 ma japplikawx għal bidliet standard.

21L.A.63 Klassifikazzjoni tal-bidliet f'ċertifikat tat-tip

- (a) Bidliet f'ċertifikat tat-tip għandhom jiġu kklassifikati bħala minuri jew maġġuri.
- (b) “Bidla minuri” hija bidla li ma għandha l-ebda effett apprezzabbli fuq il-massa, fuq il-bilanċ, fuq is-saħħa strutturali, fuq l-affidabbiltà, fuq il-livelli ċertifikati tal-ħoss jew tal-emissjonijiet, fuq il-karatteristiċi operattivi, jew fuq karatteristiċi oħrajn li jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà jew il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott.
- (c) Il-bidliet l-oħrajn kollha huma “bidliet maġġuri”, sakemm il-bidla fid-disinn, fil-potenza, fil-forza propulsiva, jew fil-massa tkun tant estensiva li tkun meħtieġa investigazzjoni sostanzjalment kompluta tal-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jew mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli, f'liema każ id-disinn għandu jiġi ċertifikat f'konformità mas-Subparti B ta' dan l-Anness.
- (d) Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' bidliet minuri huma dawk stabbiliti fil-punt 21L.A.67.
- (e) Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' bidliet maġġuri huma dawk stabbiliti fil-punt 21L.A.68.

21L.A.64 Eliġibbiltà

- (a) Id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip biss jista' japplika għall-approvazzjoni ta' bidla maġġuri fid-disinn tat-tip skont din is-Subparti; l-applikanti l-oħrajn kollha għal bidla maġġuri fiċ-ċertifikat tat-tip għandhom japplikaw skont is-Subparti E ta' dan l-Anness.

- (b) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tapplika għall-approvazzjoni ta' bidla minuri fiċ-ċertifikat tat-tip skont din is-Subparti.

21L.A.65 Applikazzjoni għal bidla f'ċertifikat tat-tip

- (a) Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' bidla fiċ-ċertifikat tat-tip għandha ssir f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (b) Għal bidla maġġuri fiċ-ċertifikat tat-tip, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità għad-dimostrazzjoni tal-konformità f'konformità mal-punt 21L.A.66, flimkien ma' proposta għall-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u għar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, imħejjija f'konformità mar-rekwiżiti u mal-opzjonijiet speċifikati fil-punt 21L.B.81.

21L.A.66 Dimostrazzjoni tal-konformità

- (a) L-applikant għal bidla maġġuri fiċ-ċertifikat tat-tip għandu juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.81, u għandu jipprovi lill-Aġenzija bil-mezzi li bihom tkun intweriet din il-konformità.
- (b) L-applikant għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip għandu jipprovi lill-Aġenzija b'ġustifikazzjoni rreġistrata tal-mezzi ta' konformità skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità.
- (c) Meta jwettaq l-ittestjar u l-ispezzjonijiet sabiex juri l-konformità f'konformità mal-punt (a), l-applikant għandu jkun ivverifika u ddokumenta din il-verifika qabel ma jwettaq kwalunkwe test:
1. fil-każ tal-kampjun tat-test, li:
 - (i) il-materjali u l-proċessi jikkonformaw b'mod adegwat mal-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn tat-tip mibdul propost;
 - (ii) il-partijiet kostitwenti tal-prodotti jikkonformaw b'mod adegwat mat-tiġingijiet tad-disinn tat-tip mibdul propost;
 - (iii) il-proċessi tal-manifattura, il-konstruzzjoni u t-twaħħil jikkonformaw b'mod adegwat ma' dawk speċifikati fid-disinn mibdul tat-tip propost; u
 2. li t-test u t-tagħmir tal-kejl użati għat-test kienu adegwati għat-test u kkalibrati kif xieraq.
- (d) L-ittestjar tat-titjiriet, għall-fini li tinkiseb approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip, għandu jsir f'konformità mal-metodi għat-tali ttestjar tat-titjiriet speċifikati mill-Aġenzija. L-applikant għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip għandu jagħmel it-testijiet tat-titjiriet kollha neċessarji sabiex tiġi ddeterminata l-konformità mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.
- (e) Applikant għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip għandu jippermetti lill-Aġenzija:
1. tanalizza kull *data* u informazzjoni relatata mad-dimostrazzjoni tal-konformità;
 2. tkun preżenti għal, jew twettaq, kwalunkwe test jew spezzjoni li ssir għall-fini li tintwera l-konformità; u

3. jekk jitqies neċessarju, twestaq spezzjoni fiżika tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni finali sabiex tivverifika l-konformità tad-disinn mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.
- (f) Mat-tlestija tad-dimostrazzjoni tal-konformità, l-applikant għandu jiddikjara lill-Aġenzija li:
1. ikun wera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.81, skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità; u
 2. ma tkun għet identifikata l-ebda karatteristika li tista' tikkomprometti s-sikurezza tal-prodott mibdul jew tagħmlu ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni.

21L.A.67 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip

Sabiex tinħariġlu approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip, l-applikant għandu:

- (a) juri li l-bidla u l-postijiet affettwati mill-bidla jikkonformaw:
1. mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali inkorporati b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip; jew
 2. jekk l-applikant jagħżel hekk, mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni li huma applikabbli għall-prodott fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla;
- (b) jiddikjara l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li japplikaw f'konformità mal-punt (a)(1), jew mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni magħżulin f'konformità mal-punt (a)(2), jirreġistra l-ġustifikazzjonijiet tal-konformità fid-dokumenti ta' konformità, u jirreġistra li ma għet identifikata l-ebda partikolarità jew karatteristika li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni;
- (c) jissottometti lill-Aġenzija l-ġustifikazzjoni tal-konformità għall-bidla u d-dikjarazzjoni tal-konformità.

21L.A.68 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

Sabiex tinħariġlu approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip, l-applikant għandu:

- (a) juri li l-bidla u l-partijiet affettwati mill-bidla jikkonformaw mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.81;
- (b) juri l-konformità f'konformità mal-punt 21L.A.66;
- (c) juri li ma hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta mill-ispezzjoni fiżika tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni mibdula finali mwettqa mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.A.66(e)(3).

21L.A.69 Approvazzjoni ta' bidla f'ċertifikat tat-tip taħt privileġġ

- (a) L-approvazzjoni ta' bidla f'ċertifikat tat-tip li jkun iddisinja tista' tinħareġ minn organizzazzjoni tad-disinn approvata mingħajr applikazzjoni skont il-punt 21L.A.65

f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-privileġġi tiegħu previst fil-punti (2) u (8) tal-punt 21.A.263(c) tal-Anness I (il-Parti 21) minflok l-Aġenzija, kif irreġistrata fit-termini tal-approvazzjoni.

- (b) Meta toħroġ approvazzjoni ta' bidla f'ċertifikat tat-tip f'konformità mal-punt (a), l-organizzazzjoni tad-disinn għandha:
1. tiżgura li jkunu disponibbli *d-data* u l-ġustifikazzjonijiet li jissostanzjaw kollha;
 2. tiżgura li l-konformità tal-bidla mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali skont il-punt (a)(1) tal-punt 21L.A.67 jew il-punt (a) tal-punt 21L.A.68 tkun intweriet u ġiet iddikjarata f'konformità mal-punt 21L.A.66;
 3. tikkonferma li ma sabitx:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, jew mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni magħżulin;
 - (ii) xi partikolarità jew karatteristika tal-bidla li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni;
 4. tillimita l-approvazzjoni ta' bidla f'ċertifikat tat-tip għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li magħha/magħhom għandha x'taqsam il-bidla.

21L.A.70 Obbligi għal bidliet minuri f'ċertifikat tat-tip

Id-detentur ta' approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip għandu jiżgura li jitwettqu l-obbligi għad-detenturi ta' approvazzjonijiet ta' bidliet minuri tas-Subparti A ta' dan l-Anness.

21L.A.81 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi għajr id-detentur ta' dak iċ-ċertifikat tat-tip sabiex japplikaw għall-approvazzjoni ta' bidliet maġġuri f'ċertifikati tat-tip, maħruġin skont l-Anness I (il-Parti 21) jew dan l-Anness, ta' prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 21L.A.21, dment li l-prodott mibdul ikun għadu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-punt, u jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal dawk iċ-ċertifikati, u tad-detenturi tagħhom.

21L.A.82 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun uriet, jew tinsab fil-proċess li turi, jew li ddikjarat il-kapaċità tad-disinn tagħha f'konformità mal-punt 21L.A.83, tista' tapplika għal ċertifikat tat-tip supplementari fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

21L.A.83 Dimostrazzjoni tal-kapaċità tad-disinn

Applikant għal ċertifikat tat-tip supplementari għandu juri l-kapaċità tad-disinn tiegħu billi:

- (a) jkollu approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn b'termini ta' approvazzjoni li jkopru l-kategorija rispettiva tal-prodott, maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mas-Subparti J tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21); jew
- (b) jiddikjara l-kapaċità tad-disinn tiegħu għall-ambitu tal-prodott f'konformità mas-Subparti J ta' dan l-Anness.

21L.A.84 Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplementari

- (a) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplementari għandha ssir f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (b) Meta japplika għal ċertifikat tat-tip supplementari, l-applikant għandu:
 - 1. jinkludi fl-applikazzjoni l-informazzjoni meħtieġa mill-punt 21L.A.65(b);
 - 2. jispeċifika jekk id-*data* taċ-ċertifikazzjoni tkunx tħejjiet jew hijiex se titħejja kollha kemm hi mill-applikant jew fuq il-bażi ta' arranġament ma' sid id-*data* taċ-ċertifikazzjoni tat-tip.

21L.A.85 Dimostrazzjoni tal-konformità

- (a) L-applikant għal ċertifikat tat-tip supplementari għandu juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.101 u għandu jipprovdi lill-Aġenzija bil-mezzi li bihom tkun intweriet din il-konformità.
- (b) L-applikant għal ċertifikat tat-tip supplementari għandu jipprovdi lill-Aġenzija b'ġustifikazzjoni rreġistrata tal-mezzi ta' konformità fid-dokumenti ta' konformità skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità.
- (c) Meta jwettaq l-ittestjar u l-ispezzjonijiet sabiex juri l-konformità f'konformità mal-punt (a), l-applikant għandu jkun ivverifika u ddokumenta din il-verifika qabel ma jwettaq kwalunkwe test:

1. fil-każ tal-kampjun tat-test, li:
 - (i) il-materjali u l-proċessi jikkonformaw b'mod adegwat mal-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn tat-tip mibdul propost;
 - (ii) il-partijiet kostitwenti tal-prodotti jikkonformaw b'mod adegwat mat-tiġijiet tad-disinn tat-tip mibdul propost;
 - (iii) il-proċessi tal-manifattura, il-kostruzzjoni u t-twaħħil jikkonformaw b'mod adegwat ma' dawk speċifikati fid-disinn mibdul tat-tip propost; u
 2. li t-test u t-tagħmir tal-kejl użati għat-test kienu adegwati għat-test u kkalibrati kif xieraq.
- (d) L-ittestjar tat-titjiriet, għall-fini li jinkiseb ċertifikat tat-tip supplementari, għandu jsir f'konformità mal-metodi għat-tali ttestjar tat-titjiriet speċifikat mill-Aġenzija. L-applikant għal ċertifikat tat-tip supplementari għandu jagħmel it-testijiet tat-titjiriet kollha neċessarji sabiex tiġi ddeterminata l-konformità mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip.
- (e) Applikant għal ċertifikat tat-tip supplementari għandu jippermetti lill-Aġenzija:
1. tanalizza kull *data* u informazzjoni relatata mad-dimostrazzjoni tal-konformità;
 2. tkun preżenti għal, jew twettaq, kwalunkwe test jew spezzjoni li ssir għall-fini li tintwera l-konformità; u
 3. twettaq spezzjoni fiżika tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni finali sabiex tivverifika l-konformità tad-disinn mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.
- (f) Mat-tlestija tad-dimostrazzjoni tal-konformità, l-applikant għal ċertifikat tat-tip supplementari għandu jiddikjara lill-Aġenzija li:
1. ikun wera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.101, skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità; u
 2. ma tkun għet identifikata l-ebda karatteristika li tista' tikkomprometti s-sikurezza tal-prodott mibdul jew tagħmlu ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni.

21L.A.86 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplementari

- (a) Sabiex jinħareġ ċertifikat tat-tip supplementari, l-applikant għandu:
1. juri l-kapaċità tad-disinn tiegħu f'konformità mal-punt 21L.A.83;
 2. juri li l-bidla u l-partijiet affettwati mill-bidla f'ċertifikat tat-tip jikkonformaw mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, kif stabbiliti mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.101;
 3. juri l-konformità f'konformità mal-punt 21L.A.85;
 4. jekk l-applikant ikun speċifika li jkun ipprova d-*data* taċ-ċertifikazzjoni fuq il-bażi ta' arranġament ma' sid id-*data* taċ-ċertifikazzjoni tat-tip f'konformità mal-punt 21L.A.84(b), juri li d-detentur taċ-ċertifikat tat-tip:
 - (i) ma għandu l-ebda oġġezzjoni teknika għall-informazzjoni sottomessa skont il-punt 21L.A.65; u

- (ii) qabel li jikkollabora mal-applikant sabiex jiżgura t-twertiq tal-obbligi kollha għall-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott mibdul permezz ta' konformità mal-punti 21L.A.28 u 21L.A.88;
- 5. juri li ma hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta mill-ispezzjoni fiżika tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni mibdula finali mwettqa mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.A.85(e)(3).
- (b) Ċertifikat tat-tip supplementari għandu jkun limitat għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li miegħu jkollha x'taqsam il-bidla maġġuri.

21L.A.87 Approvazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplementari taħt privileġġ

- (a) L-approvazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplementari għal bidla maġġuri li jkun iddisinja tista' tinħareġ minn organizzazzjoni tad-disinn approvata mingħajr applikazzjoni skont il-punt 21L.A.84 f'konformità mal-ambitu tal-privileġġi tagħha previst fil-punt (9) tal-punt 21.A.263(c) tal-Anness I (il-Parti 21) minflok l-Aġenzija, kif irregjistrat fit-termini tal-approvazzjoni.
- (b) Meta tohrög ċertifikat tat-tip supplementari f'konformità mal-punt (a), l-organizzazzjoni tad-disinn għandha:
 1. tiżgura li jkunu disponibbli d-data u l-ġustifikazzjonijiet li jissostanzjaw kollha;
 2. tiżgura li l-konformità tal-bidla mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali tkun intweriet u ġiet iddikjarata;
 3. tikkonferma li ma sabitx:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, jew mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni magħżulin;
 - (ii) xi partikolarità jew karatteristika tal-bidla li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni;
 4. tillimita l-approvazzjoni taċ-ċertifikat tat-tip supplementari għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li magħha/magħhom għandha x'taqsam il-bidla.

21L.A.88 Obbligi ta' detentur ta' ċertifikat tat-tip supplementari

Kull detentur ta' ċertifikat tat-tip supplementari għandu jwettaq l-obbligi ta' detentur taċ-ċertifikat tat-tip supplementari stabbiliti fis-Subparti A ta' dan l-Anness u għandu jkompli jikkonforma mar-rekwiżit tal-eliġibbiltà skont il-punt 21L.A.82.

21L.A.89 Trasferibbiltà ta' ċertifikat tat-tip supplementari

Ċertifikat tat-tip supplementari jista' jiġi ttrasferit lil detentur ġdid, dment li l-Aġenzija tkun ivverifikat li l-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun maħsub li jiġi ttrasferit iċ-ċertifikat tkun eliġibbli f'konformità mal-punt 21L.A.83 sabiex ikollha ċertifikat tat-tip supplementari u tkun tista' twettaq l-obbligi ta' detentur taċ-ċertifikat tat-tip supplementari skont il-punt 21L.A.88.

21L.A.90 Validità kontinwa ta' ċertifikat tat-tip supplementari

- (a) Ċertifikat tat-tip supplementari għandu jibqa' validu sakemm:
1. iċ-ċertifikat tat-tip supplementari ma jġix ċedut mid-detentur;
 2. id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip supplementari jibqa' konformi mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament tal-konstatazzjonijiet kif speċifikati fil-punt 21L.B.21;
 3. iċ-ċertifikat tat-tip supplementari ma jġix irrevokat mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.22.
- (b) Meta jġi ċedut jew irrevokat, iċ-ċertifikat tat-tip għandu jintbagħat lura lill-Aġenzija.

21L.A.91 Bidliet f'parti ta' prodott li hija koperta minn ċertifikat tat-tip supplementari

- (a) Bidla minuri f'parti ta' prodott koperta minn ċertifikat tat-tip supplementari għandha tiġi approvata f'konformità mas-Subparti D ta' dan l-Anness.
- (b) Kull bidla maġġuri f'dik il-parti ta' prodott koperta minn ċertifikat tat-tip supplementari għandha tiġi approvata bħala ċertifikat tat-tip supplementari separat f'konformità ma' din is-Subparti.
- (c) B'deroga mill-punt (b), bidla maġġuri f'dik il-parti ta' prodott koperta minn ċertifikat tat-tip supplementari sottomessa mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip supplementari tista' tiġi approvata bħala bidla fiċ-ċertifikat tat-tip supplementari eżistenti f'konformità mal-punti 21L.A.63 sa 21L.A.69.

SUBPARTI F — BIDLIET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET
IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.A.101 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi:

- (a) il-proċedura għad-dikjarazzjoni tal-konformità ta' bidla fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li kien soġġett għal dikjarazzjoni magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness;
- (b) id-drittijiet u l-obbligi tad-dikjarant li jagħmel dikjarazzjoni tal-konformità tal-bidla msemmija fil-punt (a); u
- (c) dispożizzjonijiet dwar il-bidliet standard li ma jeħtiġux dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn.

21L.A.102 Bidliet standard

- (a) Il-bidliet standard huma bidliet fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li kien soġġett għal dikjarazzjoni magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness u li:
 - 1. isegwu *d-data* tad-disinn inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni maħruġin mill-Aġenzija, li jkun fihom il-metodi, it-tekniki u l-prattiki aċċettabbli sabiex titwettaq u tiġi identifikata l-bidla standard, inklużi l-istruzzjonijiet assoċjati għall-ajrunavigabbiltà kontinwa; u
 - 2. ma jkunux f'kunflitt mad-*data* tad-disinn koperta mid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness.
- (b) Il-punti 21L.A.103 sa 21L.A.108 ma japplikawx għal bidliet standard.

21L.A.103 Klassifikazzjoni tal-bidliet fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

- (a) Bidliet fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li kien soġġett għal dikjarazzjoni magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness għandhom jiġu kklassifikati bħala minuri jew maġġuri, bl-użu tal-kriterji stabbiliti fil-punti 21L.A.63 (b) u (c).
- (b) Il-konformità tad-disinn ta' bidla minuri għandha tiġi ddikjarata f'konformità mal-punt 21L.A.105.
- (c) Il-konformità tad-disinn ta' bidla maġġuri għandha tiġi ddikjarata f'konformità mal-punt 21L.A.107.

21L.A.104 Eliġibbiltà

- (a) Dikjarant li jkun għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness jista' jiddikjara l-konformità ta' bidla minuri fid-disinn ta' dak l-inġenju tal-ajru bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti. Barra minn hekk, tali dikjarazzjoni tal-konformità tista' ssir ukoll, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti, minn organizzazzjoni tad-disinn approvata f'konformità mal-punt (c)(3) tal-punt 21.A.263 tal-Anness I (il-Parti 21).
- (b) Id-dikjarant biss li jkun għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness jista' jiddikjara l-konformità ta' bidla maġġuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-

konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

- (c) B'deroga mill-punt (b) tal-punt 21.L.A.104, jekk id-dikjarant li jkun għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness ma jibqax attiv jew ma jwieġibx għat-talbiet għal bidliet fid-disinn, il-konformità ta' disinn tal-inġenju tal-ajru mibdul tista' tiġi ddikjarata wkoll f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness minn organizzazzjoni tad-disinn approvata f'konformità mal-punt (c)(4) tal-punt 21.A.263 tal-Anness I (il-Parti 21) fi ħdan l-ambitu tat-termini tal-approvazzjoni tagħha, jew minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tkun tista' twettaq l-obbligi stabbiliti fil-punt 21L.A.47 fir-rigward ta' dak l-inġenju tal-ajru mibdul.

21L.A.105 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidliet minuri

- (a) Qabel ma tiġi installata jew inkorporata jew miftiehma ma' organizzazzjoni tal-produzzjoni sabiex tiġi installata jew inkorporata bidla minuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness, l-organizzazzjoni li tkun fasslet dik il-bidla minuri għandha tiddikjara li d-disinn ta' dik il-bidla minuri jikkonforma ma':
1. jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati inkorporati b'referenza fid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru, dment li dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati jew partijiet minnhom ma jibqgħux applikabbli f'konformità mal-punt 21L.B.61 minħabba li l-Aġenzija tkun iddeterminat dik l-esperjenza minn prodotti simili oħrajn fis-servizz jew minn prodotti li għandhom karatteristiċi tad-disinn simili tkun uriet li jistgħu jiżviluppaw kundizzjonijiet mhux sikuri, u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li ġew irreferenzjati fid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru ma jindirizzawx din il-kundizzjoni mhux sikura, jew
 2. l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli, fid-data li fiha ssir id-dikjarazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.61, jekk jintgħażlu mid-dikjarant; u
 3. ir-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali msemmijin fil-punt 21L.B.61 li huma applikabbli fid-data li fiha ssir id-dikjarazzjoni.
- (b) Id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandha ssir f'forma u b'manjera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (c) Id-dikjarant jew l-organizzazzjoni li tkun fasslet il-bidla minuri għandha żżomm regjistru tal-bidliet minuri fid-disinn tal-inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, u tagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula f'konformità mal-punt (a) disponibbli għall-Aġenzija fuq talba.

21L.A.106 Obbligi tal-persuna li tagħmel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn ta' bidla minuri

Kwalunkwe persuna li tkun għamlet dikjarazzjoni tal-konformità ta' bidla minuri fid-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mal-punt 21L.A.105 għandha:

- (a) iżżomm regjistru ta' dawk id-dikjarazzjonijiet u għandha tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet disponibbli għall-Aġenzija fuq talba;
- (b) iżżomm id-dokumenti ta' sostenn kollha għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, u tagħmilhom disponibbli għall-Aġenzija fuq talba;

- (c) twettaq l-obbligi l-oħrajn kollha ta' dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn stabbilita fis-Subparti A ta' dan l-Anness.

21L.A.107 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidla maġġuri

- (a) Qabel ma tiġi installata jew inkorporata jew miftiehma ma' organizzazzjoni tal-produzzjoni sabiex tiġi installata jew inkorporata bidla maġġuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness, l-organizzazzjoni li tkun fasslet dik il-bidla maġġuri għandha tiddikjara li l-bidla maġġuri u l-partijiet affettwati minn dik il-bidla jikkonformaw ma':
1. jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati inkorporati b'referenza fid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru, dment li daww l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati jew partijiet minnhom ma jibqgħux applikabbli f'konformità mal-punt 21L.B.61 minħabba li l-Aġenzija tkun iddeterminat dik l-esperjenza minn prodotti simili oħrajn fis-servizz jew minn prodotti li għandhom karatteristiċi tad-disinn simili tkun uriet li jistgħu jiżviluppaw kundizzjonijiet mhux sikuri, u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li ġew irreferenzjati fid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru ma jindirizzawx din il-kundizzjoni mhux sikura, jew
 2. l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli, fid-data li fiha ssir id-dikjarazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.61, jekk jintgħażlu mid-dikjarant; u
 3. ir-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali msemmijin fil-punt 21L.B.61 li huma applikabbli fid-data li fiha ssir id-dikjarazzjoni.
- (b) Id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandha ssir f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (c) Id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
1. l-isem tal-persuna li tissottometti d-dikjarazzjoni, u l-indirizz/post tan-negozju tagħha;
 2. in-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni tal-inġenju tal-ajru li miegħu tkun relatata l-bidla maġġuri;
 3. referenza unika għall-identifikazzjoni tal-bidla maġġuri;
 4. indikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li d-dikjarant jiddikjara l-konformità magħhom;
 5. dikjarazzjoni ffirmata magħmula taħt ir-responsabbiltà unika tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni li d-disinn tal-bidla maġġuri jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali msemmijin fil-punt (4), skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità msemmi fil-punt (d)(3);
 6. dikjarazzjoni ffirmata magħmula taħt ir-responsabbiltà unika tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni li ma ġiet identifikata l-ebda partikolarità jew karatteristika minn dik il-persuna li tista' tagħmel l-inġenju tal-ajru mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użu maħsub;
 7. impenn iffirmit li l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni se twettaq l-obbligi msemmijin fil-punt 21L.A.47 fir-rigward tad-disinn mibdul tal-inġenju tal-ajru;

8. l-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa;
 9. il-limitazzjonijiet operattivi, jekk jinbidlu;
 10. l-iskeda tad-*data* għall-ajrunavigabbiltà u, jekk applikabbli, ir-rekord tal-konformità tal-emissjonijiet;
 11. l-iskeda tad-*data* għall-*ħoss*, jekk applikabbli;
 12. kwalunkwe kundizzjoni jew limitazzjoni oħra stabbilita għall-inġenju tal-ajru fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u fir-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li d-dikjarant jiddikjara l-konformità magħhom.
- (d) Id-dikjarant li jfassal bidla maġġuri għandu jissottometti d-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (c) lill-Aġenzija. Flimkien ma' din id-dikjarazzjoni, id-dikjarant għandu jipprovdi lill-Aġenzija:
1. deskrizzjoni tal-bidla maġġuri;
 2. *data* bażika dwar il-bidla maġġuri, inklużi l-karatteristiċi operattivi, il-karatteristiċi tad-disinn u kwalunkwe limitazzjoni;
 3. pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità li jagħti dettalji dwar il-mezzi għad-dimostrazzjoni tal-konformità li ġew segwiti matul id-dimostrazzjoni tal-konformità;
 4. il-ġustifikazzjonijiet irreġistrati tal-konformità fi ħdan id-*data* tal-konformità miksubin mill-attivitajiet ta' konformità li twettqu skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
 5. il-mezzi li bihom tkun intweriet tali konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali fil-punt 21L.B.61;
 6. meta tintwera l-konformità billi jitwettqu t-testijiet, ġustifikazzjoni rreġistrata tal-konformità tal-oġġetti u tat-tagħmir tat-test, li turi:
 - (i) fil-każ tal-kampjun tat-test, li:
 - (A) il-materjali u l-proċessi kkonformaw b'mod adegwat mal-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn;
 - (B) il-partijiet kostitwenti tal-prodotti kkonformaw b'mod adegwat mat-tpiġġijiet tad-disinn; u
 - (C) il-proċessi tal-manifattura, il-kostruzzjoni u t-twaħħil ikkonformaw b'mod adegwat ma' daww speċifikati fid-disinn;
 - (ii) li t-test u t-tagħmir tal-kejl użati għat-test kienu adegwati għat-test u kkalibrati kif xieraq;
 7. ir-rapporti, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet jew tat-testijiet li d-dikjarant sab li kienu neċessarji sabiex jiġi ddeterminat li l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.
- (e) Id-dikjarazzjoni ta' bidla maġġuri f' id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandha tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn li magħha hija relatata l-bidla.

21L.A.108 Attivitàjiet ta' konformità għad-dikjarazzjoni tal-konformità ta' bidla maġġuri

Qabel ma jagħmel dikjarazzjoni tal-konformità f'konformità mal-punt 21L.A.107, id-dikjarant għandu, għal dak id-disinn speċifiku:

- (a) jistabilixxi pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità li jagħti dettalji dwar il-mezzi għad-dimostrazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu segwiti matul id-dimostrazzjoni tal-konformità. Dan id-dokument għandu jkun aġġornat kif ikun neċessarju;
- (b) jirreġistra l-ġustifikazzjoni tal-konformità fid-dokumenti tal-konformità skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (c) iwettaq l-ittestjar u l-ispezzjonijiet kif neċessarji f'konformità mal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (d) jiżgura u jirreġistra l-konformità tal-oġġetti u tat-tagħmir tat-test u jiżgura li l-kampjun tat-test jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet, mat-tpiġġijiet, mal-proċessi tal-manifattura, mal-mezzi tal-kostruzzjoni u tal-assemblaġġ fid-disinn;
- (e) jiżgura li t-tagħmir tat-test u tal-kejl li għandu jintuża għall-ittestjar ikun adegwat għall-ittestjar u kkalibrat kif xieraq;
- (f) jippermetti lill-Aġenzija twettaq jew tipparteċipa fi kwalunkwe spezzjoni jew test tal-inġenji tal-ajru fil-konfigurazzjoni tad-disinn u tal-produzzjoni finali jew matura kif xieraq li jkun neċessarju sabiex jiġi ddeterminat li l-prodott mibdul ma għandu l-ebda partikolarità jew karatteristika li tagħmel l-inġenju tal-ajru mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użu maħsub;
- (g) iwettaq ittestjar tat-titjira, f'konformità mal-metodi għal tali ttestjar tat-titjira speċifikati mill-Aġenzija, kif neċessarju sabiex jiddetermina li l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.

21L.A.121 Kamp ta' applikazzjoni

- (a) Din is-Subparti tistabbilixxi:
1. il-proċeduri għad-dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li juru l-konformità tal-prodotti u tal-partijiet mad-*data* tad-disinn applikabbli;
 2. id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jagħmlu dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni msemmija fil-punt (1).
- (b) Il-kategoriji ta' prodotti u ta' partijiet li ġejjin jistgħu jiġu prodotti minn organizzazzjonijiet li jkunu għamla dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni f'konformità ma' din is-Subparti:
1. prodotti u partijiet li d-disinn tagħhom ikun ġie ċċertifikat f'konformità ma' dan l-Anness;
 2. inġenju tal-ajru li d-disinn tiegħu jkun kopert minn dikjarazzjoni magħmula f'konformità ma' dan l-Anness, u l-magni, l-iskrejjen u l-partijiet tiegħu.

21L.A.122 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika (“organizzazzjoni”) tista' tiddikjara l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha taħt din is-Subparti, jekk dik il-persuna:

- (a) tkun applikat jew ikollha l-ħsieb li tapplika għall-approvazzjoni tad-disinn tal-prodott jew tal-parti f'konformità ma' dan l-Anness; jew
- (b) tkun iddikjarat jew biħsiebha tiddikjara l-konformità ta' disinn ta' inġenju tal-ajru f'konformità ma' dan l-Anness; jew
- (c) tkun qed tikkollabora mal-applikant għal, jew mad-detentur ta', approvazzjoni tad-disinn tal-prodott li għandu jinħareġ jew maħruġ f'konformità ma' dan l-Anness, jew mal-organizzazzjoni li tkun iddikjarat jew li jkollha l-ħsieb li tiddikjara l-konformità ta' dak id-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità ma' dan l-Anness, sabiex jiġi żgurat li l-prodott jew il-parti manifatturati jkunu konformi ma' dak id-disinn, u sabiex tiġi żgurata l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott jew tal-parti.

21L.A.123 Dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni

- (a) Qabel ma tipproduċi kwalunkwe prodott jew parti, organizzazzjoni li jkollha l-ħsieb li turi l-konformità ta' dawk il-prodotti jew il-partijiet mad-*data* tad-disinn applikabbli għandha tiddikjara l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha.
- (b) Id-dikjarazzjoni, u kwalunkwe bidla sussegwenti fiha, għandhom isiru f'forma u b'manjera stabbiliti mill-awtorità kompetenti.
- (c) Id-dikjarazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni neċessarja sabiex l-awtorità kompetenti ssir familjari mal-organizzazzjoni u mal-ambitu tax-xogħol maħsub, u għandha tinkludi tal-anqas dawn li ġejjin:
1. l-isem irreġistrat tal-organizzazzjoni;
 2. id-dettalji ta' kuntatt tal-indirizz irreġistrat tal-organizzazzjoni tal-post prinċipali tan-negozju tagħha u, fejn applikabbli, il-kuntatt u s-siti tal-operat tal-organizzazzjoni;

3. l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-manijer responsabbli tal-organizzazzjoni nominata f'konformità mal-punt (c)(1) tal-punt 21L.A.125;
 4. l-ambitu maħsub tax-xogħol;
 5. id-data tal-bidu ppjanat tal-produzzjoni;
 6. dikjarazzjoni li tikkonferma li l-organizzazzjoni:
 - (i) għandha sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni f'konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.A.124; u
 - (ii) se tmantni s-sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni f'konformità ma' din is-Subparti;
 7. dikjarazzjoni li tikkonferma li l-organizzazzjoni se taderixxi mal-proċessi u mal-proċeduri stabbiliti f'konformità mal-punt (d) tal-punt 21L.A.124;
 8. dikjarazzjoni li l-organizzazzjoni taqbel li twettaq l-obbligi ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata f'konformità mal-punt 21L.A.127.
- (d) Id-dikjarazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti.

21L.A.124 Sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni

- (a) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tistabbilixxi, timplimenta u żżomm sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni b'responsabbiltà ċara u b'linji ta' responsabbiltà fl-organizzazzjoni kollha li:
 1. tikkorrispondi għan-natura u għall-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u għad-daqs tal-organizzazzjoni, u tqis il-perikli u r-riskji assoċjati inerenti f'dawn l-attivitajiet;
 2. hija stabbilita taħt ir-responsabbiltà ta' manijer responsabbli nominat skont il-punt (c)(1) tal-punt 21L.A.125.
- (b) Is-sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni għandha tinkludi mezz għall-ġestjoni tal-kwalità billi tinżamm sistema ta' kwalità li għandha:
 1. tiżgura li kull prodott jew parti li tiġi prodotta mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata jew mis-sħab tagħha, jew fornita minn partijiet esterni jew sottokuntrattata lilhom, tkun konformi mad-*data* tad-disinn applikabbli u tkun f'kundizzjoni li taħdem mingħajr periklu;
 2. tistabbilixxi, timplimenta u żżomm, kif xieraq, fl-ambitu tal-attivitajiet tagħha, proċeduri ta' kontroll:
 - (i) għall-ħruġ, għall-approvazzjoni jew għall-bidla ta' dokument;
 - (ii) għall-valutazzjoni, għall-awditjar u għall-kontroll tal-bejjieġh u tas-sottokuntrattur;
 - (iii) għall-verifika li l-prodotti, il-partijiet, il-materjali u t-tagħmir li jkunu qed jaslu, inklużi dawk l-oġġetti, furniti ġodda jew użati mix-xerrejja tal-prodotti, ikunu kif speċifikati fid-*data* tad-disinn applikabbli;
 - (iv) għall-identifikazzjoni u għat-traċċabbiltà;
 - (v) għall-metodi ta' manifattura;

- (vi) għall-ispezzjoni u għall-ittestjar, inklużi testijiet tat-titjira tal-produzzjoni;
 - (vii) għall-kalibrazzjoni ta' għodda, ta' jigs u ta' tagħmir tat-test;
 - (viii) għall-kontroll fuq oġġetti li ma jkunux konformi;
 - (ix) għall-kollaborazzjoni mal-applikant għall-approvazzjoni tad-disinn, jew mad-detentur tagħha, jew mad-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn;
 - (x) għat-tlestija u għaż-żamma tar-rekords;
 - (xi) għall-iżguraw tal-kompetenza u tal-kwalifiki tal-persunal;
 - (xii) għall-ħruġ ta' dokumenti ta' rilaxx tal-ajrunavigabbiltà;
 - (xiii) għall-immaniġġjar, għall-ħażna u għall-ippakkjar;
 - (xiv) għall-awditi interni tal-kwalità u għall-azzjonijiet korrettivi li jirriżultaw;
 - (xv) għax-xogħol imwettaq fi kwalunkwe post għajr is-siti tal-operat inklużi fid-dikjarazzjoni;
 - (xvi) għax-xogħol imwettaq wara t-tlestija tal-produzzjoni iżda qabel il-konsenja, sabiex l-inġenju tal-ajru jinżamm f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu;
 - (xvii) għat-talba għall-ħruġ ta' permessi għat-titjir u tal-approvazzjoni ta' kundizzjonijiet tat-titjir assoċjati;
3. tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi fil-proċeduri ta' kontroll għal kwalunkwe parti kritika.
- (c) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tistabbilixxi, bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħha għall-produzzjoni, funzjoni indipendenti għall-monitoraġġ tal-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti rilevanti, u tal-konformità mas-sistema ta' ġestjoni tal-produzzjoni u tal-adegwatezza tagħha. Dan il-monitoraġġ għandu jinkludi sistema li tipprovdi feedback lill-persuna jew lill-grupp ta' persuni msemmijin fil-punti (c)(1) u (2) tal-punt 21L.A.125 sabiex tiżgura, kif ikun neċessarju, azzjoni korrettiva.
 - (d) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tistabbilixxi, tmantni u żżomm aġġornata, bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħha għall-produzzjoni, proċessi u proċeduri li jiżguraw il-konformità tal-prodotti manifatturati mad-*data* tad-disinn applikabbli. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tagħmel id-dokumenti ta' sostenn ta' dawn il-proċessi u l-proċeduri disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.
 - (e) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandu jkollha fis-seħħ proċeduri sabiex tiżgura li l-inġenji tal-ajru manifatturati ġodda jinżammu f'konformità mal-istruzzjonijiet ta' manutenzjoni applikabbli u jinżammu f'kundizzjoni ta' ajrunavigabbiltà u, jekk applikabbli, li jinħareġ ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz għal kwalunkwe manutenzjoni li tkun tlestiet.
 - (f) Jekk l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata jkollha ċertifikat(i) ta' organizzazzjoni ieħor/oħrajn maħruġ(in) fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2018/1139 u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu, l-organizzazzjoni tal-produzzjoni tista' tintegra s-sistema ta' ġestjoni tal-produzzjoni mas-sistema ta' ġestjoni li hija meħtieġa għall-ħruġ ta' ċertifikat(i) l-ieħor/l-oħrajn.

21L.A.125 Riżorsi tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata

L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tiżgura li:

- (a) il-faċilitajiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-tagħmir u l-għodda, il-proċessi u l-materjali assoċjati, in-numru u l-kompetenza tal-persunal, u l-organizzazzjoni ġenerali huma adegwati sabiex jiġu eżegwiti l-obbligi tagħha skont il-punt 21L.A.127;
- (b) fir-rigward tad-*data* neċessarja kollha tal-ajrunavigabbiltà u tal-protezzjoni ambjentali:
 1. tirċievi tali *data* mill-Aġenzija, u mid-dikjarant tal-konformità tad-disinn jew mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jew tal-approvazzjoni tat-tip, jew mill-applikant għaliha, sabiex tiddetermina l-konformità tiegħu mad-*data* tad-disinn applikabbli;
 2. stabbiliet proċedura sabiex tiżgura li d-*data* tal-ajrunavigabbiltà u tal-kompatibbiltà ambjentali tiġi inkorporata b'mod korrett fid-*data* tal-produzzjoni tagħha;
 3. din id-*data* tinżamm aġġornata u tkun disponibbli għall-persunal kollu li jkun jeħtieġ jaċċessa din id-*data* sabiex iwettaq dmirijietu;
- (c) fir-rigward tal-maniġment u tal-persunal:
 1. ġie nnominat maniġer responsabbli mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata b'awtorità sabiex jiżgura li, fi ħdan l-organizzazzjoni, il-produzzjoni kollha titwettaq skont l-istandards meħtieġa u li l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata tkun kontinwament konformi mar-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-punt 21L.A.124, u mal-proċessi u mal-proċeduri identifikati fil-punt (d) tal-punt 21L.A.124;
 2. persuna jew grupp ta' persuni jkunu jew ġew innominati mill-maniġer responsabbli sabiex jiżguraw li l-organizzazzjoni tkun f'konformità mar-rekwiżiti ta' din is-Subparti, u jkunu identifikati, flimkien mal-limitu tal-awtorità tagħhom. Tali persuna jew grupp ta' persuni għandhom ikunu responsabbli quddiem il-maniġer responsabbli u jkollhom aċċess dirett għalih. Għandu jkollhom l-għarfien, l-isfond u l-esperjenza xierqa sabiex jeżegwixxu r-responsabbiltajiet tagħhom;
 3. il-persunal fil-livelli kollha jkun ingħata l-awtorità xierqa sabiex ikun jista' jeżegwixxi r-responsabbiltajiet allokatilil, u li jkun hemm koordinazzjoni sħiħa u effettiva fi ħdan l-organizzazzjoni tal-produzzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet tad-*data* tal-ajrunavigabbiltà u ta' kompatibbiltà ambjentali;
 4. l-istruttura organizzazzjonali tal-organizzazzjoni flimkien mal-persunal ewlieni li jkun responsabbli sabiex jiżgura li l-organizzazzjoni tkun f'konformità ma' din is-Subparti tiġi ddokumentata u tinżamm aġġornata;
- (d) fir-rigward tal-persunal awtorizzat li jiċċertifika, u li huwa awtorizzat mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni sabiex jiffirma d-dokumenti maħruġin skont il-punt 21L.A.126 fi ħdan l-ambitu tal-attivitajiet tal-produzzjoni ddikjarati:
 1. l-għarfien, l-isfond (inklużi funzjonijiet oħrajn fl-organizzazzjoni), u l-esperjenza tal-persunal awtorizzat li jiċċertifika jkunu adattati sabiex dan iwettaq ir-responsabbiltajiet allokatilil;

2. il-persunal awtorizzat li jiċċertifika jiġi pprovdut bl-evidenza tal-ambitu tal-awtorizzazzjoni tiegħu. Għandha tinżamm lista tal-persunal awtorizzat li jiċċertifika mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata.

21L.A.126 Ambitu tax-xogħol

- (a) Organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata hija intitolata turi l-konformità tal-prodotti u tal-partijiet li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-Taqsima u li hija tkun iproduċiet fi ħdan l-ambitu ddikjarat tax-xogħol, mad-*data* tad-disinn applikabbli.
- (b) Organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata hija intitolata, għal inġenju tal-ajru komplut, wara l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52B tal-EASA), li tapplika:
 1. għal inġenju tal-ajru li jikkonforma ma' disinn tat-tip approvat f'konformità mas-Subparti B tat-Taqsima B ta' dan l-Anness, għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u għal ċertifikat tal-ħoss;
 2. għal inġenju tal-ajru li jikkonforma ma' disinn li għalih ġiet iddikjarata l-konformità f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness, għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett u għal ċertifikat tal-ħoss ristrett.
- (c) Organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata hija intitolata toħroġ ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) għall-magni, għall-iskrejjen u għall-partijiet li jew jikkonformaw ma':
 1. *data* tad-disinn approvata maħruġa f'konformità mas-Subpartijiet B, D, E jew M tat-Taqsima B ta' dan l-Anness;
 2. *data* tad-disinn iddikjarata li għaliha ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn skont is-Subpartijiet C, F jew N ta' dan l-Anness;
 3. *data* tal-produzzjoni bbażata fuq id-*data* tad-disinn approvata kollha meħtieġa kif iprovduta minn detentur tal-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija.
- (d) Organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata hija intitolata tirrakkomanda l-kundizzjonijiet għal inġenju tal-ajru li tkun iproduċiet u li għalih tkun attestat il-konformità mad-*data* tad-disinn applikabbli, li skont din jista' jinħareġ permess għat-titjir mill-awtorità kompetenti skont is-Subparti P tal-Anness I (il-Parti 21).
- (e) Organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata hija intitolata żżomm inġenju tal-ajru ġdid li tkun iproduċiet, kif neċessarju sabiex iżzommuf'kundizzjoni ta' ajrunavigabbiltà, sakemm ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 ma jirrikjedix li l-manutenzjoni titwettaq skont tali regoli, u li toħroġ ċertifikat ta' rilaxx għas-servizz (il-Formola 53B tal-EASA) fir-rigward ta' dik il-manutenzjoni.

21L.A.127 Obbligi tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata

- (a) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha taħdem f'konformità ma' proċeduri, ma' prattiki u ma' proċessi ddefiniti b'mod ċar.
- (b) Jekk l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata jkollha l-ħsieb li twettaq testijiet tat-titjir, hija għandha tħejji, tmantni u żżomm aġġornat manwal tal-operat li jinkludi deskrizzjoni tal-politiki u tal-proċessi tal-organizzazzjoni għall-ittestjar tat-titjir. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tagħmel dan il-manwal disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.

- (c) Għall-inġenji tal-ajru kompluti, qabel ma tiġi sottomessa dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52B tal-EASA) lill-awtorità kompetenti, l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tiżgura li l-inġenju tal-ajru jkun f'kundizzjoni għal tħaddim sikur u jikkonforma:
1. mad-disinn tat-tip approvat ta' prodott iċċertifikat skont it-tip maħruġ f'konformità mas-Subparti B tat-Taqsima B ta' dan l-Anness, jew
 2. mad-*data* tad-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness.
- (d) Għall-prodotti (għajr inġenji tal-ajru kompluti) u għal partijiet, l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tiżgura qabel ma toħroġ ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) li l-prodott jew il-parti tkun f'kundizzjoni għal tħaddim sikur u tikkonforma mad-disinn tat-tip approvat ta' prodott iċċertifikat skont it-tip maħruġ f'konformità mas-Subparti B, D, E jew M tat-Taqsima B ta' dan l-Anness jew tikkonforma mad-*data* tad-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C, F jew M ta' dan l-Anness.
- (e) Għall-magni, l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tiżgura li l-magna lesta hija konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-emissjonijiet tal-egżost tal-magna fid-*data* tal-produzzjoni tal-magna.
- (f) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tinkludi, fi kwalunkwe ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) li jinħareġ minnha, in-numru ta' referenza maħruġ mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 21L.B.142 għal din l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata.
- (g) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tiżgura li l-organizzazzjoni tirreġistra d-dettalji ta' kwalunkwe xogħol li jitlesta.
- (h) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tipprovdi, lid-detentur tad-disinn jew lid-dikjarant, dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, appoġġ kontinwu għall-ajrunavigabbiltà għal kwalunkwe prodott jew parti li tkun iproduċiet.
- (i) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandu jkollha sistema ta' arkivjar li tirreġistra r-rekwiżiti li jkunu tqiegħdu fuq organizzazzjonijiet oħrajn, bħall-fornituri u s-sottokuntratturi. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tagħmel id-*data* arkivjata disponibbli għall-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' ajrunavigabbiltà kontinwa.
- (j) Għall-produzzjoni ta' inġenji tal-ajru ġodda, l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tiżgura li l-inġenju tal-ajru jinżamm f'kundizzjoni ta' ajrunavigabbiltà u li titwettaq il-manutenzjoni, inkluża kwalunkwe tiswija neċessarja f'konformità mad-*data* tad-disinn applikabbli, qabel il-ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52B tal-EASA).
- (k) Meta l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata toħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz, wara t-tali manutenzjoni, hija għandha tiddetermina li kull inġenju tal-ajru lest ikun ġie soġġett għall-manutenzjoni neċessarja u li jkun f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu, qabel ma toħroġ dak iċ-ċertifikat.
- (l) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tikkonforma mar-rekwiżiti fis-Subparti A ta' dan l-Anness applikabbli għal organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata.

21L.A.128 Notifika tal-bidliet u tal-waqfien tal-attivitajiet

L-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien żejjed b'dan li ġej:

- (a) kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tkun ġiet iddikjarata f'konformità mal-punt (c) tal-punt 21L.A.123;
- (b) kwalunkwe bidla fis-sistema ta' ġestjoni għall-produzzjoni li tkun sinifikanti għall-wiri tal-konformità jew għall-karatteristiċi tal-ajrunavigabbiltà u tal-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott jew tal-parti;
- (c) il-waqfien ta' xi attivitajiet jew tal-attivitajiet kollha koperti mid-dikjarazzjoni.

SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI

21L.A.141 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għal inġenju tal-ajru li d-disinn tiegħu jkun ġie ċertifikat jew iddikjarat f'konformità ma' dan l-Anness, u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal dawk iċ-ċertifikati, u tad-detenturi tagħhom.

21L.A.142 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li taħt isemha jkun irreġistrat jew se jiġi rreġistrat inġenju tal-ajru fi Stat Membru (“Stat Membru ta' reġistrazzjoni”) tista' tapplika għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għal dak l-inġenju tal-ajru skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

21L.A.143 Applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

- (a) Persuna fiżika jew ġuridika għandha tapplika għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.
- (b) Persuna fiżika jew ġuridika tista' tapplika għal:
 1. ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà għal inġenji tal-ajru li jikkonformaw ma' ċertifikat tat-tip li jkun inħareġ mill-Aġenzija f'konformità mas-Subparti B tat-Taqsima b ta' dan l-Anness; jew
 2. ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għal inġenji tal-ajru li jikkonformaw ma' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness li jkun irreġistrat mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.63 fiż-żmien tal-applikazzjoni.
- (c) Għal inġenju tal-ajru ġdid li jikkonforma ma' ċertifikat tat-tip maħruġ mill-Aġenzija, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni:
 1. dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52 tal-EASA jew il-Formola 52B tal-EASA) li jew tinħareġ jew tiġi ffirmata minn:
 - (i) organizzazzjoni tal-produzzjoni li tkun iddikjarat il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha skont is-Subparti G ta' dan l-Anness u li tkun ġiet irreġistrata mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 21L.B.142; jew
 - (ii) detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni skont il-privileġġi tal-punt (b) tal-punt 21.A.163 tal-Anness I (il-Parti 21);
 2. rapport dwar il-piż u l-bilanċ bi skeda tat-tagħbija;
 3. il-manwal tat-titjira jekk meħtieġ mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli.
- (d) Għal inġenju tal-ajru ġdid li jikkonforma ma' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn li tkun irreġistrata mill-Aġenzija, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni:

1. dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52B tal-EASA) li jwiegħu jew tiġi ffirmata minn:
 - (i) persuna fiżika jew ġuridika f'konformità mas-Subparti R ta' dan l-Anness;
 - (ii) organizzazzjoni tal-produzzjoni li tkun iddikjarat il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha skont is-Subparti G ta' dan l-Anness u li tkun ġiet irreġistrata mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 21L.B.142; jew
 - (iii) detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni skont il-privileġġi tal-punt (d) tal-punt 21.A.163 tal-Anness I (il-Parti 21);
 2. rapport dwar il-piż u l-bilanċ bi skeda tat-tagħbija;
 3. il-manwal tat-titjira, jekk ikun meħtieġ mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni dettaljati applikabbli għad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn.
- (e) Għal inġenju tal-ajru użat li joriġina minn Stat Membru, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità mal-Anness I (il-Parti-M) jew mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.
- (f) Għal inġenju tal-ajru użat li joriġina minn Stat mhux Stat Membru, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni:
1. dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn l-ajruplan huwa rreġistrat jew kien irreġistrat, li tkun tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru fiż-żmien tat-trasferiment;
 2. ir-rekords storiċi sabiex ikun stabbilit l-istandard tal-produzzjoni, tal-modifikazzjoni u tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru;
 3. rapport dwar il-piż u l-bilanċ bi skeda tat-tagħbija;
 4. il-manwal tat-titjira;
 5. rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett u għal ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà skont reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti- M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jew għal ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.
- (g) Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, id-dikjarazzjonijiet imsemmijin fil-punti (c)(1), (d)(1) u (f)(1) għandhom jinħarġu mhux aktar minn 60 ġurnata qabel il-preżentazzjoni tal-inġenju tal-ajru lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.

21L.A.144 Obbligi tal-applikant għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

L-applikant għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għandu:

- (a) jippreżenta l-manwali, l-avviżi, il-listi, l-immarkar tal-istrumenti u kwalunkwe informazzjoni oħra neċessarja mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli jew

mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tad-disinn f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni aċċettabbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni;

- (b) juri li l-inġenju tal-ajru tiegħu jkun identifikat f'konformità mas-Subparti Q ta' dan l-Anness;
- (c) jorganizza spezzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni sabiex jivvaluta jekk l-inġenju tal-ajru għandux xi nuqqas ta' konformità li jista' jaffettwa s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru.

21L.A.145 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett fl-Istati Membri

Meta tinbidel is-sjieda ta' inġenju tal-ajru:

- (a) jekk dan jibqa' fl-istess reġistru, iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, jew iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett maħruġ f'konformità mas-Subparti H tat-Taqsima B ta' dan l-Anness, għandu jiġi ttrasferit flimkien mal-inġenju tal-ajru;
- (b) jekk l-inġenju tal-ajru jkun maħsub sabiex jiġi rreġistrat fi Stat Membru ieħor, il-persuna fiżika jew ġuridika li taħt isimha se jiġi rreġistrat l-inġenju tal-ajru għandha tapplika mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni l-ġdid għal ċertifikat ġdid tal-ajrunavigabbiltà jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett u għandha tinkludi f'din l-applikazzjoni iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett preċedenti maħruġ f'konformità mas-Subparti H tat-Taqsima B ta' dan l-Anness u ċertifikat validu ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà maħruġ f'konformità mal-Anness I (Parti-M) jew mal-Anness Vb (il-Parti-ML) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.

21L.A.146 Validità kontinwa ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà u ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett

- (a) Ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għandu jibqa' validu dment li:
 1. l-inġenju tal-ajru jibqa' fl-istess reġistru;
 2. iċ-ċertifikat ma jkunx ġie ċedut mid-detentur;
 3. l-inġenju tal-ajru jibqa' f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu u mad-disinn tat-tip applikabbli jew mad-*data* tad-disinn applikabbli ta' inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn, u mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament tal-konstatazzjonijiet kif speċifikati fil-punt 21L.B.21;
 4. iċ-ċertifikat ma jkunx ġie rrevokat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni skont il-punt 21L.B.22.
- (b) Meta jiġi ċedut jew irrevokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.

21L.A.161 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni għal ċertifikat tal-ħoss jew għal ċertifikat tal-ħoss ristrett għal inġenju tal-ajru li d-disinn tiegħu jkun ġie ċċertifikat jew iddikjarat f'konformità ma' dan l-Anness u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal dawk iċ-ċertifikati, u tad-detenturi tagħhom.

21L.A.162 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li taħt isemha jkun irreġistrat jew se jiġi rreġistrat inġenju tal-ajru fi Stat Membru tista' tapplika għal ċertifikat tal-ħoss jew għal ċertifikat tal-ħoss ristrett għal dak l-inġenju tal-ajru skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

21L.A.163 Applikazzjoni

- (a) Persuna fiżika jew ġuridika għandha tapplika għal ċertifikat tal-ħoss jew għal ċertifikat tal-ħoss ristrett f'forma u b'manjera stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.
- (b) Persuna fiżika jew ġuridika tista' tapplika għal:
 1. ċertifikat tal-ħoss għal inġenji tal-ajru li jikkonformaw ma' ċertifikat tat-tip li jkun inħareġ mill-Aġenzija f'konformità mas-Subparti B tat-Taqsima b ta' dan l-Anness; jew
 2. ċertifikat tal-ħoss ristrett għal inġenji tal-ajru li jikkonformaw ma' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn sottomessa f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness li jkun irreġistrat mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.63 fiż-żmien tal-applikazzjoni.
- (c) L-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni:
 1. fir-rigward ta' inġenju tal-ajru ġdid:
 - (i) dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52 tal-EASA jew il-Formola 52B tal-EASA) li jew tinħareġ jew tiġi ffirmata minn:
 - (A) persuna fiżika jew ġuridika f'konformità mas-Subparti R ta' dan l-Anness;
 - (B) organizzazzjoni tal-produzzjoni li tkun iddikjarat il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha skont is-Subparti G ta' dan l-Anness u li tkun ġiet irreġistrata mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 21L.B.142; jew
 - (C) detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni skont il-privileġġi tal-punt (b) tal-punt 21.A.163 tal-Anness I (il-Parti 21);
 - (ii) ir-referenza għar-rekord tal-ħoss fi ħdan il-bażi ta' *data* tal-Aġenzija tal-livelli ta' ħoss li jirriflettu l-informazzjoni dwar il-ħoss iddeterminata f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli dwar il-ħoss;
 2. fir-rigward ta' inġenju tal-ajru użat:

- (i) ir-referenza għar-rekord tal-ħoss fi ħdan il-bażi ta' *data* tal-Aġenzija tal-livelli ta' ħoss li jirriflettu l-informazzjoni dwar il-ħoss iddeterminata f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli dwar il-ħoss; u
 - (ii) ir-rekords storiċi sabiex ikun stabbilit l-istandard tal-produzzjoni, tal-modifikazzjoni u tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru.
- (d) Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, id-dikjarazzjonijiet imsemmijin fil-punt (c)(1)(i) għandhom jinħarġu mhux aktar minn 60 ġurnata qabel il-preżentazzjoni tal-inġenju tal-ajru lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.

21L.A.164 Trasferibilità u ħruġ mill-ġdid ta' ċertifikati tal-ħoss u ta' ċertifikati tal-ħoss ristretti fl-Istati Membri

Meta tinbidel is-sjieda ta' inġenju tal-ajru:

- (a) jekk l-inġenju tal-ajru jibqa' fl-istess reġistru, iċ-ċertifikat tal-ħoss, jew iċ-ċertifikat tal-ħoss ristrett maħruġ f'konformità mas-Subparti I tat-Taqsima B ta' dan l-Anness, għandu jiġi ttrasferit flimkien mal-inġenju tal-ajru;
- (b) jekk l-inġenju tal-ajru jkun maħsub sabiex jiġi rreġistrat fi Stat Membru ieħor, il-persuna fiżika jew ġuridika li taħt isimha jkun se jiġi rreġistrat l-inġenju tal-ajru għandha tapplika mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni l-ġdid għal ċertifikat tal-ħoss ġdid jew għal ċertifikat tal-ħoss ristrett u għandha tinkludi f'din l-applikazzjoni iċ-ċertifikat tal-ħoss preċedenti jew iċ-ċertifikat tal-ħoss ristrett maħruġ f'konformità mas-Subparti I tat-Taqsima B ta' dan l-Anness.

21L.A.165 Validità kontinwa ta' ċertifikat tal-ħoss u ta' ċertifikat tal-ħoss ristrett

- (a) Ċertifikat tal-ħoss jew ċertifikat tal-ħoss ristrett għandu jibqa' validu dment li:
 1. l-inġenju tal-ajru jibqa' fl-istess reġistru;
 2. iċ-ċertifikat ma jkunx ġie ċedut mid-detentur;
 3. l-inġenju tal-ajru jibqa' konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu u mad-disinn tat-tip applikabbli jew mad-*data* tad-disinn applikabbli ta' inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament tal-konstatazzjonijiet kif speċifikati fil-punt 21L.B.21;
 4. iċ-ċertifikat ma jkunx ġie rrevokat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni skont il-punt 21L.B.22.
- (b) Meta jiġi ċedut jew irrevokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.

21L.A.171 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi:

- (a) il-proċedura għad-dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li jfasslu l-prodotti skont din it-Taqsima; u
- (b) id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni li jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tal-kapaċità tad-disinn imsemmijin fil-punt (a).

21L.A.172 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika (“organizzazzjoni” f’din is-Subparti) meħtieġa mill-punt 21L.A.22, mill-punt 21L.A.82 jew mill-punt 21L.A.204 turi l-kapaċità tad-disinn tagħha tista’ tiddikjara l-kapaċità tagħha skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f’din is-Subparti.

21L.A.173 Dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn

- (a) Qabel jew fl-istess żmien li ssir applikazzjoni għal approvazzjoni tad-disinn skont din it-Taqsima, jew qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir f’konformità mal-punt 21.A.710 tal-Anness I (il-Parti 21) ta’ prodott iddisinjat minnha, skont liema jseħħ l-ewwel, l-organizzazzjoni għandha tissottometti dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn lill-Aġenzija.
- (b) Id-dikjarazzjoni, u kwalunkwe bidla sussegwenti fiha, għandhom isiru f’forma u b’manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (c) Id-dikjarazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni neċessarja sabiex l-Aġenzija ssir familjari mal-organizzazzjoni u mal-ambitu tax-xogħol maħsub, u għandha tinkludi tal-anqas dawn li ġejjin:
 - 1. l-isem irreġistrat tal-organizzazzjoni;
 - 2. id-dettalji ta’ kuntatt tal-indirizz irreġistrat tal-organizzazzjoni tal-post prinċipali tan-negozju u, fejn applikabbli, tas-siti tal-operat tal-organizzazzjoni;
 - 3. l-ismijiet u d-dettalji ta’ kuntatt tal-kap tal-organizzazzjoni tad-disinn;
 - 4. l-ambitu maħsub tax-xogħol;
 - 5. dikjarazzjoni li tikkonferma li l-organizzazzjoni:
 - (i) għandha sistema ta’ ġestjoni għad-disinn motif f’konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.A.174; u
 - (ii) se tmantni s-sistema ta’ ġestjoni għad-disinn f’konformità ma’ din is-Subparti;
 - 6. dikjarazzjoni li tikkonferma li l-organizzazzjoni se taderixxi mal-proċessi u mal-proċeduri stabbiliti f’konformità mal-punt (d) tal-punt 21L.A.174;
 - 7. dikjarazzjoni li l-organizzazzjoni taqbel li twettaq l-obbligi ta’ organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata f’konformità mal-punt 21L.A.177.
- (d) Id-dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn għandha tiġi sottomessa lill-Aġenzija.

21L.A.174 Sistema ta' ġestjoni tad-disinn

- (a) L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tistabbilixxi, timplimenta u żżomm sistema ta' ġestjoni għad-disinn b'responsabbiltà ċara u b'linji ta' responsabbiltà fl-organizzazzjoni kollha li:
1. tikkorrispondi għan-natura u għall-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u għad-daqs tal-organizzazzjoni, u tqis il-perikli u r-riskji assoċjati inerenti f'dawn l-attivitajiet;
 2. tkun stabbilita taħt ir-responsabbiltà ta' manixer uniku nnominat bħala l-kap tal-organizzazzjoni tad-disinn skont il-punt (a) tal-punt 21L.A.175.
- (b) L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandu jkollha, bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħha għad-disinn, mezz sabiex tipprovdi assigurazzjoni tad-disinn billi tistabbilixxi, timplimenta u żżomm sistema għall-kontroll u għas-supervizzjoni tad-disinn, u tal-bidliet fid-disinn u tat-tiswijiet, tal-prodotti. Din is-sistema għandha:
1. tinkludi funzjoni tal-ajrunavigabbiltà responsabbli sabiex tiżgura li d-disinji tal-prodotti u d-disinji tal-bidliet u tat-tiswijiet tagħhom jikkonformaw mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
 2. tistabbilixxi, timplimenta u żżomm funzjoni indipendenti li tivverifika l-wiri tal-konformità li, fuq il-bażi tagħha, l-organizzazzjoni tiddikjara l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
 3. tispeċifika l-mod li bih is-sistema ta' assigurazzjoni tad-disinn tqis l-aċċettabbiltà tal-partijiet iddisinjati, jew il-kompiti li jitwettqu mis-sħab jew mis-sottokuntratturi skont il-metodi li jkunu s-suġġett ta' proċeduri bil-miktub.
- (c) L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tistabbilixxi, bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħha għad-disinn, funzjoni indipendenti għall-monitoraġġ tal-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti rilevanti, u tal-konformità mas-sistema ta' ġestjoni għad-disinn u tal-adegwatezza tagħha. Dan il-monitoraġġ għandu jinkludi sistema li tipprovdi feedback lill-persuna jew lil grupp ta' persuni msemmijin fil-punt (b) tal-punt 21L.A.175, u lill-manixer responsabbli msemmi fil-punt (a) tal-punt 21L.A.175 sabiex tiġi żgurata, kif ikun neċessarju, azzjoni korrettiva.
- (d) L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tistabbilixxi, tmantni u żżomm proċessi u proċeduri aġġornati li jiżguraw il-konformità tad-disinn tal-prodotti mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali. L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tagħmel id-dokumenti ta' sostenn ta' dawn il-proċessi u l-proċeduri disponibbli għall-Aġenzija fuq talba.
- (e) Meta kwalunkwe parti jew kwalunkwe bidlafil-prodotti tkun ġiet iddisinjata minn organizzazzjonijiet sħab jew minn sottokuntratturi, il-proċessi u l-proċeduri fil-punt (d) għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' kif l-organizzazzjoni tad-disinn tista' tagħti, għall-partijiet kollha, l-assigurazzjoni tal-konformità meħtieġa mill-punt (b)(2), u għandu jkun fiha, direttament jew b'kontroreferenza, deskrizzjonijiet u informazzjoni fuq l-attivitajiet tad-disinn u l-organizzazzjoni ta' dawk is-sħab jew dawk is-sottokuntratturi.

- (f) Jekk l-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata jkollha ċertifikat(i) ta' organizzazzjoni ieħor/oħrajn maħruġ(in) fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2018/1139 u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tiegħu, l-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata tista' tintegra s-sistema ta' ġestjoni tad-disinn mas-sistema ta' ġestjoni li hija meħtieġa għall-ħruġ ta' ċertifikat(i) l-ieħor/l-oħrajn.

21L.A.175 Riżorsi tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata

- (a) L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tinnomina kap tal-organizzazzjoni tad-disinn b'awtorità li jiżgura li, fi ħdan l-organizzazzjoni, l-attivitajiet kollha tad-disinn jitwettqu skont l-istandards meħtieġa u li l-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata tkun kontinwament f'konformità mar-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni għad-disinn imsemmija fil-punti (a) sa (c) tal-punt 21L.A.174 u mal-proċessi u mal-proċeduri msemmijin fil-punt (d) tal-punt 21L.A.174.
- (b) Il-kap tal-organizzazzjoni tad-disinn għandu jinnomina u jidentifika l-persunal ewlieni fl-organizzazzjoni li jkun responsabbli għal:
1. l-iżguraw li d-disinji tal-prodotti u d-disinji tal-bidliet u tat-tiswijiet tagħhom jikkonformaw mal-bażi applikabbli ta' ċertifikazzjoni tat-tip, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
 2. il-monitoraġġ indipendenti tal-funzjoni tal-konformità u tal-adeqwatezza; u
 3. skont id-daqs tal-organizzazzjoni, kwalunkwe persuna oħra jew grupp ta' persuni li hija jew huma meħtieġa sabiex jiżguraw li l-organizzazzjoni tkun konformi mar-rekwiżiti ta' din it-Taqsima.
- (c) Il-persuna jew il-grupp ta' persuni identifikati fil-punt (b) għandhom:
1. ikunu responsabbli quddiem il-kap tal-organizzazzjoni tad-disinn u jkollhom aċċess dirett għalih;
 2. ikollhom l-għarfien, l-isfond u l-esperjenza xierqa sabiex jeżegwixxu r-responsabbiltajiet allokatu tagħhom.
- (d) L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tiżgura li:
1. il-persunal fid-dipartimenti tekniċi kollha jkun ta' numru suffiċjenti u jkollu biżżejjed esperjenza, u jkun ingħata wkoll l-awtorità xierqa sabiex ikun jista' jeżegwixxi r-responsabilitajiet allokatu lilu u li dawn, flimkien mal-akkommodazzjoni, mal-faċilitajiet u mat-tagħmir, ikunu adegwati biżżejjed sabiex il-persunal ikun jista' jiżgura li l-prodotti ddisinjati jkunu ajrunavigabbli u ambjentalment kompatibbli;
 2. hemm koordinazzjoni sħiħa u effiċjenti fi ħdan l-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u ta' kompatibbiltà ambjentali.
- (e) L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tiddokumenta l-istruttura organizzazzjonali tal-organizzazzjoni tagħha, flimkien mal-persunal ewlieni li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-organizzazzjoni tkun f'konformità ma' din is-Subparti, iżżommhom aġġornati u tagħmilhom disponibbli għall-Aġenzija fuq talba.

21L.A.176 Ambitu tax-xogħol

L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tidentifika t-tipi ta' xogħol ta' disinn, il-kategoriji ta' prodotti li għalihom jitwettqu l-attivitajiet ta' disinn, u l-funzjonijiet u d-dmirijiet li l-organizzazzjoni twettaq fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà u tal-kompatibbiltà ambjentali tal-prodotti.

21L.A.177 Obbligi tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata

Organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha:

- (a) taħdem f'konformità ma' proċeduri, ma' Prattiki u ma' proċessi definiti b'mod ċar;
- (b) jekk l-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata jkollha l-ħsieb li twettaq l-ittestjar tat-titjir, tmanjni u żżomm aġġornat manwal tal-operat li jipprovdi deskrizzjoni tal-politiki u tal-proċessi tal-organizzazzjoni għall-ittestjar tat-titjir u tagħmel dan il-manwal disponibbli għall-Aġenzija fuq talba;
- (c) tiddetermina jekk id-disinji tal-prodotti, inklużi l-bidliet u t-tiswijiet, għandhomx karatteristiċi mhux sikuri u jikkonformawx mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, u tipprovdi lill-Aġenzija b'dikjarazzjonijiet/b'dokumentazzjoni li jikkonfermaw dan;
- (d) tipprovdi lill-Aġenzija b'informazzjoni jew bi struzzjonijiet relatati ma' azzjonijiet ta' ajrunavigabbiltà kontinwa;
- (e) tikkonforma mar-rekwiżiti fis-Subparti A ta' dan l-Anness applikabbli għall-organizzazzjonijiet tad-disinn iddikjarati.

21L.A.178 Notifika tal-bidliet u tal-waqfien tal-attivitajiet

L-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata għandha tinnotifika lill-Aġenzija mingħajr dewmien żejjed b'dan li ġej:

- (a) kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tkun ġiet iddikjarata f'konformità mal-punt (c) tal-punt 21L.A.173;
- (b) bidliet fis-sistema ta' ġestjoni għad-disinn li jkunu sinifikanti għad-dimostrazzjoni tal-konformità tal-prodott iddisinjat minnha;
- (c) il-waqfien ta' xi attivitajiet jew tal-attivitajiet kollha koperti mid-dikjarazzjoni.

21L.A.191 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi kif għandha tintwera l-konformità tal-partijiet mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà.

21L.A.192 Turija tal-konformità

- (a) It-turija tal-konformità mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà tal-partijiet li għandhom jiġu installati fi prodott iċċertifikat skont it-tip jew f'inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn għandha ssir:
1. f'rabta mal-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tas-Subparti B, D jew E ta' dan l-Anness għall-prodott li fih dan se jkun installat; jew
 2. f'rabta mad-dikjarazzjoni tal-proċeduri ta' konformità tad-disinn tas-Subparti C jew F ta' dan l-Anness għall-prodott li fih dan se jkun installat; jew
 3. skont il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-ETSO tas-Subparti O tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21); jew
 4. fil-każ ta' partijiet standard, f'konformità ma' standards rikonoxxuti uffiċjalment.
- (b) Fil-każijiet kollha li fihom l-approvazzjoni ta' parti jew ta' tagħmir tkun meħtieġa b'mod espliċitu bid-dritt tal-Unjoni jew bil-miżuri tal-Aġenzija, il-parti għandha tikkonforma mal-ETSO applikabbli jew mal-ispeċifikazzjonijiet rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Aġenzija fil-każ partikolari.

21L.A.193 Rilaxx ta' partijiet għall-installazzjoni

- (a) Parti jew prodott għandu jiġi installat biss fi prodott meta jiġi identifikat mid-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari, ta' bidla fid-disinn, ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija jew b'dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn bħala adattat għall-installazzjoni, u meta jkun:
1. f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu;
 2. immarkat f'konformità mas-Subparti Q ta' dan l-Anness; u
 3. akkumpanjat minn ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) li jiċċertifika li l-oġġett ġie mmanifatturat f'konformità mad-*data* tad-disinn applikabbli.
- (b) B'deroga mill-punt (a)(3) u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-punt (c), il-partijiet li ġejjin ma jeħtiġux ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) sabiex jiġi installat fi prodott ċertifikat skont it-tip jew f'inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn:
1. parti standard;
 2. parti li:
 - (i) li l-użu tagħha ma jkunx għal żmien limitat, li ma tiffurmax parti mill-istruttura primarja jew mill-kontrolli tat-titjira;
 - (ii) identifika għall-installazzjoni fl-inġenju tal-ajru speċifiku mid-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari, ta' bidla fid-

disinn, ta' approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija jew ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn;

- (iii) li għandha tiġi installata f'inġenju tal-ajru li sidu jkun ivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli fil-punti (i) u (ii), u jkun aċċetta r-responsabbiltà għal din il-konformità;
 - 3. parti li għaliha l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità *mad-data* tad-disinn approvata jew *mad-data* tad-disinn iddikjarata tagħha jkollu effett negliġibbli fuq is-sikurezza tal-prodott u li jkun identifikat bħala tali mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn jew mid-dikjarant tal-konformità tad-disinn fl-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa. Sabiex jiġu ddeterminati l-effetti tas-sikurezza ta' parti li ma tikkonformax, id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn jista' jstabbilixxi fl-istruzzjonijiet għal ajrunavigabbiltà kontinwa attivitajiet speċifiċi ta' verifika li għandhom jitwettqu mill-installatur tal-parti fuq il-prodott;
 - 4. fil-każ tal-inkorporazzjoni ta' bidla standard skont il-punt 21L.A.102 jew tiswija standard skont il-punt 21L.A.202, parti li għaliha l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità *mad-data* tad-disinn ikollhom effett negliġibbli fuq is-sikurezza tal-prodott, u l-parti tiġi identifikata bħala tali fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għal bidliet standard jew għal tiswijiet standard maħruġin f'konformità mal-punt 21.B.70 tal-Anness I (il-Parti 21). Sabiex jiġu ddeterminati l-effetti fuq is-sikurezza ta' parti mhux konformi, f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jiġu stabbiliti attivitajiet speċifiċi ta' verifika li għandhom jitwettqu mill-persuna li tinstalla l-parti fil-prodott;
 - 5. parti li tkun eżentata minn approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012³; u
 - 6. parti li hija oġġett ta' assemblaġġ oġhla identifikat fil-punti (b)(1) sa (b)(5).
- (c) Il-partijiet elenkati fil-punt (b) huma eliġibbli għall-installazzjoni fi prodott iċċertifikat skont it-tip jew f'inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn mingħajr ma jkun akkumpanjati mill-Formola 1 tal-EASA, dment li l-installatur ikollu dokument maħruġ mill-persuna jew mill-organizzazzjoni li mmanifatturat il-parti, li jiddikjara l-isem tal-parti, in-numru tal-parti, u l-konformità tal-parti *mad-data* tad-disinn tagħha, u li jkun fih id-data tal-ħruġ.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

SUBPARTI M — DISINN TAT-TISWIJJET TA' PRODOTTI ĊERTIFIKATI SKONT IT-TIP

21L.A.201 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi:

- (a) il-proċedura għall-applikazzjoni għall-approvazzjonijiet tad-disinji tat-tiswijiet għal prodotti ċertifikati skont it-tip;
- (b) id-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal dawk l-approvazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a), u tad-detenturi tagħhom;
- (c) dispożizzjonijiet għal tiswijiet standard li ma jeħtiġux approvazzjoni.

21L.A.202 Tiswijiet standard

- (a) It-tiswijiet standard huma disinji tat-tiswijiet għal prodott iċċertifikat skont it-tip approvat f'konformità mas-Subparti B tat-Taqsima B ta' dan l-Anness u li:
 - 1. isegwu d-*data* tad-disinn inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni maħruġin mill-Aġenzija, li jkun fihom il-metodi, it-tekniki u l-prattiki aċċettabbli sabiex jitwettqu u jiġu identifikati t-tiswijiet standard, inklużi l-istruzzjonijiet assoċjati għall-ajrunavigabbiltà kontinwa; u
 - 2. ma humiex f'kunflitt mad-*data* tad-detentur ta' dak iċ-ċertifikat tat-tip.
- (b) Il-punti 21L.A.203 sa 21L.A.211 ma japplikawx għal tiswijiet standard.

21L.A.203 Klassifikazzjoni tad-disinji tat-tiswija għal prodott iċċertifikat skont it-tip

- (a) Id-disinji tat-tiswijiet għal prodott iċċertifikat skont it-tip għandhom jiġu kklassifikati bħala minuri jew maġġuri.
- (b) “Tiswija minuri” hija disinn tat-tiswija li ma għandu l-ebda effett apprezzabbli fuq il-massa, fuq il-bilanċ, fuq is-saħħa strutturali, fuq l-affidabbiltà, fuq il-livell iċċertifikat tal-ħoss jew tal-emissjonijiet, fuq il-karatteristiċi operattivi, jew fuq karatteristiċi oħrajn li jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà jew il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott.
- (c) Id-disinji l-oħrajn kollha tat-tiswijiet huma “tiswijiet maġġuri”.
- (d) Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' disinji tat-tiswijiet minuri huma dawk stabbiliti fil-punt 21L.A.207.
- (e) Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' disinji tat-tiswijiet maġġuri huma dawk stabbiliti fil-punt 21L.A.208.

21L.A.204 Eliġibbiltà

- (a) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun uriet, jew tinsab fil-proċess li turi, il-kapaċità tad-disinn tagħha f'konformità mal-punt 21L.A.23, tista' tapplika għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal prodott iċċertifikat skont it-tip fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.
- (b) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tapplika għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija minuri għal prodott iċċertifikat skont it-tip fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

21L.A.205 Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija għal prodott iċċertifikat skont it-tip

- (a) Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija għal prodott iċċertifikat skont it-tip għandha ssir f' forma u b' manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (b) Għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri, l-applikant għandu jinkludi fl-applikazzjoni, jew jissottometti wara l-applikazzjoni inizjali, pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità:
 - 1. li fih deskrizzjoni tal-ħsara u tad-disinn tat-tiswija, filwaqt li jidentifika l-konfigurazzjoni tad-disinn tat-tip li fuqha jkun sar id-disinn tat-tiswija;
 - 2. li jidentifika l-oqsma kollha tad-disinn tat-tip u l-manwali approvati li huma mibdulin jew milqutin mid-disinn tat-tiswija;
 - 3. li jidentifika kwalunkwe investigazzjoni mill-ġdid neċessarja sabiex tintwera l-konformità tad-disinn tat-tiswija u tal-oqsma affettwati mid-disinn tat-tiswija mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, inkorporati b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip jew fiċ-ċertifikat tat-tip supplementari, kif applikabbli;
 - 4. li jidentifika kwalunkwe emenda proposta għall-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip inkorporata b'referenza, kif applikabbli, fiċ-ċertifikat tat-tip jew fiċ-ċertifikat tat-tip supplementari;
 - 5. li jispeċifika jekk id-*data* taċ-ċertifikazzjoni tkunx tnejjet jew hijiex se titħejja kollha kemm hi mill-applikant jew fuq il-bażi ta' arrangement ma' sid id-*data* taċ-ċertifikazzjoni tat-tip.

21L.A.206 Dimostrazzjoni tal-konformità

- (a) L-applikant għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għandu juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.201 u għandu jipprovdi lill-Aġenzija bil-mezzi li bihom tkun intweriet din il-konformità.
- (b) L-applikant għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għandu jipprovdi lill-Aġenzija b'ġustifikazzjoni rreġistrata tal-mezzi ta' konformità fi ħdan id-dokumenti ta' konformità skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità.
- (c) Meta jwettaq l-ittejtjar u l-ispezzjonijiet sabiex juri l-konformità f'konformità mal-punt (a), l-applikant għandu jkun ivverifika u ddokumenta din il-verifika qabel ma jwettaq kwalunkwe test:
 - 1. fil-każ tal-kampjun tat-test, li:
 - (i) il-materjali u l-proċessi jikkonformaw b'mod adegwat mal-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn tat-tip propost;
 - (ii) il-partijiet kostitwenti tal-prodotti jikkonformaw b'mod adegwat mat-tpinġijiet tad-disinn tat-tip propost;
 - (iii) il-proċessi tal-manifattura, il-kostruzzjoni u t-twaħħil jikkonformaw b'mod adegwat ma' dawk speċifikati fid-disinn tat-tip propost; u
 - 2. li t-test u t-tagħmir tal-kejl użati għat-test kienu adegwati għat-test u kkalibrati kif xieraq.

- (d) L-ittestjar tat-titjiriet, għall-fini li tinkiseb approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri, għandu jsir f'konformità mal-metodi għat-tali ttestjar tat-titjiriet speċifikat mill-Aġenzija. L-applikant għandu jagħmel it-testijiet tat-titjiriet kollha neċessarji sabiex tiġi ddeterminata l-konformità mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.
- (e) Applikant għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għandu jippermetti lill-Aġenzija:
1. tanalizza kull *data* u informazzjoni relatata mad-dimostrazzjoni tal-konformità;
 2. tkun preżenti għal, jew twettaq, kwalunkwe test jew spezzjoni li ssir għall-fini li tintwera l-konformità; u
 3. jekk jitqies neċessarju, twettaq spezzjoni fiżika tal-prodott imsewwi sabiex tivverifika l-konformità tad-disinn mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.
- (f) Mat-tlestija tad-dimostrazzjoni tal-konformità, l-applikant għandu jiddikjara lill-Aġenzija li:
1. ikun wera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.201, skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità; u
 2. ma tkun ġiet identifikata l-ebda karatteristika li tista' tikkomprometti s-sikurezza tal-prodott bid-disinn tat-tiswija jew tagħmlu ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni.

21L.A.207 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija minuri

Sabiex tinħariġlu approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija minuri għal prodott iċċertifikat skont it-tip, l-applikant għandu:

- (a) juri li d-disinn tat-tiswija u l-postijiet affettwati mid-disinn tat-tiswija jikkonformaw:
1. mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali inkorporati b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip; jew
 2. jekk l-applikant jagħżel hekk, mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni li huma applikabbli għall-prodott fid-data tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija;
- (b) jiddikjara l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li japplikaw f'konformità mal-punt (a)(1), jew mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni magħżulin f'konformità mal-punt (a)(2), jirreġistra l-ġustifikazzjonijiet tal-konformità fid-dokumenti ta' konformità, u jirreġistra li ma ġiet identifikata l-ebda partikolarità jew karatteristika li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni;
- (c) jissottometti lill-Aġenzija l-ġustifikazzjoni tal-konformità għat-tiswija u d-dikjarazzjoni tal-konformità.

21L.A.208 Rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri

Sabiex tinħariġlu approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal prodott iċċertifikat skont it-tip, l-applikant għandu:

- (a) juri li d-disinn tat-tiswija u l-partijiet affettwati mid-disinn tat-tiswija jikkonformaw mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali kif stabbiliti u nnotifikati lill-applikant mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.201;
- (b) juri l-konformità f'konformità mal-punt 21L.A.206;
- (c) jekk l-applikant ikun speċifika li jkun ipprova d-*data* taċ-ċertifikazzjoni fuq il-bażi ta' arranġament ma' sid id-*data* taċ-ċertifikazzjoni tat-tip f'konformità mal-punt 21L.A.205(b)(5), juri li d-detentur taċ-ċertifikat tat-tip:
 1. ma għandu l-ebda oġġezzjoni teknika għall-informazzjoni sottomessa skont il-punt 21L.A.205; u
 2. qabel li jikkollabora mal-applikant sabiex jiżgura t-twettiq tal-obbligi kollha għall-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott imsewwi permezz ta' konformità mal-punti 21L.A.28 u 21L.A.88;
- (d) juri li ma hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta mill-ispezzjoni fiżika tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott bid-disinn tat-tiswija fil-konfigurazzjoni mibdula finali mwettqa mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.A.206(e)(3).

21L.A.209 Approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija taħt privileġġ

- (a) L-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija li jkun iddisinja tista' tinħareġ minn organizzazzjoni tad-disinn approvata mingħajr applikazzjoni skont il-punt 21L.A.205 f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-privileġġi tiegħu previst fil-punti (2) u (5) tal-punt 21.A.263(c) tal-Anness I (il-Parti 21) minflok l-Aġenzija, kif irreġistrata fit-termini tal-approvazzjoni.
- (b) Meta toħroġ approvazzjoni tat-tiswija f'konformità mal-punt (a), l-organizzazzjoni tad-disinn għandha:
 1. tiżgura li jkunu disponibbli d-*data* u l-ġustifikazzjonijiet li jissostanzjaw kollha;
 2. tiżgura li l-konformità tal-bidla mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali skont il-punt (a) tal-punt 21L.A.207 jew il-punt (a) tal-punt 21L.A.208 tkun intweriet u ġiet iddikjarata f'konformità mal-punt 21L.A.206;
 3. tikkonferma li ma sabitx:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, jew mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni magħżulin;
 - (ii) xi partikolarità jew karatteristika tat-tiswija li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni;
 4. tillimita l-approvazzjoni ta' tiswija f'ċertifikat tat-tip għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li magħha/magħhom għandha x'taqsam it-tiswija.

21L.A.210 Obbligi ta' detentur ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija

Id-detentur ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija għandu:

- (a) jekk ma jkunx id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat tat-tip supplementari, u d-*data* taċ-ċertifikazzjoni tkun ġiet ipprovduta f'konformità ma' 21L.A.205 (b)(5), jistabbilixxi arranġament mad-detentur rilevanti;
- (b) jipprovdi lill-organizzazzjoni li twettaq it-tiswija l-istruzzjonijiet kollha neċessarji sabiex tinstalla jew tinkorpora d-disinn tat-tiswija;
- (c) jappoġġa lil kwalunkwe organizzazzjoni tal-produzzjoni li tipproduċi partijiet għad-disinn tat-tiswija, u jiżgura li dawk il-partijiet jiġu prodotti bl-użu ta' *data* dwar il-produzzjoni li tkun ibbażata fuq id-*data* tad-disinn li tiġi pprovduta mid-detentur tal-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija;
- (d) jiżgura li d-disinn tat-tiswija jinkludi l-istruzzjonijiet u l-limitazzjonijiet neċessarji kollha, jekk disinn tat-tiswija jiġi approvat soġġett għal limitazzjonijiet. Dawn l-istruzzjonijiet u l-limitazzjonijiet għandhom jiġu trażmessi lill-operatur mid-detentur tal-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija f'konformità ma' proċedura miftiehma mal-Aġenzija;
- (e) iwettaq l-obbligi ta' detentur ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija tas-Subparti A ta' dan l-Anness.

21L.A.211 Ħsara mhux imsewwija

Ħsara lil prodott, li d-disinn tiegħu jkun ġie approvat f'konformità mat-Taqsima B, ma tistax teħtieġ disinn tat-tiswija jekk evalwazzjoni tal-konsegwenzi tal-ajrunavigabbiltà tiġġustifika dan. Tali evalwazzjoni għandha ssir jew mill-Aġenzija jew minn organizzazzjoni tad-disinn li tkun approvata kif xieraq f'konformità mas-Subparti J tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21), skont proċedura aċċettata mill-Aġenzija. Jekk l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-ħsara mhux imsewwija teħtieġ limitazzjonijiet, dawk għandhom jiġu pproċessati f'konformità mal-punt (d) tal-punt 21L.A.210.

SUBPARTI N — DISINN TA' TISWIJJET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.A.221 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi:

- (a) il-proċedura għad-dikjarazzjoni tal-konformità ta' disinji tat-tiswijiet għal inġenju tal-ajru li kien soġġett għal dikjarazzjoni magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness;
- (b) id-drittijiet u l-obbligi tad-dikjarant li jagħmel dikjarazzjoni tal-konformità tal-bidla msemmija fil-punt (a);
- (c) dispożizzjonijiet dwar it-tiswijiet standard li ma jeħtiġux dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn.

21L.A.222 Tiswijiet standard

- (a) It-tiswijiet standard huma disinji tat-tiswijiet għal inġenju tal-ajru li kien soġġett għal dikjarazzjoni magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness u li:
 - 1. isegwu *d-data* tad-disinn inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni maħruġin mill-Aġenzija, li jkun fihom il-metodi, it-tekniki u l-prattiki aċċettabbli sabiex jitwettqu u jiġu identifikati t-tiswijiet standard, inklużi l-istruzzjonijiet assoċjati għall-ajrunavigabbiltà kontinwa; u
 - 2. ma jkunux f'kunflitt mad-*data* tad-disinn koperta mid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness.
- (b) Il-punti 21L.A.223 sa 21L.A.229 ma japplikawx għal tiswijiet standard.

21L.A.223 Klassifikazzjoni tad-disinji ta' tiswijiet ta' inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

- (a) Id-disinji tat-tiswijiet għal inġenju tal-ajru li kien soġġett għal dikjarazzjoni magħmula f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness għandhom jiġu kklassifikati bħala maġġuri jew minuri, bl-użu tal-kriterji stabbiliti fil-punti (b) u (c) ta' 21L.A.203.
- (b) Il-konformità tad-disinn ta' disinn tat-tiswija minuri għandha tiġi ddikjarata f'konformità mal-punt 21L.A.225.
- (c) Il-konformità tad-disinn ta' disinn tat-tiswija maġġuri għandha tiġi ddikjarata f'konformità mal-punt 21L.A.226.

21L.A.224 Eliġibbiltà

- (a) Dikjarant li jkun għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness jista' jiddikjara l-konformità ta' disinn tat-tiswija minuri ta' dak l-inġenju tal-ajru bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti. Barra minn hekk, tali dikjarazzjoni tal-konformità tista' ssir ukoll, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti, minn organizzazzjoni tad-disinn approvata f'konformità mal-punt (c)(3) tal-punt 21.A.263 tal-Anness I (il-Parti 21).
- (b) Id-dikjarant biss li jkun għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness jista' jiddikjara l-konformità

ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

- (c) B'deroga mill-punt (b), jekk id-dikjarant li jkun għamel dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness ma jibqax attiv jew ma jwigi b'għat-talbiet għal disinji tat-tiswijiet, il-konformità ta' disinn tal-inġenju tal-ajru mibdul tista' tiġi ddikjarata wkoll f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness minn organizzazzjoni tad-disinn approvata f'konformità mal-punt (c)(2) tal-punt 21.A.263 tal-Anness I (il-Parti 21) fi ħdan l-ambitu tat-termini tal-approvazzjoni tagħha, jew minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tkun tista' twettaq l-obbligi stabbiliti fil-punt 21L.A.47 fir-rigward ta' dak l-inġenju tal-ajru mibdul.

21L.A.225 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal disinji ta' tiswijiet minuri

- (a) Qabel ma jinkorpora jew jaqbel ma' organizzazzjoni tal-produzzjoni sabiex jinkorpora disinn tat-tiswija minuri f'inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness, id-dikjarant jew l-organizzazzjoni li tkun iddisinjat it-tiswija minuri għandha tiddikjara li d-disinn tat-tiswija minuri jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li magħhom tkun ġiet iddikjarata l-konformità skont il-punt 21L.A.43.
- (b) Id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandha ssir f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (c) Id-dikjarant jew l-organizzazzjoni li tkun fasslet il-bidla minuri għandha żżomm reġistru tad-disinji tat-tiswija minuri għal inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, u tagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula f'konformità mal-punt (a) disponibbli għall-Aġenzija fuq talba.

21L.A.226 Dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal disinji ta' tiswijiet maġġuri

- (a) Qabel ma jinkorpora jew jaqbel ma' organizzazzjoni tal-produzzjoni sabiex jinkorpora disinn tat-tiswija maġġuri f'inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness, id-dikjarant għandu jiddikjara li d-disinn tat-tiswija maġġuri jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li l-konformità magħhom kienet ġiet iddikjarata skont il-punt 21L.A.43.
- (b) Id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandha ssir f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.
- (c) Id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
1. l-isem tal-persuna li tissottometti d-dikjarazzjoni, u l-indirizz/post tan-negozju tagħha;
 2. in-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni tal-inġenju tal-ajru li miegħu jkun relatat id-disinn tat-tiswija maġġuri;
 3. referenza unika għall-identifikazzjoni tad-disinn tat-tiswija maġġuri;
 4. indikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li magħhom ġiet iddikjarata l-konformità tal-inġenju tal-ajru mid-dikjarant skont il-punt 21L.A.43;

5. dikjarazzjoni ffirmata magħmula taħt ir-responsabbiltà unika tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni li d-disinn tat-tiswija maġġuri jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali msemmijin fil-punt (4), skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità msemmi fil-punt (d)(3);
 6. dikjarazzjoni ffirmata magħmula taħt ir-responsabbiltà unika tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni li ma ġiet identifikata l-ebda partikolarità jew karatteristika minn dik il-persuna li tista' tagħmel l-inġenju tal-ajru mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użu maħsub;
 7. deskrizzjoni tal-ħsara u tad-disinn ta' tiswija filwaqt li tiġi identifikata l-konfigurazzjoni tad-disinn tat-tip li fuqha tkun saret it-tiswija;
 8. identifikazzjoni tal-oqsma kollha tad-disinn tat-tip u tal-manwali approvati li huma mibdulini jew milqutin mid-disinn tat-tiswija.
- (d) Id-dikjarant li jfassal tiswija maġġuri għandu jissottometti d-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (c) lill-Aġenzija. Flimkien ma' din id-dikjarazzjoni, id-dikjarant għandu jipprovdi lill-Aġenzija:
1. deskrizzjoni tat-tiswija maġġuri;
 2. *data* bażika dwar it-tiswija maġġuri, inklużi l-karatteristiċi operattivi, il-karatteristiċi tad-disinn u kwalunkwe limitazzjoni;
 3. pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità li jagħti dettalji dwar il-mezzi għad-dimostrazzjoni tal-konformità li ġew segwiti matul id-dimostrazzjoni tal-konformità;
 4. il-ġustifikazzjonijiet irreġistrati tal-konformità fi ħdan id-*data* tal-konformità miksubin mill-attivitajiet ta' konformità li twettqu skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
 5. il-mezzi li bihom intweriet il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li magħhom id-dikjarant kien iddikjara l-konformità tal-inġenju tal-ajru skont il-punt 21L.A.43;
 6. meta tintwera l-konformità billi jitwettqu t-testijiet, ġustifikazzjoni rreġistrata tal-konformità tal-oġġetti u tat-tagħmir tat-test, li turi:
 - (i) fil-każ tal-kampjun tat-test, li:
 - (A) il-materjali u l-proċessi kkonformaw b'mod adegwat mal-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn;
 - (B) il-partijiet kostitwenti tal-prodotti kkonformaw b'mod adegwat mat-tpinġijiet tad-disinn; u
 - (C) il-proċessi tal-manifattura, il-konstruzzjoni u t-twaħħil ikkonformaw b'mod adegwat ma' dawk speċifikati fid-disinn;
 - (ii) li t-test u t-tagħmir tal-kejl użati għat-testijiet kienu adegwati għat-testijiet u kkalibrati kif xieraq;
 7. ir-rapporti, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet jew tat-testijiet li d-dikjarant sab li kienu neċessarji sabiex jiġi ddeterminat li l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.

- (e) Id-dikjarazzjoni ta' tiswija maġġuri f' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandha tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn li magħha hija relatata l-bidla.

21L.A.227 Attivitàjiet ta' konformità għad-dikjarazzjoni tal-konformità ta' disinn tat-tiswija maġġuri

Qabel ma jagħmel dikjarazzjoni tal-konformità f'konformità mal-punt 21L.A.226, id-dikjarant għandu, għal dak id-disinn speċifiku:

- (a) jistabilixxi pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità li jagħti dettalji dwar il-mezzi għad-dimostrazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu segwiti matul id-dimostrazzjoni tal-konformità. Dan id-dokument għandu jkun aġġornat kif ikun neċessarju;
- (b) jirreġistra l-ġustifikazzjoni tal-konformità fid-dokumenti tal-konformità skont il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (c) iwettaq l-ittestjar u l-ispezzjonijiet kif neċessarji f'konformità mal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (d) jiżgura u jirreġistra l-konformità tal-oġġetti u tat-tagħmir tat-test u jiżgura li l-kampjun tat-test jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet, mat-tpiġġijiet, mal-proċessi tal-manifattura, mal-mezzi tal-kostruzzjoni u tal-assemblaġġ fid-disinn;
- (e) jiżgura li t-tagħmir tat-test u tal-kejl li għandu jintuża għall-ittestjar ikun adegwat għall-ittestjar u kkalibrat kif xieraq;
- (f) jippermetti lill-Aġenzija twettaq jew tipparteċipa fi kwalunkwe spezzjoni jew test tal-inġenji tal-ajru fil-konfigurazzjoni tad-disinn u tal-produzzjoni finali jew matura kif xieraq li jkun neċessarju sabiex jiġi ddeterminat li l-prodott bid-disinn tat-tiswija ma għandu l-ebda partikolarità jew karatteristika li tagħmel l-inġenju tal-ajru mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użu maħsub;
- (g) iwettaq ittestjar tat-titjira, f'konformità mal-kundizzjonijiet tat-titjir għal tali ttestjar tat-titjira speċifikati mill-Aġenzija, kif neċessarju sabiex jiddetermina li l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.

21L.A.228 Obbligi tad-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn ta' disinn tat-tiswija

Id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandu:

- (a) għal disinji minuri, iżomm regjistru ta' dawk id-dikjarazzjonijiet u għandu jagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet disponibbli għall-Aġenzija fuq talba;
- (b) jipprovdi lill-organizzazzjoni li twettaq it-tiswija l-istruzzjonijiet kollha neċessarji sabiex tinstalla jew tinkorpora d-disinn tat-tiswija;
- (c) jappoġġa lil kwalunkwe organizzazzjoni tal-produzzjoni li tipproduċi partijiet għad-disinn tat-tiswija, u jiżgura li dawk il-partijiet jiġu prodotti bl-użu ta' *data* dwar il-produzzjoni li tkun ibbażata fuq id-*data* tad-disinn li tiġi pprovvduta mid-dikjarant;
- (d) jekk disinn tat-tiswija jiġi ddikjarat soġġett għal limitazzjonijiet, jibgħat dawn il-limitazzjonijiet lill-operatur billi juża proċedura dokumentata li ssir disponibbli għall-Aġenzija fuq talba;

- (e) iwettaq l-obbligi ta' dikjarant tal-konformità tad-disinn ta' disinn tat-tiswija tas-Subparti A ta' dan l-Anness.

21L.A.229 Ħsara mhux imsewwija

Id-dikjarant tal-konformità tad-disinn ta' ingenu tal-ajru f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness jew organizzazzjoni tad-disinn approvata bil-privileġġi pprovduti f'konformità mal-punt (c)(3) tal-punt 21.A.263 tal-Anness I (il-Parti 21) u bl-ambitu xieraq tal-approvazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-konsegwenzi fuq l-ajrunavigabbiltà u fuq il-kompatibbiltà ambjentali ta' kwalunkwe ħsara għal tali ingeni tal-ajru li titħalla mhux imsewwija u li ma tkunx koperta mid-*data* ddikjarata qabel. Kwalunkwe limitazzjoni neċessarja għandha tkun ipproċessata f'konformità mal-punt (d) tal-punt 21L.A.228.

SUBPARTI O — AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ORDNI TA' STANDARD TEKNIKU
EWROPEW

(Riżervat)

21L.A.241 Permess għat-titjir u kundizzjonijiet tat-titjir

- (a) Il-proċeduri għall-applikazzjoni għall-ħruġ ta' permessi għat-titjir u l-kundizzjonijiet tat-titjir relatati għall-inġenji tal-ajru fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness għandhom ikunu dawk stabbiliti fis-Subparti P tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21) u dawk stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-punt 21L.A.241.
- (b) Meta japplika għal permess għat-titjir f'konformità mal-punt 21.A.707 tal-Anness I (il-Parti 21), l-applikant għandu jagħmel arranġamenti sabiex l-awtorità kompetenti twettaq spezzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru meta l-applikazzjoni għal permess għat-titjir tkun relatata ma':
1. l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni tal-konformità fil-punt 21L.A.25 għal inġenju tal-ajru li huwa, jew li huwa maħsub li se jiġi, iċċertifikat skont it-tip;
 2. l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni tal-konformità fil-punt 21L.A.44 għal inġenju tal-ajru li għalih hija, jew hija maħsuba li tiġi, iddikjarata l-konformità tad-disinn.
- (c) Meta japplika għall-kundizzjonijiet tat-titjir f'konformità mal-punt 21.A.709 tal-Anness I (il-Parti 21), l-applikant għandu jagħmel arranġamenti sabiex l-Aġenzija:
1. tispezzjona fiżikament u tivvaluta l-inġenju tal-ajru jekk il-kundizzjonijiet tat-titjir ikunu relatati mad-dimostrazzjoni tal-konformità b'appoġġ ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn fil-punt 21L.A.44 u jekk mitlub mill-Aġenzija matul l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni tal-konformità kif imsemmi fil-punt (b) tal-punt 21L.B.121 u fil-punt (c) tal-punt 21L.B.203; jew
 2. tispezzjona fiżikament u tivvaluta l-inġenju tal-ajru u twettaq rieżami kritiku tad-disinn jekk il-kundizzjonijiet tat-titjir ikunu relatati mad-dimostrazzjoni tal-konformità assoċjata maċ-ċertifikazzjoni tad-disinn fil-punt 21L.A.25 u jekk mitlub mill-Aġenzija fil-punt 21L.B.83, fil-punt 21L.B.102 u fil-punt 21L.B.203.

SUBPARTI Q — IDENTIFIKAZZJONI TA' PRODOTTI U TA' PARTIJET

21L.A.251 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-identifikazzjoni ta' prodotti u ta' partijiet iddisinjati u prodotti skont dan l-Anness.

21L.A.252 Disinn tal-immarkar

- (a) Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat tat-tip supplementari, ta' approvazzjoni ta' bidla fiċ-ċertifikat tat-tip jew ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija, jew id-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għandu jispeċifika fid-*data* tad-disinn l-immarkar tal-prodotti u tal-partijiet iddisinjati f'konformità ma' dan l-Anness.
- (b) L-ispeċifikazzjonijiet tal-immarkar għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:
- għall-prodotti:
 - l-isem tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni;
 - id-deżinjazzjoni tal-prodott;
 - in-numru tas-serje tal-prodott;
 - kwalunkwe informazzjoni oħra xierqa sabiex jiġi identifikat il-prodott;
 - għall-partijiet:
 - isem, trademark, jew simbolu li jidentifika l-organizzazzjoni tal-produzzjoni;
 - in-numru tal-parti;
 - in-numru tas-serje, f'każijiet li fihom parti li għandha titwaħħal fuq prodott tkun ġiet identifikata bħala parti kritika.
- (c) L-ispeċifikazzjoni tal-partijiet f'konformità mal-punt (ii) tal-punt (b)(2) għandha tinkludi l-ittra "(R)" fi tmiem in-numru tal-parti meta:
- il-parti tkun minn disinn soġġett għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn f'konformità mas-Subparti C ta' dan l-Anness;
 - il-parti għandha tiġi rrilaxxata b'Formola 1 tal-EASA f'konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.A.193; u
 - il-parti tkun ġiet prodotta f'konformità mas-Subparti R ta' dan l-Anness.

21L.A.253 Identifikazzjoni ta' prodotti

- (a) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipproduċi prodotti skont is-Subparti G tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21) jew skont is-Subparti G jew R ta' dan l-Anness li għalihom id-disinn ikun ġie approvat jew iddikjarat f'konformità ma' dan l-Anness, għandha tidentifika dak il-prodott kif speċifikat f'konformità ma' 21L.A.252 permezz ta' mmarrar li jkun jifflaħ għan-nar fuq pjanċa li tkun tifflaħ għan-nar.
- (b) Il-pjanċa ta' identifikazzjoni għandha tkun marbuta b'tali mod li tkun aċċessibbli u tinqara, u li x'aktarx ma titħassarx jew ma titneħħiex matul is-servizz normali, jew tintilef jew tinqered f'akkident, u fil-każ ta' skrun, ta' xafra ta' skrun, jew ta' buttun ta' skrun, titqiegħed fuq wiċċ mhux kritiku tal-oġġett.

- (c) Għal blalen tal-arja bl-ekwipaġġ, il-panċa ta' identifikazzjoni għandha tkun marbuta sew mal-għata tagħhom u għandha titpoġġa, jekk ikun prattiku, fejn l-operatur ikun jista' jaqraha meta l-ballun ikun minfuħ bl-arja. Barra minn hekk, il-qoffa u l-qafas tiegħu, u kwalunkwe sistema ta' tisħin għandhom ikunu mmarkati b'mod permanenti u li jinqara, bl-isem tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni, bin-numru tal-parti, jew bl-ekwivalenti tiegħu, u bin-numru tas-serje, jew bl-ekwivalenti tiegħu.

21L.A.254 Immaniġġjar ta' data ta' identifikazzjoni

- (a) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li twettaq xogħol ta' manutenzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 tista', f'konformità mal-metodi, mat-tekniki u mal-prattiki stabbiliti mill-Aġenzija:
1. tneħħi, tibdel, jew tqiegħed l-informazzjoni ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt 21L.A.253; jew
 2. tneħħi jew tinstalla panċa ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt 21L.A.253, meta jkun neċessarju matul l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni.
- (b) Ħlief għall-finijiet iddikjarati fil-punt (a) tal-punt 21L.A.254, l-ebda persuna ma għandha tneħħi, tibdel, jew tqiegħed l-informazzjoni ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-punt 21L.A.253.
- (c) Ħlief għall-finijiet iddikjarati fil-punt (a) tal-punt 21L.A.254, l-ebda persuna ma għandha tneħħi jew tinstalla xi panċa ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-punt 21L.A.253.
- (d) L-ebda persuna ma tista' twaħħal panċa ta' identifikazzjoni mneħħija f'konformità mal-punt (a)(2) fuq kwalunkwe inġenju tal-ajru, magna, skrun, xafra ta' skrun jew buttun ta' skrun għajr fuq dak li minn fuqu din tkun tneħħiet.

21L.A.255 Identifikazzjoni tal-partijiet

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipproduċi partijiet skont is-Subparti G tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21) jew skont is-Subparti G jew R ta' dan l-Anness għal prodott li għalih id-disinn ikun ġie approvat jew iddikjarat f'konformità ma' dan l-Anness għandha timmarka b'mod permanenti u li jinqara dik il-parti kif speċifikat f'konformità mal-punt 21L.A.252.

SUBPARTI R — DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ GĦALL-INĠENJI TAL-AJRU
U ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT (IL-FORMOLA 1 TAL-EASA) GĦAL
MAGNI U GĦAL SKREJJEN, JEW GĦAL PARTIJET TAGĦHOM, LI
JIKKONFORMAW MA' DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.A.271 Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċeduri għall-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet tal-konformità għall-inġenji tal-ajru (il-Formola 52B tal-EASA) u għaċ-ċertifikati tar-rilaxx awtorizzati (il-Formola 1 tal-EASA) għall-magni u għall-iskrejjen, jew għal partijiet minnhom, li jkunu ġew prodotti f'konformità mad-*data* tad-disinn ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, u mad-drittijiet u mal-obbligi tad-dikjarant.

21L.A.272 Eliġibbiltà

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tingħata aċċess għad-*data* tad-disinn applikabbli u li tkun tista' twettaq l-obbligi ddikjarati fil-punt 21L.A.275 tista' toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) għal inġenju tal-ajru jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzati (il-Formola 1 tal-EASA) għal magna jew għal skrun, jew għal parti minnu, fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

21L.A.273 Sistema ta' kontroll tal-produzzjoni

Persuna fiżika jew ġuridika li toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzati (il-Formola 1 tal-EASA) bid-*data* tad-disinn iddikjarata applikabbli ta' inġenju tal-ajru, ta' magna jew ta' skrun, jew ta' parti minnu, li tkun ipprođuċiet, għandha tistabbilixxi, timplimenta u tmanjni sistema għall-kontroll tal-produzzjoni li:

- (a) tinkludi proċessi u proċeduri li jiżguraw li l-inġenju tal-ajru, il-magna jew l-iskrun, u kwalunkwe parti minnu, jikkonformaw mad-*data* tad-disinn iddikjarata applikabbli;
- (b) tiżgura li kull dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzati (il-Formola 1 tal-EASA) tiġi/jiġi ffirmat(a) biss minn persuni awtorizzati;
- (c) jekk it-testijiet tat-titjira jkunu neċessarji fl-ambitu tal-produzzjoni, ikollha proċessi fis-seħħ li jiżguraw li kwalunkwe test tat-titjira jitwettaq b'mod sikur;
- (d) tiżgura li l-persuna fiżika jew ġuridika tirċievi d-*data* kollha neċessarja dwar l-ajrunavigabbiltà u l-kompatibbiltà ambjentali sabiex tiddetermina l-konformità;
- (e) ikollha fis-seħħ proċeduri li jiżguraw li d-*data* dwar l-ajrunavigabbiltà u l-kompatibbiltà ambjentali tkun inkorporata b'mod korrett fid-*data* tal-produzzjoni tagħha, tinżamm aġġornata u tkun disponibbli għall-persunal kollu li jeħtieġ aċċess għal tali *data* sabiex iwettaq dmirijietu;
- (f) tinkludi sistema ta' spezzjoni li tiżgura li kwalunkwe inġenju tal-ajru, magna jew skrun, u kwalunkwe parti minnu, li jiġu prodotti mill-persuna fiżika jew ġuridika, inklużi s-sħab tagħha, jew jiġu forniti minn jew jingħataw b'sottokuntratt lil partijiet esterni, jikkonformaw mad-*data* tad-disinn iddikjarata applikabbli u jkunu f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu;

- (g) tinkludi sistema ta' arkivjar li tirreġistra r-rekwiżiti li jkunu tqiegħdu fuq organizzazzjonijiet oħrajn bħall-fornituri u s-sottokuntratturi. Id-*data* arkivjata għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' ajrunavigabbiltà kontinwa;
- (h) tiżgura li l-manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru li jkun għadu kif ġie mmanifatturat titwettaq f'konformità mal-istruzzjonijiet ta' manutenzjoni applikabbli u li l-inġenju tal-ajru jinżamm f'kundizzjoni ta' ajrunavigabbiltà, u jekk applikabbli, jinħareġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz għal kwalunkwe manutenzjoni li tkun tlestiet;
- (i) tinkludi sistema interna ta' rapportar tal-okkorrenzi fl-interess tas-sikurezza, sabiex ikunu jistgħu jinġabru u jiġu vvalutati r-rapporti ta' okkorrenzi miġburin f'konformità mal-punt 21L.A.3 sabiex jiġu identifikati xejriet kuntrarji jew sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, u sabiex jiġu estratti l-okkorrenzi rapportabbli. Din is-sistema għandha tinkludi l-evalwazzjoni tal-informazzjoni rilevanti marbuta mal-okkorrenzi u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni relatata.

21L.A.274 Ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA)

- (a) Meta toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA), il-persuna fiżika jew ġuridika għandha tinkludi dan kollu li ġej:
 1. dikjarazzjoni li l-inġenju tal-ajru, il-magna jew l-iskruwn, jew kwalunkwe parti minnu, tikkonforma mad-*data* tad-disinn iddikjarata applikabbli u tkun f'kundizzjoni li taħdem b'mod sikur;
 2. għal kull inġenju tal-ajru, dikjarazzjoni li l-inġenju tal-ajru jkun għadda mit-testijiet tal-art u tal-ajru;
 3. għal kull magna jew skrun b'angolu tal-qala' varjabbli, dikjarazzjoni li l-magna jew l-iskrun b'angolu tal-qala' varjabbli jkunu ġew soġġetti għal test funzjonali finali;
 4. jekk applikabbli, dikjarazzjoni li l-magna lesta hija konformi mar-rekwiżiti applikabbli dwar l-emissjonijiet tal-egżost tal-magna fis-seħħ fid-*data* tal-produzzjoni tal-magna.
- (b) Il-persuna fiżika jew ġuridika għandha toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) meta jseħħ xi wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:
 1. it-trasferiment inizjali tas-sjeda tal-inġenju tal-ajru, tal-magna jew tal-iskrun, jew ta' partijiet minnu; jew
 2. għall-inġenji tal-ajru, l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għall-inġenju tal-ajru.

21L.A.275 Obbligi ta' persuna fiżika jew ġuridika li toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA)

Il-persuna fiżika jew ġuridika li toħroġ dikjarazzjoni tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) għandha:

- (a) tinforma lill-awtorità kompetenti li jkollha l-intenzjoni li tipproduċi inġenju tal-ajru, magna jew skrun, jew parti minnu, f'konformità mad-*data* tad-disinn ta'

dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn u li se toħroġ dikjarazzjonijiet tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) f'konformità ma' din is-Subparti;

- (b) tiżgura li jiġu rreġistrati d-dettalji ta' kwalunkwe xogħol lest;
- (c) iżżomm, fil-post tal-produzzjoni, id-*data* teknika u t-tpiġġijiet neċessarji sabiex jiġi ddeterminat jekk l-inġenju tal-ajru, il-magna jew l-iskrun, jew parti minnu, tikkonformax mad-*data* tad-disinn iddikjarata applikabbli;
- (d) tipprovdi appoġġ għall-ajrunavigabbiltà kontinwa lid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal kwalunkwe inġenju tal-ajru, magna jew skrun, jew parti minnu, li tkun iproduċiet;
- (e) għal inġenji tal-ajru ġodda li tkun iproduċiet, tiżgura li l-inġenju tal-ajru jinżamm f'kundizzjoni ta' ajrunavigabbiltà u li titwettaq il-manutenzjoni, sakemm ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 ma jirrikjedix li l-manutenzjoni titwettaq skont tali regoli, inkluża kwalunkwe tiswija neċessarka f'konformità mad-*data* tad-disinn applikabbli qabel il-ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52B tal-EASA);
- (f) meta toħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz, wara t-tali manutenzjoni, tiddetermina li kull inġenju tal-ajru lest ikun ġie soġġett għall-manutenzjoni neċessarja u li jkun f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu, qabel ma toħroġ iċ-ċertifikat;
- (g) twettaq l-obbligi ta' persuna fiżika jew ġuridika li toħroġ dikjarazzjonijiet tal-konformità (il-Formola 52B tal-EASA) jew ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) tas-Subparti A ta' dan l-Anness;
- (h) tinforma lill-awtorità kompetenti dwar il-waqfien tal-attivitajiet tagħhom taħt din is-Subparti.

TAQSIMA B

PROCĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI (riżervat)

SUBPARTI B — ĊERTIFIKATI TAT-TIP

21L.B.41 Speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni

L-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 76(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139, għandha toħroġ speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u speċifikazzjonijiet dettaljati oħrajn, inklużi speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għall-ajrunavigabbiltà, u l-kompatibbiltà ambjentali li l-awtoritajiet kompetenti, l-organizzazzjonijiet u l-persunal ikunu jistgħu jużaw sabiex juru l-konformità ta' prodotti u ta' partijiet mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Annessi II, IV u V ta' dak ir-Regolament, kif ukoll ma' dawk għall-protezzjoni ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 9(2) u fl-Anness III ta' dak ir-Regolament. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu dettaljati u speċifiċi biżżejjed sabiex lill-applikanti juruhom il-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu, jiġu emendati jew jiġu ssupplimentati ċ-ċertifikati.

21L.B.42 Investigazzjoni inizjali

- (a) Malli tirċievi applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha tivverifika jekk il-prodott ikunx fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fil-punt 21L.A.21 u jekk l-applikant ikunx eliġibbli f'konformità mal-punt 21L.A.22 sabiex japplika għal ċertifikat tat-tip għall-prodott.
- (b) Meta ma jkunux issodisfati l-kundizzjonijiet tal-punt (a), l-Aġenzija għandha tirrifjuta l-applikazzjoni.

21L.B.43 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għal ċertifikat tat-tip

- (a) L-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u tinnotifikaha lill-applikant. Il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għandha tkun magħmula minn dawn:
 - 1. l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għall-ajrunavigabbiltà deżinjati mill-Aġenzija minn fost dawk applikabbli għall-prodott fid-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat, ħlief jekk:
 - (i) l-applikant jagħżel li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni li saru applikabbli wara d-data tal-applikazzjoni; jekk applikant jagħżel li jikkonforma ma' speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni li saret applikabbli wara d-data tal-applikazzjoni, l-Aġenzija għandha tinkludi, fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, kull speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni oħra relatata b'mod dirett; jew
 - (ii) l-Aġenzija taċċetta kwalunkwe alternattiva għal speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni deżinjata li ma jistax ikun hemm konformità magħha, u li għaliha nstabu fatturi kompensatorji li jipprovdu livell ekwivalenti tas-sikurezza; jew

- (iii) l-Aġenzija taċċetta jew tippreskrivi mezzi oħrajn sabiex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1139;
 - 2. kwalunkwe kundizzjoni speċjali stipulata mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.44(a).
- (b) L-Aġenzija tista' temenda l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip fi kwalunkwe punt qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat tat-tip jekk tkun iddeterminat dik l-esperjenza minn prodotti simili oħrajn fis-servizz, jew minn prodotti li għandhom karatteristiċi tad-disinn simili, tkun uriet li jistgħu jiżviluppaw kundizzjonijiet mhux sikuri, u l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip li ġiet stabbilita u nnotifikata lill-applikant ma tindirizzax din il-kundizzjoni mhux sikura.

21L.B.44 Kundizzjonijiet speċjali

- (a) L-Aġenzija għandha tistipula speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati speċjali, imsejħin “kundizzjonijiet speċjali”, għal prodott, jekk l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni relatati ma jkunx fihom standards tas-sikurezza adegwati jew xierqa għall-prodott għaliex:
- 1. il-prodott ikollu karatteristiċi tad-disinn ġodda jew mhux tas-soltu b'rabta mal-prattiki tad-disinn li fuqhom ikunu msejsin l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli;
 - 2. l-użu maħsub tal-prodott ma jkunx wieħed konvenzjonali; jew
 - 3. l-esperjenza minn prodotti simili oħrajn fis-servizz, jew minn prodotti li jkollhom karatteristiċi tad-disinn simili jew perikli ġodda identifikati, tkun uriet li jistgħu jiżviluppaw xi kundizzjonijiet mhux sikuri.
- (b) Il-kundizzjonijiet speċjali jinkludu dawk l-istandards tas-sikurezza li l-Aġenzija jidhrilha li huma neċessarji sabiex tistabbilixxi livell tas-sikurezza ekwivalenti għal dak fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli.

21L.B.45 Deżinjazzjoni tar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli għal ċertifikat tat-tip

L-Aġenzija għandha tiddeżinja u tinnotifika lill-applikant għal ċertifikat tat-tip għal inġenju tal-ajru jew għal magna, ir-rekwiżiti ambjentali applikabbli f'konformità mal-punt 21.B.85 tal-Anness I (il-Parti 21).

21L.B.46 Investigazzjoni

Malli tirċievi applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha:

- (a) twettaq rieżami tal-pjan inizjali ta' dimostrazzjoni tal-konformità u kwalunkwe aġġornament sussegwenti pprovdut mill-applikant sabiex tistabbilixxi l-kompletezza tal-pjan u l-adegwatezza tal-mezzi u tal-metodi proposti sabiex tintwera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip stabbilita f'konformità mal-punt 21L.B.43 u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali ddeżinjati f'konformità mal-punt 21L.B.45; jekk il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità ma jkunx komplut jew il-mezzi u l-metodi ma jkunux adattati sabiex tinkiseb dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija għandha tinforma lill-applikant u titlob emenda tiegħu;

- (b) meta tkun sodisfatta li l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità pprovdut ikun xieraq sabiex l-applikant ikun jista' juri l-konformità, tapprova l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (c) wara li tirċievi d-dikjarazzjoni tal-konformità f'konformità mal-punt (f) tal-punt 21L.A.25, twettaq spezzjoni fiżika u valutazzjoni tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni finali, filwaqt li tqis ir-rieżami tad-disinn kritiku mwettaq f'konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.B.242, sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-prodott mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali; l-Aġenzija għandha tivverifika l-konformità tal-prodott, filwaqt li tqis il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, u l-impatt potenzjali ta' dak in-nuqqas ta' konformità fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott;
- (d) jekk matul l-istabbiliment tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, id-deżinjazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jew matul ir-rieżami tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija tiddetermina li d-disinn tal-prodott fih kwalunkwe element li għalih nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jista' jkollu impatt avvers fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott, l-Aġenzija għandha tiddetermina liema investigazzjonijiet huma neċessarji minbarra dawk deskritti fil-punt (c) sabiex tivverifika d-dimostrazzjoni tal-konformità; l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant dwar kwalunkwe investigazzjoni addizzjonali u liema elementi tad-disinn ikunu soġġetti għal dawk l-investigazzjonijiet.

21L.B.47 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip

- (a) L-Aġenzija għandha toħroġ mingħajr dewmien żejjed ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru, ta' magna jew ta' skrun, dment li:
 1. l-applikant ikun ikkonforma mal-punt 21L.A.27;
 2. l-Aġenzija, permezz tal-investigazzjoni mwettqa skont il-punt 21L.B.46, ma tkun sabet l-ebda nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
 3. ma jkun hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta mill-investigazzjoni mwettqa skont il-punt (c) tal-punt 21L.B.46 ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni finali;
 4. ma tkun ġiet identifikata l-ebda karatteristika li tista' tikkomprometti s-sikurezza tal-prodott jew tagħmlu ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni.
- (b) Iċ-ċertifikat tat-tip għandu jinkludi:
 1. id-disinn tat-tip;
 2. il-limitazzjonijiet operattivi;
 3. l-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa;
 4. l-iskeda tad-*data* taċ-ċertifikat tat-tip għall-ajrunavigabbiltà u, jekk applikabbli, ir-rekord tal-konformità tal-emissjonijiet tal-egżost tal-magna;

5. il-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u r-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali li magħhom l-Aġenzija tirreġistra l-konformità;
6. jekk applikabbli, l-iskeda tad-*data* taċ-ċertifikat tat-tip għall-ħoss; u
7. kwalunkwe kundizzjoni jew limitazzjoni oħra stipulata għall-prodott fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u r-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.

21L.B.48 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodotti li għalihom ikun inħareġ ċertifikat tat-tip

Jekk l-Aġenzija, permezz tas-sorveljanza kontinwa tal-ajrunavigabbiltà tagħha, inkluż permezz ta' rapporti li tirċievi f'konformità mal-punt 21L.A.3, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, tinduna b'nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21, jew toħroġ direttiva tal-ajrunavigabbiltà skont il-kundizzjonijiet tal-punt 21L.B.23.

21L.B.49 Trasferiment ta' ċertifikat tat-tip

- (a) Meta l-Aġenzija tirċievi applikazzjoni għall-verifika ta' jekk ċertifikat tat-tip jistax jiġi ttrasferit mid-detentur tagħha f'konformità mal-punt 21L.A.29 jew meta l-Aġenzija tqis talba għall-adozzjoni ta' ċertifikat tat-tip f'konformità mal-punt 21L.A.29, l-Aġenzija għandha tivverifika filwaqt li tikkorrispondi għall-punti 21L.B.42 u 21L.B.46 jekk ir-riċevitur tat-trasferiment ikunx eliġibbli sabiex ikun detentur taċ-ċertifikat tat-tip f'konformità mal-punt 21L.A.22 u li jkun jista' jwettaq l-obbligi ta' detentur taċ-ċertifikat tat-tip skont il-punt 21L.A.28.
- (b) Meta l-Aġenzija tikkonkludi li l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punt (a) huma ssodisfati mir-riċevitur tat-trasferiment, hija għandha tinforma lid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jew lill-persuna fiżika jew ġuridika li titlob li tadotta ċertifikat tat-tip li trasferiment taċ-ċertifikat tat-tip lil dik il-persuna fiżika jew ġuridika huwa aċċettat mill-Aġenzija.

21L.B.61 Speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati u rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għad-dikjarazzjonijiet tal-konformità tad-disinn tal-prodott

- (a) L-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 76(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139, għandha tistabbilixxi u tagħmel disponibbli l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jużaw sabiex juru l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament meta jiddikjaraw il-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti C tat-Taqsima A ta' dan l-Anness.
- (b) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati msemmijin fil-punt (a) għandhom jipprovdu standards tad-disinn li jirriflettu l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku u l-aħjar prattiki tad-disinn, u li jibnu fuq l-aħjar esperjenza disponibbli u l-progress xjentifiku u tekniku, u fuq l-aħjar evidenza u analiżi disponibbli tad-disinn tal-inġenji tal-ajru, għal inġenji tal-ajru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fil-punt 21L.A.41. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati jistgħu jinkludu jew jirreferu għal:
1. l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21.B.70 tal-Anness I (il-Parti 21) għall-ajrunavigabbiltà tad-disinn tal-inġenju tal-ajru;
 2. il-kundizzjonijiet speċjali li ġew stipulati mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21.B.75 tal-Anness I (il-Parti 21) jew il-punt 21L.B.44 għal inġenji tal-ajru oħrajn u li huma ta' natura ġenerali;
 3. l-istandards tekniċi dettaljati żviluppatti mill-istandardizzazzjoni u minn korpi oħrajn tal-industrija.
- (c) Għall-finijiet li tiġi żgurata l-kompatibbiltà ambjentali tad-disinn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tagħmel disponibbli r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li għandhom jintużaw bħala l-bażi għad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, li għandha tinkludi:
1. ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għall-kategoriji ta' prodotti rilevanti kif jinsabu fl-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, il-Volumi I sa III, f'livell ta' emenda msemmi fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139; għal dan l-għan, ir-referenzi għal dawn:
 - (i) id-data tal-applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip li jinsab f'dawk il-volumi għandha tinftiehem bħala referenzi għad-data li fiha d-dikjarant jagħmel id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn; u
 - (ii) ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni li jinsabu f'dawk il-volumi għandhom jinftiehem bħala rekwiżiti għad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn.
 2. [riżervat]

21L.B.62 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali

- (a) Malli tirċievi dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, l-Aġenzija għandha tivverifika li l-inġenju tal-ajru jkun fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-Subparti C tat-Taqsima A ta' dan l-Anness u li d-dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha speċifikata fil-punt 21L.A.43. L-Aġenzija għandha tirrikonoxxi l-wasla tad-dikjarazzjoni, inkluża l-assenjazzjoni ta' numru ta' referenza individwali tad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn lid-dikjarant għal dik il-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru.

- (b) L-Aġenzija għandha twettaq spezzjoni fiżika u valutazzjoni tal-ewwel oġġett ta' dak l-inġenju tal-ajru fil-konfigurazzjoni finali, filwaqt li tqis ir-rieżami tas-sikurezza mwettaq f'konformità mal-punt (a)(2) tal-punt 21L.B.242. Jekk l-Aġenzija ssib evidenza, fid-dikjarazzjoni jew permezz tal-ispezzjoni fiżika u permezz tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-ewwel sentenza, li tindika li l-inġenju tal-ajru jaf ma jkunx kapaċi jwettaq titjira sikura jew jista' jkun ambjentalment inkompatibbli matul l-operazzjonijiet fis-servizz, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21.

21L.B.63 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

L-Aġenzija għandha tirreġistra dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal inġenju tal-ajru dment li:

- (a) id-dikjarant ikun iddikjara l-konformità f'konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.A.43;
- (b) id-dikjarant ikun ipprova lill-Aġenzija d-dokumenti meħtieġa f'konformità mal-punt (c) tal-punt 21L.A.43;
- (c) id-dikjarant ikun impenja ruħu li se jitwettqu l-obbligi f'konformità mal-punt 21L.A.47;
- (d) ma jkun hemm l-ebda konstatazzjoni mhux solvuta mill-ispezzjoni fiżika u mill-valutazzjoni tal-ewwel oġġett tal-inġenju tal-ajru fil-konfigurazzjoni finali mwettqa f'konformità mal-punt (b) tal-punt 21L.B.62.

21L.B.64 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru li għalihom ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

Jekk l-Aġenzija, permezz tas-sorveljanza kontinwa tal-ajrunavigabbiltà tagħha, inkluż permezz ta' rapporti li tirċievi f'konformità mal-punt 21L.A.3, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, tinduna b'nuqqas ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21, jew toħroġ direttiva tal-ajrunavigabbiltà skont il-kundizzjonijiet tal-punt 21L.B.23.

21L.B.81 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

- (a) L-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip u tinnotifikaha lill-applikant.
- (b) Għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip u fiż-żoni affettwati mill-bidla, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għandha tikkonsisti fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni inkorporati b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip, ħlief jekk:
 - 1. l-Aġenzija ssib li l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni imsemmijin fiċ-ċertifikat tat-tip ma jipprovdux standards adegwati fir-rigward tal-bidla proposta, u għalhekk il-bidla u l-oqsma affettwati mill-bidla għandhom jikkonformaw ukoll ma' kull kundizzjoni speċjali oħra, u mal-emendi għal dawk il-kundizzjonijiet speċjali, stabbiliti mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.44, sabiex jinkiseb livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak stabbilit mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla;
 - 2. applikant jagħżel li jikkonforma ma' speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni stabbilita f'emenda li tkun applikabbli fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla.
- (c) L-Aġenzija għandha tiddeżinja r-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għall-bidla maġġuri fiċ-ċertifikat tat-tip f'konformità mal-punt 21.B.85 tal-Anness I (il-Parti 21) u tinnotifikahom lill-applikant.

21L.B.82 Investigazzjoni u ħruġ ta' approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip

- (a) Malli tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha tapprova l-bidla minuri meta:
 - 1. l-applikant ikun ipprovda *d-data* u l-ġustifikazzjonijiet ta' sostanzjar, u jkun wera u ddikjara l-konformità tal-bidla mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, jew mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni magħżulin f'konformità mal-punt 21L.A.67;
 - 2. l-Aġenzija, permezz tal-verifika tagħha tad-dimostrazzjoni tal-konformità, filwaqt li tqis il-karatteristiċi tad-disinn, il-kumplessità u l-kritikalità ġenerali tad-disinn jew tat-teknoloġija, kif ukoll l-esperjenza preċedenti tal-attivitajiet tad-disinn mal-applikant, ma tkunx sabet:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, jew mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni magħżulin;
 - (ii) xi partikolarità jew karatteristika tal-bidla li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni.
- (b) Approvazzjoni ta' bidla minuri f'ċertifikat tat-tip għandha tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li miegħu għandha x'taqsam il-bidla.

21L.B.83 Investigazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

Malli tirċievi applikazzjoni għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha:

- (a) twettaq rieżami tal-pjan inizjali ta' dimostrazzjoni tal-konformità u kwalunkwe aġġornament sussegwenti pprovdut mill-applikant sabiex tistabbilixxi l-kompletezza tal-pjan u l-adeqwatezza tal-mezzi u tal-metodi proposti sabiex tintwera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti u ddeżinjati f'konformità mal-punt 21L.B.81; jekk il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità ma jkunx komplut jew il-mezzi u l-metodi ma jkunux adattati sabiex tinkiseb dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija għandha tinforma lill-applikant u titlob emenda tiegħu;
- (b) meta tkun sodisfatta li l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità pprovdut ikun xieraq sabiex l-applikant ikun jista' juri l-konformità, tapprova l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità u tapprova wkoll kwalunkwe aġġornament sussegwenti tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (c) tiddetermina l-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità mhux identifikat tal-bidla maġġuri mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, u l-impatt potenzjali ta' dak in-nuqqas ta' konformità fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott, u tiddetermina fuq dik il-bażi jekk humiex neċessarji spezzjoni fiżika u valutazzjoni tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni mibdula finali sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-prodott mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, b'kont meħud tar-rieżami kritiku tad-disinn jekk jitwettaq f'konformità mal-punt (a)(3) tal-punt 21L.B.242; l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant qabel ma twettaq din l-ispezzjoni u l-valutazzjoni;
- (d) jekk matul l-istabbiliment tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, id-deżinjazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jew matul ir-rieżami tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija tiddetermina li d-disinn tal-bidla maġġuri fih kwalunkwe element li għalih nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jista' jkollu impatt avvers fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott mibdul, l-Aġenzija għandha tiddetermina liema investigazzjonijiet huma neċessarji minbarra dawk tal-punt (c) sabiex tivverifika d-dimostrazzjoni tal-konformità; l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant dwar dawk l-investigazzjonijiet addizzjonali u liema elementi tad-disinn ikunu soġġetti għal investigazzjoni.

21L.B.84 Ħruġ ta' approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip

- (a) L-Aġenzija għandha tapprova l-bidla maġġuri meta:
1. l-applikant ikun wera li l-bidla u l-partijiet affettwati mill-bidla jikkonformaw mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, kif stabbiliti u ddeżinjati mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.81;
 2. l-applikant ikun wera u ddikjara l-konformità f'konformità mal-punt (f) tal-punt 21L.A.66;
 3. l-Aġenzija, permezz tal-verifika tagħha tad-dimostrazzjoni tal-konformità, ma tkunx sabet:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
 - (ii) xi partikolarità jew karatteristika tal-bidla li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni.
- (b) Approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip għandha tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li miegħu għandha x'taqsam il-bidla.

21L.B.85 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' prodotti mibdulin li għalihom ikun inħareġ ċertifikat tat-tip

Jekk l-Aġenzija, permezz tas-sorveljanza kontinwa tal-ajrunavigabbiltà tagħha, inkluż permezz ta' rapporti li tirċievi f'konformità mal-punt 21L.A.3, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, tinduna b'nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali ta' prodott li għalih tkun ġiet approvata bidla fiċ-ċertifikat tat-tip, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21, jew toħroġ direttiva tal-ajrunavigabbiltà skont il-kundizzjonijiet tal-punt 21L.B.23.

21L.B.101 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għal ċertifikat tat-tip supplementari

- (a) L-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għal ċertifikat tat-tip supplementari u tinnotifikaha lill-applikant.
- (b) Għal bidliet maġġuri f'ċertifikat tat-tip fil-forma ta' ċertifikat tat-tip supplementari, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għall-oqsma affettwati mill-bidla għandha tkun dik li tkun inkorporata b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip, ħliet jekk:
 - 1. l-Aġenzija ssib li l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni imsemmijin fiċ-ċertifikat tat-tip ma jipprovdwx standards adegwati fir-rigward tal-bidla proposta, u għalhekk il-bidla u l-oqsma affettwati mill-bidla għandhom jikkonformaw ukoll ma' kull kundizzjoni speċjali oħra, u mal-emendi għal dawk il-kundizzjonijiet speċjali, stabbiliti mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.44, sabiex jinkiseb livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak stabbilit mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla;
 - 2. applikant jagħżel li jikkonforma ma' speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni stabbilita f'emenda li tkun applikabbli fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla.
- (c) L-Aġenzija għandha tiddeżinja r-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għal bidla maġġuri fiċ-ċertifikat tat-tip f'konformità mal-punt 21.A.85 tal-Anness I (il-Parti 21) u tinnotifikahom lill-applikant.

21L.B.102 Investigazzjoni

Malli tirċievi applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplementari skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha:

- (a) twestaq rieżami tal-pjan inizjali ta' dimostrazzjoni tal-konformità u kwalunkwe aġġornament sussegwenti pprovdut mill-applikant sabiex tistabbilixxi l-kompletezza tal-pjan u l-adegwatezza tal-mezzi u tal-metodi proposti sabiex tintwera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti u ddeżinjati f'konformità mal-punt 21L.B.101; jekk il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità ma jkunx komplut jew il-mezzi u l-metodi ma jkunux adattati sabiex tinkiseb dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija għandha tinforma lill-applikant u titlob emenda tiegħu;
- (b) meta tkun sodisfatta li l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità pprovdut ikun xieraq sabiex l-applikant ikun jista' juri l-konformità, tapprova l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (c) tiddetermina l-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità mhux identifikat tal-bidla maġġuri mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, u l-impatt potenzjali ta' dak in-nuqqas ta' konformità fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott, u tiddetermina fuq dik il-bażi jekk humiex neċessarji spezzjoni fiżika u valutazzjoni tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni mibdula finali sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-prodott mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, b'kont meħud tar-rieżami kritiku tad-disinn jekk jitwettaq

f'konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.B.242; l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant qabel ma twettaq din l-ispezzjoni u l-valutazzjoni;

- (d) jekk matul l-istabbiliment tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, id-deżinjazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jew matul ir-rieżami tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija tiddetermina li l-bidla maġġuri tad-disinn fiha kwalunkwe element li għalih nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jista' jkollu impatt avvers fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott mibdul, l-Aġenzija għandha tiddetermina liema investigazzjonijiet huma neċessarji minbarra dawk tal-punt (c) sabiex tivverifika d-dimostrazzjoni tal-konformità; l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant dwar dawk l-investigazzjonijiet addizzjonali u liema elementi tad-disinn ikunu soġġetti għal din l-investigazzjoni.

21L.B.103 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip supplementari

- (a) Malli tirċievi applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplementari skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha toħroġ ċertifikat tat-tip supplementari meta:
1. l-applikant ikun wera li l-bidla u l-partijiet affettwati mill-bidla jikkonformaw mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, kif stabbiliti u ddeżinjati mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.101;
 2. l-applikant ikun wera u ddikjara l-konformità f'konformità mal-punt (f) tal-punt 21L.A.85;
 3. sid id-*data* taċ-ċertifikat tat-tip, jekk l-applikant ikun speċifika f'konformità mal-punt (b)(2) ta' 21L.A.84 li d-*data* taċ-ċertifikazzjoni tkun ġiet ipprovduta fuq il-bażi ta' arranġament ma' sid id-*data* taċ-ċertifikat tat-tip:
 - (i) ma jkollu l-ebda oġġezzjoni teknika għall-informazzjoni sottomessa skont il-punt (a)(2) tal-punt 21L.B.103; u
 - (ii) ikun qabel li jikkollabora mad-detentur tal-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija sabiex iwettaq l-obbligi kollha għall-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott bid-disinn tat-tiswija permezz tal-konformità mal-punt 21L.A.88;
 4. l-Aġenzija, permezz tal-verifika tagħha tad-dimostrazzjoni tal-konformità, ma tkunx sabet:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
 - (ii) xi partikolarità jew karatteristika tal-bidla li tista' tagħmel il-prodott mibdul mhux sikur jew ambjentalment inkompatibbli għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni.
- (b) Ċertifikat tat-tip supplementari għandu jkun limitat għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li miegħu jkollha x'taqsam il-bidla maġġuri.

21L.B.104 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodotti li għalihom ikun inħareġ ċertifikat tat-tip supplementari

Jekk l-Aġenzija, permezz tas-sorveljanza kontinwa tal-ajrunavigabbiltà tagħha, inkluż permezz ta' rapporti li tirċievi f'konformità mal-punt 21L.A.3, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, tinduna b'nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali ta' prodott li għalih ikun inħareġ ċertifikat tat-tip supplementari, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21, jew toħroġ direttiva tal-ajrunavigabbiltà skont il-kundizzjonijiet tal-punt 21L.B.23.

SUBPARTI F — BIDLIET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET
IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.B.121 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn ta' bidla maġġuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

- (a) Malli tirċievi dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidla maġġuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, l-Aġenzija għandha tivverifika li l-bidla tkun fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 21L.A.101 u li d-dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha speċifikata fil-punt 21L.A.107. L-Aġenzija għandha tirrikonoxxi l-wasla tad-dikjarazzjoni, inkluża l-assenjazzjoni ta' numru ta' referenza individwali tad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn lid-dikjarant.
- (b) L-Aġenzija għandha tivvaluta, fuq il-bażi tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità li jwassal għal disinn li ma jkunx kapaċi joffri titjira sikura jew li ma jkunx ambjentalment kompatibbli, jekk tkunx meħtieġa spezzjoni fiżika u valutazzjoni tal-prodott mibdul, u sussegwentement tinforma lid-dikjarant jekk dak ikun il-każ. Din il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis:
1. il-kumplessità tal-bidla maġġuri u l-effett ġenerali fuq l-istrutturi, fuq il-karatteristiċi tat-titjira u fuq is-sistemi tal-inġenji tal-ajru;
 2. esperjenza preċedenti fi spezzjonijiet fiżiċi ta' inġenji tal-ajru u ta' bidliet maġġuri li ġew iddisinjati mid-dikjarant;
 3. it-tweġiba mid-dikjarant għal kwalunkwe konstatazzjoni preċedenti li tkun tqajmet għal nuqqasijiet ta' konformità għall-inġenju tal-ajru speċifiku jew għal inġenju tal-ajru simili ddisinjat mid-dikjarant li kien ukoll soġġett għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn.
- (c) Jekk l-Aġenzija ssib evidenza, fid-dikjarazzjoni, jew permezz tal-ispezzjoni fiżika u permezz tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-punt (b) tal-punt 21L.B.121, li tindika li l-inġenju tal-ajru mibdul jaf ma jkunx kapaċi jwettaq titjira sikura jew jista' jkun ambjentalment inkompatibbli matul l-operazzjonijiet fis-servizz, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21.

21L.B.122 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidla maġġuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru

- (a) L-Aġenzija għandha tirreġistra dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal bidla maġġuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, dment li:
1. id-dikjarant ikun iddikjara l-konformità f'konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.A.107;
 2. id-dikjarant ikun ipprovda lill-Aġenzija d-dokumenti meħtieġa f'konformità mal-punt (d) tal-punt 21L.A.107;
 3. id-dikjarant ikun impenja ruħu li l-obbligi f'konformità mal-punt 21L.A.47 se jitwettqu wkoll fir-rigward tad-disinn mibdul tal-inġenju tal-ajru;
 4. ma hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta mill-ispezzjoni fiżika, jekk titwettaq f'konformità mal-punt (b) tal-punt 21L.B.121.

- (b) L-Aġenzija għandha tirreġistra biss dikjarazzjoni ta' bidla maġġuri fid-disinn ta' inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn jekk din tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fid-dikjarazzjoni rreġistrata tal-konformità tad-disinn li magħha tkun relatata l-bidla.

21L.B.123 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' inġenju tal-ajru mibdul li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

Jekk l-Aġenzija, permezz tas-sorveljanza kontinwa tal-ajrunavigabbiltà tagħha, inkluż permezz ta' rapporti li tirċievi f'konformità mal-punt 21L.A.3, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, tinduna b'nuqqas ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali ta' bidla li għaliha tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, l-Aġenzija għandha taġixxi f'konformità mal-punt 21L.B.64.

SUBPARTI G – ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUZZJONI DDIKJARATI
(riżervat)

SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-
AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI
(riżervat)

SUBPARTI I — ĊERTIFIKATI TAL-ISTORBJU
(riżervat)

SUBPARTI J — ORGANIZZAZZJONIJIET TAD-DISINN IDDIKJARATI

21L.B.181 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali

- (a) Malli tirċievi dikjarazzjoni minn organizzazzjoni li tiddikjara l-kapaċità tad-disinn tagħha, l-Aġenzija għandha tivverifika li:
1. id-dikjarant ikun eliġibbli li jiddikjara l-kapaċità tad-disinn tiegħu f'konformità mal-punt 21L.A.172;
 2. id-dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha speċifikata fil-punt (c) tal-punt 21L.A.173; u
 3. id-dikjarazzjoni ma jkunx fiha informazzjoni li tindika nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tas-Subparti J tat-Taqsima A ta' dan l-Anness.
- (b) L-Aġenzija għandha tirrikonoxxi l-wasla tad-dikjarazzjoni, inkluża l-assenjazzjoni ta' numru ta' referenza individwali tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata lid-dikjarant.

21L.B.182 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn

L-Aġenzija għandha tirreġistra d-dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn fuq bażi ta' *data* xierqa, inkluż l-ambitu ddikjarat tax-xogħol, dment li:

- (a) id-dikjarant ikun wera l-kapaċità tiegħu f'konformità mal-punt 21L.A.173;
- (b) id-dikjarant impenja ruħu li se jitwettqu l-obbligi f'konformità mal-punt 21L.A.177;
- (c) ma jkun hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta f'konformità mal-punt 21L.B.181.

21L.B.183 Sorveljanza

- (a) L-Aġenzija għandha tissorvelja l-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata sabiex tivverifika l-konformità kontinwa tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima A.
- (b) Is-sorveljanza għandha tinkludi rieżami kritiku tad-disinn jew spezzjoni fiżika tal-prodott, u spezzjoni tal-ewwel oġġett ta' kull disinn ġdid tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata.

21L.B.184 Programm ta' sorveljanza

- (a) L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm programm ta' sorveljanza sabiex tiżgura l-konformità mal-punt 21L.B.183. Il-programm ta' sorveljanza għandu jqis in-natura speċifika tal-organizzazzjoni, il-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u r-riżultati ta'

attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u/jew ta' sorveljanza li saru fil-passat, u għandu jkun ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskji assoċjati. F'kull ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza, dan għandu jinkludi:

1. valutazzjonijiet, awditi u spezzjonijiet, inklużi, kif xieraq:
 - (i) valutazzjonijiet tas-sistemi ta' ġestjoni u awditi tal-proċessi;
 - (ii) l-awditi tal-prodotti ta' kampjun rilevanti tad-disinn u taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, u tal-partijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tal-organizzazzjoni;
 - (iii) kampjunar tax-xogħol imwettaq;
 - (iv) spezzjonijiet mingħajr avviż;
 2. laqgħat imsejħin bejn il-kap tal-organizzazzjoni tad-disinn u l-Aġenzija sabiex ikun żgurat li t-tnejn jibqgħu informati dwar kwalunkwe kwistjoni sinifikanti.
- (b) Il-programm ta' sorveljanza għandu jinkludi rekords tad-dati meta jmisshom isiru l-valutazzjonijiet, l-awditi, l-ispezzjonijiet u l-laqgħat, u d-dati meta dawn il-valutazzjonijiet, awditi, spezzjonijiet u laqgħat ikunu saru.
- (c) Għandu jiġi applikat ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza li ma jaqbiżx l-24 xahar.
- (d) Minkejja l-punt (c), iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jiġi estiż sa 36 xahar, jekk l-Aġenzija tkun stabbiliet li matul l-24 xahar ta' qabel:
1. l-organizzazzjoni tkun uriet li tista' tidentifika b'mod effettiv il-perikli għas-sikurezza tal-avjazzjoni u timmaniġġja r-riskji assoċjati;
 2. l-organizzazzjoni tkun uriet kontinwament konformità mal-punt 21L.A.178 u jkollha kontroll sħiħ fuq il-bidliet kollha fis-sistema ta' ġestjoni tad-disinn;
 3. ma tkun inħarġet l-ebda konstatazzjoni tal-livell 1;
 4. l-azzjonijiet korrettivi kollha ġew implimentati fi ħdan il-perjodu ta' żmien li kien aċċettat jew estiż mill-Aġenzija kif definit fil-punt 21L.B.21.
- (e) Minkejja l-punt (c), iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jkompli jiġi estiż għal massimu ta' 48 xahar jekk, minbarra l-kundizzjonijiet previsti fil-punt (d), l-organizzazzjoni tkun stabbiliet, u l-Aġenzija tkun approvat, sistema kontinwa effettiva għar-rapportar lill-Aġenzija dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza u l-konformità regolatorja tal-organizzazzjoni nnifisha.
- (f) Iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jitqassar jekk ikun hemm evidenza li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-organizzazzjoni tkun naqset.
- (g) Mat-tlestija ta' kull ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza, l-Aġenzija għandha toħroġ rapport ta' rakkomandazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imwettqin mill-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tagħha tal-kapaċità tad-disinn, li jirrifletti r-riżultati tas-sorveljanza.

21L.B.185 Attivitajiet ta' sorveljanza

- (a) Meta l-Aġenzija tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata f'konformità mal-punt 21L.B.183 u mal-programm ta' sorveljanza stabbilit f'konformità mal-punt 21L.B.184, hija għandha:
1. tipprovdli lill-persunal responsabbli għas-sorveljanza bi gwida sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu;

2. twettaq valutazzjonijiet, awditi, spezzjonijiet u, jekk ikunu meħtieġa, spezzjonijiet mingħajr avviż;
 3. tiġbor l-evidenza meħtieġa f'każ li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri, inklużi l-miżuri previsti fil-punti 21L.B.21 u 21L.B.22;
 4. tinforma lill-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza.
- (b) L-Aġenzija għandha tiġbor u tipproċessa kwalunkwe informazzjoni meqjusa neċessarja għat-twettiq tal-attivitajiet ta' sorveljanza.
- (c) Jekk l-Aġenzija ssib nuqqas ta' konformità tal-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima A, ma' proċedura jew ma' manwal meħtieġ mit-Taqsima A, jew mad-dikjarazzjoni sottomessa, l-Aġenzija għandha taġixxi f'konformità mal-punti 21L.B.21 u 21L.B.22.

21L.B.186 Bidliet fid-dikjarazzjonijiet

- (a) Malli tirċievi notifika ta' bidliet f'konformità mal-punt 21L.A.178, l-Aġenzija għandha tivverifika l-kompletezza tan-notifika f'konformità mal-punt 21L.B.181.
- (b) L-Aġenzija għandha taġġorna l-programm ta' sorveljanza tagħha stabbilit skont il-punt 21L.B.184 u tinvestiga jekk huwiex neċessarju li tiġi stabbilita kwalunkwe kundizzjoni li fiha tista' topera l-organizzazzjoni matul il-bidla.
- (c) Meta l-bidla taffettwa xi aspett tad-dikjarazzjoni li tkun irreġistrata f'konformità mal-punt 21L.B.182, l-Aġenzija għandha taġġorna r-reġistru.
- (d) Mat-tlestija tal-attivitajiet meħtieġa mill-punti (a) sa (c), l-Aġenzija għandha tirrikonoxxi l-wasla tan-notifika lill-organizzazzjoni tad-disinn iddikjarata.

SUBPARTI K — PARTIJIET

(Riżervat)

21L.B.201 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali għal approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija

L-Aġenzija għandha tiddeżinja kwalunkwe emenda fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u fir-rekwiżiti ambjentali applikabbli inkorporata b'referenza, kif applikabbli, fiċ-ċertifikat tat-tip jew fiċ-ċertifikat tat-tip supplementari, li l-Aġenzija tqis li tkun neċessarja sabiex jinżamm livell ta' sikurezza u ta' kompatibbiltà ambjentali daqs dak stabbilit qabel u tinnotifikaha lill-applikant għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija.

21L.B.202 Investigazzjoni u ħruġ ta' approvazzjoni għal disinn tat-tiswija minuri

- (a) Malli tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija minuri għal prodott iċċertifikat skont it-tip skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha tapprova d-disinn tat-tiswija minuri meta:
1. l-applikant ikun ipprova d-*data* u l-ġustifikazzjonijiet ta' sostanzjar, u jkun wera u ddikjara l-konformità tad-disinn tat-tiswija mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'konformità mal-punt 21L.B.201;
 2. l-Aġenzija, permezz tal-verifika tagħha tad-dimostrazzjoni tal-konformità, filwaqt li tqis il-karatteristiċi tad-disinn tad-disinn tat-tiswija, il-kumplessità u l-kritikalità ġenerali tad-disinn tat-tiswija, kif ukoll l-esperjenza preċedenti tal-attivitajiet tad-disinn mal-applikant, ma tkunx sabet:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;
 - (ii) kwalunkwe partikolarità jew karatteristika tad-disinn tat-tiswija li tista' tagħmel il-prodott bid-disinn tat-tiswija mhux sikur għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni.
- (b) Approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija minuri għandha tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li miegħu għandu x'jaqsam id-disinn tat-tiswija.

21L.B.203 Investigazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri

Malli tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha:

- (a) twettaq rieżami tal-pjan inizjali ta' dimostrazzjoni tal-konformità u kwalunkwe aġġornament sussegwenti pprovdut mill-applikant sabiex tistabbilixxi l-kompletezza tal-pjan u l-adegwatezza tal-mezzi u tal-metodi proposti sabiex tintwera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti u ddeżinjati f'konformità mal-punt 21L.B.201; jekk il-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità ma jkunx komplut jew il-mezzi u l-metodi ma jkunux adattati sabiex tinkiseb dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija għandha tinforma lill-applikant u titlob emenda tiegħu;

- (b) meta tkun sodisfatta li l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità pprovdut ikun xieraq sabiex l-applikant ikun jista' juri l-konformità, tapprova l-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità;
- (c) tiddetermina l-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità mhux identifikat tad-disinn tat-tiswija maġġuri mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, u l-impatt potenzjali ta' dak in-nuqqas ta' konformità fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott, u tiddetermina fuq dik il-bażi jekk humiex neċessarji spezzjoni fiżika u valutazzjoni tal-ewwel oġġett ta' dak il-prodott fil-konfigurazzjoni finali bid-disinn tat-tiswija sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-prodott mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli; l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant qabel ma twettaq din l-ispezzjoni u l-valutazzjoni;
- (d) matul ir-rieżami tal-pjan ta' dimostrazzjoni tal-konformità, l-Aġenzija tiddetermina li d-disinn tat-tiswija maġġuri fih kwalunkwe element li għalih nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali jista' jkollu impatt avvers fuq is-sikurezza jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott mibdul, l-Aġenzija għandha tiddetermina liema investigazzjonijiet huma neċessarji minbarra dawk tal-punt (c) sabiex tivverifika d-dimostrazzjoni tal-konformità; l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant dwar dawk l-investigazzjonijiet addizzjonali u liema elementi tad-disinn ikunu soġġetti għal investigazzjoni.

21L.B.204 Ħruġ ta' approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri

- (a) Malli tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal prodott iċċertifikat skont it-tip skont dan l-Anness, l-Aġenzija għandha tapprova d-disinn tat-tiswija maġġuri meta:
 1. l-applikant ikun wera li d-disinn tat-tiswija u l-partijiet affettwati mid-disinn tat-tiswija jikkonformaw mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, kif stabbiliti mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21L.B.201; u
 2. l-applikant ikun wera u ddikjara l-konformità f'konformità mal-punt 21L.A.208;
 3. sid id-*data* taċ-ċertifikat tat-tip, jekk l-applikant ikun speċifika f'konformità mal-punt 21L.A.205(b)(5) li huwa pprova d-*data* taċ-ċertifikazzjoni fuq il-bażi ta' arranġament ma' sid id-*data* taċ-ċertifikat tat-tip:
 - (i) ma jkollu l-ebda oġġezzjoni teknika għall-informazzjoni sottomessa skont il-punt (a)(2) tal-punt 21L.B.204; u
 - (ii) ikun qabel li jikkollabora mad-detentur tal-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija sabiex iwettaq l-obbligi kollha għall-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott bid-disinn tat-tiswija permezz tal-konformità mal-punt 21L.A.210;
 4. l-Aġenzija, permezz tal-verifika tagħha tad-dimostrazzjoni tal-konformità, ma tkunx sabet:
 - (i) xi nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;

- (ii) kwalunkwe partikolarità jew karatteristika tal-bidla li tista' tagħmel il-prodott bid-disinn tat-tiswija mhux sikur għall-użi li għalihom tintalab iċ-ċertifikazzjoni.
- (b) Approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għandha tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fiċ-ċertifikat tat-tip li miegħu għandu x'jaqsam id-disinn tat-tiswija.

21L.B.205 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' prodotti li għalihom ġie approvat disinn tat-tiswija

Jekk l-Aġenzija, permezz tas-sorveljanza kontinwa tal-ajrunavigabbiltà tagħha, inkluż permezz ta' rapporti li tirċievi f'konformità mal-punt 21L.A.3, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, tinduna b'nuqqas ta' konformità ta' prodott, li għalih ġie approvat disinn tat-tiswija, mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21, jew toħroġ direttiva tal-ajrunavigabbiltà skont il-kundizzjonijiet tal-punt 21L.B.23.

21L.B.206 Ħsara mhux imsewwija

L-Aġenzija għandha twettaq evalwazzjoni tal-konsegwenzi fuq l-ajrunavigabbiltà, meta tintalab tagħmel dan skont il-punt 21L.A.211, f'każ li prodott bil-ħsara jitħalla mhux imsewwi u ma jkunx kopert minn *data* approvata qabel. L-Aġenzija għandha tistabilixxi kwalunkwe limitazzjoni neċessarja sabiex tiżgura titjira sikura bil-prodott bil-ħsara.

SUBPARTI N — DISINN TA' TISWIJET FL-INĠENJI TAL-AJRU LI GĦALIHOM ĠIET
IDDIKJARATA L-KONFORMITÀ TAD-DISINN

21L.B.221 Investigazzjoni ta' sorveljanza inizjali ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

- (a) Malli tirċievi dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn għal disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, l-Aġenzija għandha tivverifika li d-disinn tat-tiswija ikun fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 21L.A.221 u li d-dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha speċifikata fil-punt 21L.A.226. L-Aġenzija għandha tirrikonoxxi l-wasla tad-dikjarazzjoni, inkluża l-assenjazzjoni ta' numru ta' referenza individwali tad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn lid-dikjarant.
- (b) L-Aġenzija għandha tivvaluta, fuq il-bażi tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità li jwassal għal disinn li ma jkunx kapaċi joffri titjira sikura jew li ma jkunx ambjentalment kompatibbli, jekk tkunx meħtieġa spezzjoni fiżika u valutazzjoni tal-inġenju tal-ajru bid-disinn tat-tiswija maġġuri, u sussegwentement tinforma lid-dikjarant jekk dak ikun il-każ. Din il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis:
1. il-kumplessità tad-disinn tat-tiswija maġġuri u l-effett ġenerali fuq l-istrutturi, fuq il-karatteristiċi tat-titjira u fuq is-sistemi tal-inġenji tal-ajru;
 2. esperjenza preċedenti fi spezzjonijiet fiżiċi ta' inġenji tal-ajru u ta' disinni tat-tiswija u ta' bidliet maġġuri li ġew iddisinjati mid-dikjarant;
 3. it-tweġiba mid-dikjarant għal kwalunkwe konstatazzjoni preċedenti li tkun tqajmet għal nuqqasijiet ta' konformità tal-inġenju tal-ajru speċifiku jew ta' inġenju tal-ajru simili ddisinjat mid-dikjarant li kien ukoll soġġett għal dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn.
- (c) Jekk l-Aġenzija ssib evidenza fid-dikjarazzjoni, jew permezz tal-ispezzjoni fiżika u permezz tal-valutazzjoni jekk imwettqa f'konformità mal-punt (b) tal-punt 21L.B.221, filwaqt li tindika li l-inġenju tal-ajru bid-disinn tat-tiswija maġġuri jaf ma jkunx kapaċi jwettaq titjira sikura jew jista' jkun ambjentalment inkompatibbli matul l-operazzjonijiet fis-servizz, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21.

21L.B.222 Reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

- (a) L-Aġenzija għandha tirreġistra dikjarazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn dment li:
1. id-dikjarant ikun iddikjara l-konformità f'konformità mal-punt (a) tal-punt 21L.A.226;
 2. id-dikjarant ikun ipprovda lill-Aġenzija d-dokumenti meħtieġa f'konformità mal-punt (d) tal-punt 21L.A.226;
 3. id-dikjarant impenja ruħu li se jitwettqu l-obbligi f'konformità mal-punt 21L.A.228;
 4. ma hemm l-ebda kwistjoni mhux solvuta mill-ispezzjoni fiżika, jekk titwettaq f'konformità mal-punt (b) tal-punt 21L.B.221.

- (b) L-Aġenzija għandha tirreġistra biss dikjarazzjoni ta' disinn tat-tiswija maġġuri għal inġenju tal-ajru li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn jekk tkun limitata għall-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fid-dikjarazzjoni reġistrata tal-konformità tad-disinn li magħha jkun relatat id-disinn tat-tiswija maġġuri.

21L.B.223 Sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' disinn tat-tiswija li għalih ġiet iddikjarata konformità tad-disinn

Jekk l-Aġenzija, permezz tas-sorveljanza tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tagħha, inkluż permezz ta' rapporti li tirċievi f'konformità mal-punt 21L.A.3, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, tidentifika nuqqas ta' konformità ta' disinn tat-tiswija, li għalih tkun ġiet iddikjarata l-konformità tad-disinn, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati applikabbli jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, l-Aġenzija għandha tqajjem konstatazzjoni f'konformità mal-punt 21L.B.21, jew toħroġ direttiva tal-ajrunavigabbiltà skont il-kundizzjonijiet tal-punt 21L.B.23.

SUBPARTI O — AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ORDNI TA' STANDARD TEKNIKU
EWROPEW

(Riżervat)

SUBPARTI P – PERMESS GĦAT-TITJIR

(riżervat)

SUBPARTI Q — IDENTIFIKAZZJONI TA' PRODOTTI U TA' PARTIJET

SUBPARTI R - DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ GĦALL-INĠENJI TAL-AJRU U ĊERTIFIKATI TAR-RILAXX AWTORIZZAT (IL-FORMOLA 1 TAL-EASA) GĦAL MAGNI U GĦAL SKREJJEN, U GĦAL PARTIJET TAGĦHOM, LI JIKKONFORMAW MA' DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAD-DISINN

FORMOLI TAL-EASA

Meta l-Formoli ta' dan l-Anness jinħarġu f'lingwa għajr l-Ingliż, huma għandhom ikunu jinkludu traduzzjoni bl-Ingliż.

Il-Formoli tal-EASA (“Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea”) imsemmin fl-appendiċijiet għal din il-Parti għandu jkollhom il-karatteristiċi obligatorji li ġejjin. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Formoli tal-EASA li joħorġuhuma stess ikunu rikonoxxibli sew u għandhom ikunu responsabbli għall-istampar ta' dawk il-Formoli.

Appendiċi I	Formola 24B tal-EASA Ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett
Appendiċi II	Formola 45B tal-EASA Ċertifikat tal-ħoss ristrett
Appendiċi III tal-ajru	Formola 52B tal-EASA Dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju
Appendiċi IV	Formola 53B tal-EASA Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz

Logo tal-awtorità kompetenti

**ĊERTIFIKAT TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETT
(IDDIKJARAT)**

4	[Stat Membru ta' reġistrazzjoni] [L-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU]	4
1. Nazzjonalità u marki tar-reġistrazzjoni	2. Manifattur u deżinjazzjoni mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru	3. Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru
4. Kategoriji		
<p>5. Dan iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett jinħareġ skont l-Artikolu 18(2)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-inġenji tal-ajru msemmijin hawn fuq li jitqiesu li huma ajrunavigabbli meta jiġu mantnuti u operati f'konformità ma' kif spjegat aktar 'il fuq u mal-limitazzjonijiet operattivi pertinenti.</p> <p>Minbarra dawn ta' hawn fuq, tapplika wkoll ir-restrizzjoni li ġejja:</p> <p>Dan iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett jinħareġ abbażi ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn magħmula f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 748/2012 u huwa validu u rikonoxxut fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr aktar rekwiżiti jew evalwazzjoni. Dan iċ-ċertifikat ma jikkonformax mal-Istandards applikabbli kollha tal-Anness 8 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u, għalhekk, jista' ma jkunx validu għan-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru fuq Stati Membri mhux tal-UE, sakemm ma jkunx approvat mill-Istat(i) li fuqhom ikun qed jittajjar.</p>		
Data tal-ħruġ:	Firma:	
<p>6. Dan iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett huwa validu sakemm ma jiġix irrevokat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.</p> <p>Ma' dan iċ-ċertifikat għandu jiġi meħmuż ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà attwali.</p>		

Formola 24B tal-EASA — Il-Ħarġa 1

Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm abbord matul it-titjiriet kollha.

⁴ ² Għall-użu mill-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.

Appendiċi II — Ċertifikat tal-ħoss ristrett — Formola 45B tal-EASA

Għall-użu mill-Istat Membru ta' reġistrazzjoni	1. Stat Membru ta' reġistrazzjoni	3. Nru tad-Dokument:
2. ĊERTIFIKAT TAL-ĦOSS RISTRETT (IDDIKJARAT)		
4. Marki tar-reġistrazzjoni: 	5. Manifattur u deżinjazzjoni tal-inġenju tal-ajru: 	6. Nru tas-serje tal-inġenju tal-ajru:
7. Deżinjazzjoni tal-magna: 		8. Deżinjazzjoni tal-iskrun:
9. Massa ta' tluq massima (kg) 		
10. Modifiki addizzjonali inkorporati għall-għan ta' konformità mal-istandards applikabbli ta' ċertifikazzjoni tal-ħoss: 		
11. Standard taċ-ċertifikazzjoni tal-ħoss: 	12. Livell tal-ħoss mat-tluq: 	
Kummenti		
13. Dan iċ-ċertifikat tal-ħoss ristrett jinħareġ skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1139, fir-rigward tal-inġenji tal-ajru msemmijin hawn fuq, li jiġi ddikjarat mid-dikjarant ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn f'konformità mal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 li jikkonforma mal-istandard tal-ħoss indikat meta jkun mantnut u jitħaddem f'konformità mar-rekwiżiti u mal-limitazzjonijiet operattivi rilevanti.		
14. Data tal-ħruġ		15. Firma
.....		

Formola 45B tal-EASA — Il-Ħarġa 1

DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAL-INĠENJU TAL-AJRU		
1. Stat tal-manifattura	2. [STAT MEMBRU] Membru tal-Unjoni Ewropea	3. Nru ta' Ref. tad-Dikjarazzjoni:
4. Organizzazzjoni		
5. Tip ta' inġenju tal-ajru		6. Ref. taċ-ċertifikat tat-tip/tad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn:
7. Reġistrazzjoni jew marka tal-inġenju tal-ajru		8. Nru ta' identifikazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni
9. Dettalji tal-magna/tal-iskrun ⁵		
10. Modifiki u/jew bullettini tas-servizz ¹		
11. Direttivi tal-ajrunavigabbiltà		
12. Konċessjonijiet		
13. Eżenzjonijiet, rinunzji jew derogi ¹		
14. Kummenti		
15. Ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà/ristrett		
16. Rekwiżiti addizzjonali		
17. Dikjarazzjoni tal-konformità Huwa b'dan iċċertifikat li dan l-inġenju tal-ajru jikkonforma bis-sħiħ mad-: <input type="checkbox"/> disinn iċċertifikat skont it-tip; jew <input type="checkbox"/> <i>data</i> tad-disinn iddikjarata u mal-punti ta' hawn fuq fil-kaxxi 9, 10, 11, 12 u 13. L-inġenju tal-ajru jinsab f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu. L-inġenju tal-ajru ġie ttestjat waqt titjira u ta rizezzjoni sodisfaċenti.		
18. Iffirmat	19. Isem	20. Data (j/x/s)
21. Referenza tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni ddikjarata jew approvata (jekk applikabbli)		

Formola 52B tal-EASA — Il-Ħarġa 1

⁵ Ħassar skont kif japplika.

Struzzjonijiet għall-użu tad-“Dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru — il-Formola 52B tal-EASA”

1. L-GĦAN U L-KAMP TA’ APPLIKAZZJONI

1.1. L-għan tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-inġenju tal-ajru (il-Formola 52B tal-EASA) maħruġa skont is-Subparti G jew is-Subparti R tat-Taqsima A tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) jew skont is-Subparti G tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21) huwa li l-organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun tista’ tapplika għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali tal-inġenju tal-ajru jew għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ reġistrazzjoni.

2. ĠENERALI

2.1. Id-dikjarazzjoni tal-konformità trid tikkonforma mal-format tal-mudell, inklużi n-numri tal-kaxxi u l-pożizzjoni ta’ kull kaxxa. Madankollu, id-daqs ta’ kull kaxxa jista’ jiġi aġġustat skont il-ħtieġa tal-applikazzjoni individwali, iżda mhux tant li d-dikjarazzjoni tal-konformità ma tibqax tintgħaraf. F’każ ta’ dubju, staqsi lill-awtorità kompetenti.

2.2. Id-dikjarazzjoni tal-konformità trid tkun jew stampata minn qabel jew magħmula permezz ta’ kompjuter, iżda fi kwalunkwe każ, l-istampar tal-linji u tal-karattri jrid ikun ċar u leġġibbli. Il-kliem tad-dikjarazzjoni tal-konformità stampata minn qabel jista’ jsir f’konformità mal-mudell meħmuż, iżda ma tista’ ssir ebda dikjarazzjoni oħra ta’ ċertifikazzjoni.

2.3. Il-mili tad-dikjarazzjoni jista’ jsir jew stampat bil-magna/bil-kompjuter jew bl-idejn, bl-użu ta’ ittri kbar sabiex jippermetti qari faċli. Bħala lingwa jista’ jintuża l-Ingliż, u fejn ikun rilevanti, tista’/jistgħu tintuża/jintużaw il-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru li joħroġ il-formola.

2.4. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata għandha żżomm kopja tad-dikjarazzjoni u tad-dokumenti annessi kollha.

3. IL-MILI TAD-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MILL-ENTITÀ LI TOĦROĠHA

3.1. Sabiex id-dokument ikun dikjarazzjoni valida, jenħtieġ li jimtlew il-kaxxi kollha.

3.2. Ma tista’ tinħareġ l-ebda dikjarazzjoni tal-konformità lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ reġistrazzjoni, qabel ma jiġu approvati d-disinn tal-inġenju tal-ajru u l-prodotti installati fuqu jew id-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tiġi rreġistrata mal-Aġenzija.

3.3. L-informazzjoni meħtieġa fil-kaxxi 9, 10, 11, 12, 13 u 14 tista’ tiġi indikata permezz ta’ referenza għal dokumenti identifikati separati oħrajn, li huma arkivjati mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni, sakemm l-awtorità kompetenti ma tiftehimx mod ieħor.

3.4. Din id-dikjarazzjoni tal-konformità ma hijiex maħsuba sabiex tinkludi dawk l-elementi ta' tagħmir li jistgħu jkunu meħtieġa li jiġu installati sabiex jiġu ssodisfati r-regoli operattivi applikabbli. Madankollu, xi wħud minn dawn l-elementi individwali jistgħu jitniżżlu fil-kaxxa 10 jew fid-disinn tat-tip approvat jew fid-disinn tal-inġenju tal-ajru ddikjarat. Għaldaqstant, l-operaturi għandhom jiġu mfakkrin li huma responsabbli li jiżguraw il-konformità mar-regoli operattivi applikabbli għall-operazzjonijiet partikolari li jwettqu.

Kaxxa 1 Indika l-isem tal-Istat tal-manifattura.

Kaxxa 2 L-awtorità kompetenti li toħroġ id-dikjarazzjoni tal-konformità taħt l-awtorità tagħha.

Kaxxa 3 F'din il-kaxxa għandu jiġi stampat minn qabel numru tas-serje uniku, għal skopijiet ta' kontroll u ta' traċċabbiltà tad-Dikjarazzjoni. Il-każ ta' dokument iġġenerat mill-kompjuter huwa eċċezzjoni: in-numru ma għandux għalfejn jiġi stampat minn qabel meta l-kompjuter ikun iprogrammat sabiex jiproduci u jistampa numru uniku.

Kaxxa 4 L-isem sħiħ u l-indirizz tal-post tal-organizzazzjoni li toħroġ id-dikjarazzjoni. Din il-kaxxa tista' tiġi stampata minn qabel. Logos, eċċ. huma permessi jekk il-logo, eċċ. ikun jista' joqgħod fil-kaxxa.

Kaxxa 5 It-tip ta' inġenju tal-ajru sħiħ kif iddefinit fiċ-ċertifikat tat-tip u fl-iskeda tad-*data* assoċjata tiegħu jew fid-disinn tal-inġenju tal-ajru ddikjarat kif irreġistrat mill-Aġenzija

Kaxxa 6 In-numri ta' referenza taċ-ċertifikat tat-tip u l-ħarġa għall-inġenju tal-ajru inkwistjoni jew in-numru ta' reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn

Kaxxa 7 Jekk l-inġenju tal-ajru jkun irreġistrat, din il-marka tkun dik tar-reġistrazzjoni. Jekk l-inġenju tal-ajru ma jkunx irreġistrat, din il-marka għandha tkun dik li ġiet aċċettata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, u jekk applikabbli, mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz.

Kaxxa 8 In-numru ta' identifikazzjoni assenjat mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni għall-finijiet ta' kontroll u ta' traċċabbiltà u ta' appoġġ b'rabta mal-prodott. Dan xi drabi jissejjaħ "numru tas-serje tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni" jew "numru tal-kostruzzjoni".

Kaxxa 9 It-tip ta' magna u t-tip(i) ta' skrun b'mod sħiħ kif iddefiniti fiċ-ċertifikat tat-tip rilevanti u fl-iskeda tad-*data* assoċjata tiegħu jew fid-dikjarazzjoni rreġistrata tal-konformità tad-disinn. Jenħtieġ li jiġu ddikjarati wkoll in-numru ta' identifikazzjoni/referenza tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni tagħhom u l-post assoċjat magħhom.

Kaxxa 10 Bidliet fid-disinn approvat jew iddikjarat fid-definizzjoni tal-inġenju tal-ajru

- Kaxxa 11* Lista tad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà (jew ekwivalenti) kollha li huma applikabbli u dikjarazzjoni tal-konformità mad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà, flimkien ma' deskrizzjoni tal-metodu applikat sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-inġenju tal-ajru individwali li jkun is-suġġett ta' ċertifikat, inklużi l-prodotti u l-partijiet u t-tagħmir installati. Kwalunkwe limitu ta' żmien futur li fih trid tintlaħaq il-konformità jenħtieġ li jiġi ddikjarat.
- Kaxxa 12* Devjazzjonijiet mhux intenzjonati, li jkunu ġew approvati jew iddikjarati, mid-disinn tat-tip approvat jew mid-disinn iddikjarat, li xi drabi jissejħu "konċessjonijiet", "diverġenzi" jew "nuqqas ta' konformità".
- Kaxxa 13* F'din il-kaxxa jistgħu jiġu inklużi biss l-eżenzjonijiet, ir-rinunzi jew id-derogi li jkun intlaħaq ftehim dwarhom jew li ġew iddikjarati.
- Kaxxa 14* Kummenti. Kwalunkwe dikjarazzjoni, informazzjoni, *data* jew limitazzjoni partikolari li tista' taffettwa l-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru suġġett. Jekk ma jkunx hemm informazzjoni jew *data* ta' dan it-tip, niżżel "L-EBDA INFORMAZZJONI".
- Kaxxa 15* Niżżel "ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà", jew "ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett", bħala ċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà mitlub.
- Kaxxa 16* F'din il-kaxxa jenħtieġ li jiġu indikati rekwiżiti addizzjonali, bħal dawk innotifikati mill-pajjiż li jkun qed jimporta.
- Kaxxa 17* Sabiex id-dikjarazzjoni tal-konformità tkun valida, il-kaxxi ta' din il-formola għandhom jimtlew kollha b'mod sħiħ. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni jenħtieġ li tarkivja kopja tar-rapport tat-test tat-titjira, flimkien ma' kwalunkwe difett irreġistrat u dettall ta' rettifika. Jenħtieġ li r-rapport jiġi ffirmat bħala sodisfaċenti mill-persunal xieraq li jiċċertifika u minn membru tal-ekwipaġġ, eż. il-pilota tat-test jew l-inġinier tat-test tat-titjira.

It-testijiet tat-titjira mwettqin huma dawk iddefiniti taħt il-kontroll tal-element ta' ġestjoni tal-kwalità tas-sistema tal-produzzjoni, kif stabbilit jew:

1. mill-punt (b) tal-punt 21L.A.124; jew
2. mill-punt (f) tal-punt 21L.A.273,

sabiex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jikkonforma mad-*data* tad-disinn applikabbli, u jkun f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu.

L-elenkar tal-oġġetti pprovduti (jew magħmula disponibbli) sabiex jiġu ssodisfati l-aspetti ta' din id-dikjarazzjoni li huma relatati mat-tħaddim sikur tal-inġenju tal-ajru, jenħtieġ li jiġi arkivjat mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

- Kaxxa 18* Id-dikjarazzjoni tal-konformità tista' tiġi ffirmata mill-persuna awtorizzata li tagħmel dan mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni f'konformità mal-punt (d) tal-punt 21L.A.125 jew mal-punt (b) tal-punt 21L.A.273. Għall-firma, ma jistax jintuża timbru.
- Kaxxa 19* L-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jenħtieġ li jiġi ttajpjat jew stampat b'mod leġġibbli.
- Kaxxa 20* Jenħtieġ li tingħata d-data ta' meta ġiet iffirmata d-dikjarazzjoni tal-konformità.
- Kaxxa 21* Indika r-referenza tal-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti.

ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ

[ISEM L-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI]

Referenza tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni:

Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz f'konformità ma' 21L.A.126(e) jew ma' 21L.A.273(8) tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 (ħassar kif xieraq).

Inġenju tal-ajru:Tip:Nru tal-Konstruttur/Reġistrazzjoni:

saret il-manutenzjoni fuqu kif speċifikat fl-ordni tax-xogħol:

Deskrizzjoni fil-qosor tax-xogħol li sar:

Jiċċertifika li x-xogħol speċifikat twettaq f'konformità ma' 21L.A.126(e) jew ma' 21L.A.273(8) tal-Anness Ib (il-Parti 21 Light) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 (ħassar kif xieraq) u fir-rigward ta' dak ix-xogħol, l-inġenju tal-ajru jitqies lest għar-rilaxx għas-servizz u, għalhekk, huwa f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu.

Persunal li jiċċertifika (isem):

(firma):

Post:

Data: . . - . . - (jum, xahar, sena)

Formola 53B tal-EASA — Il-Ħarġa 1

STRUZZJONIJIET GĦALL-MILI

Il-Kaxxa DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAX-XOGĦOL LI SAR li tidher fil-FORMOLA 53B tal-EASA jenħtieġ li tinkludi referenza għad-*data* approvata użata sabiex isir ix-xogħol.

Il-Kaxxa POST li tidher fil-FORMOLA 53B tal-EASA tirreferi għall-post fejn tkun saret il-manutenzjoni, u mhux għall-post tal-faċilitajiet tal-organizzazzjoni (jekk ikun differenti).”.